# Il-Ħajja f'Għawdex

€2

Awwissu-Settembru 2009 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 64 SENA * Nru. 910



## ID-DEĊENZA ... għaddiet żmienha?

GOZO CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
DONATED BY Fr Tony
3/13
(DATE)
GAD 193505

# Sena Saċerdotali 2009-2010



*F'għaqda mal-Knisja Universali,*
*id-Djoċesi ta' Għawdex titlob*
*u taħdem b'servizzi letterarji*
*b'risq il-Qdusija tas-Saċerdoti*
*kif mixtieq mill-Papa Benedittu XVI.*

**Fix-xhur li ġejjin, il-"Lumen Christi Publications" ser toħroġ ħames kotba utli ħafna għall-formazzjoni spiritwali tal-kleru u l-lajċi f'dan il-qasam:**

1. *"NITOLBU MAL-PAPA GĦALL-QDUSIJA TAS-SAĊERDOTI"*
   100 Ħsieb-Talba meħuda mid-Dokumenti Pontifiċji tal-Papa Benedittu XVI. *Editur: Dun Anton Sultana*

2. *"IL-GWIDA TAL-PELLEGRIN"*
   Ktieb famuż ta' meditazzjonijiet spiritwali tal-Kardinal Basil Hume. *Traduzzjoni: Carm C. Cachia*

3. *"PARIRI SPIRITWALI TAL-KURAT TA' ARS"*
   Kumpilazzjoni ta' pariri siewja li kien jagħti San Ġwann Maria Vianney, il-patrun ġdid tas-saċerdoti. *Miġbura minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritus ta' Għawdex.*

4. *"IL-ĦAJJA TA' MONS. ĠUŻEPPI DEPIRO"*
   Bijografija fil-qosor ta' Saċerdot Malti, fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. *Kitba: M.S.S.P.*

5. *"TLETIN XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA"*
   30 profil ta' Saċerdoti u Lajċi Għawdxin li taw xhieda qawwija f'ħajjithom għall-Vanġelu.
   *Kitba: Angelo Xuereb*

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

Tel: 2156 0496

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 910***
***Awwissu-Settembru 2009***
**Maħruġa mid-**
**Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

***e-mail:*** **gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 17
Għawdex fil-Ġurnali • 18
Għawdex fil-Parlament • 19
Kummentarju (2) • 20
Kummentarju (3) • 22
Attwalità • 23
Kotba minn Għawdex • 24
Letteratura Għawdxija • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Solidarjetà Nisranija (2) • 28
Snajja Qodma (22) • 30
Kummentarju (4) • 32
Kummentarju (5) • 33
Mil-Lenti tat-Telekamera (2) • 34
Speċjali Sena Saċerdotali • 36
"Picture Story" (6) • 37
Passiġġata Biblika (48) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (17) • 40
Għawdex 300 sena ilu (175) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (11) • 43
Ftit fatti u kummenti • 44
Play-forum (5) • 46
Mix-Xena Sportiva • 49
Għawdex max-Xhur • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joe Zammit, Charles Spiteri, Lynda Caton Roseblade, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, u Ministeru għal Għawdex.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *Il-Mara Għawdxija mal-Moda (Impressjoni litografika ta' DAS).*





# Dan is-Sajf bil-Virus!

*Biżżejjed daqsxejn ta' virus biex idaħħal f'qoxritha l-arroganza tas-soċjetà tal-konsumi rrankata kif inhi fil-fundamentaliżmu tal-pjaċir. Biżżejjed imxija ta' influwenza kemm kemm straordinarja biex il-bniedem b'fiduċja għamja fil-ħila 'omnipotenti' tiegħu jħossu mhedded bla ma għandu mkien fejn jistaħba. Daqsxejn ta' virus għandu ħila jilgħab noli tal-waħx mar-riċerkaturi fil-laboratorji kollha tad-dinja.*

*Il-bniedem mimli bih innifsu, li mingħalih kapaċi joħloq hu ġenna fuq l-art u jdawwar hu l-pjaneta max-xemx jiġi malajr wiċċ imb wiċċ mar-realtà. Mimli bih innifsu, il-bniedem lil Alla, li ħatarna lkoll uliedu, jagħtih il-pensjoni biex joħorġu biss għal xi okkażjoni bħal veteran bil-medalji fuq sidru, dekorazzjonijiet tal-imgħoddi glorjuż. Iżda mbagħad, ma jgħoddux għall-qerda tal-virus l-għodod tal-firda fost l-aħwa, li fihom jintefqu flejjes bla rażan – il-karrijiet armati, il-missili tal-gwerra, hekk imsejħa 'iġjenika'. L-imxija ta' das-sajf ġabet magħha waqt ta' għarfien tad-dgħufija tal-umanità u tal-ħtieġa urġenti tas-solidarjetà.*

*Mill-virus tal-influwenza jidher il-fatt kemm tabilħaqq aħna qrib xulxin – distanza wieħed mill-ieħor ta' għatsa u tqaħqiħa. Tant niddependu wieħed mill-ieħor, u sadattant maħkumin mill-egoiżmu. Għaliex, biex nersqu b'dan id-diskors lejn l-ambjent żgħir tagħna, jekk Għawdex ma kienx das-sajf immuni għall-virus tal-influwenza globalizzata, wisq inqas hu immuni għall-virus tal-egoiżmu li jifridna u jbegħidna minn xulxin. Hu virus fin u qawwi, milqugħ fostna u mogħti merħba. U jekk il-virus H1N1 jittieħed u jkun tard wisq xħin nintebħu, daqstant ieħor qiegħed jittieħed mill-eżempju ta' xulxin il-virus tal-egoiżmu bid-differenza li b'dan ma nintebħux. L-egoiżmu sar parti mill-kultura tagħna, virus li qed ikidd is-soċjetà tagħna.*

*B'ħarsa madwarna malajr nosservaw is-sintomi tiegħu: is-sewqan perikoluż, il-parking bl-addoċċ, l-indeċenzi tal-istaġun, it-tixrid u n-negozju tad-droga, il-popolarità tal-"gaming", il-vandaliżmu, l-emfasi fuq id-drittijiet, in-nuqqas ta' responsabbiltà fid-dmir, il-qligħ mingħajr kuxjenza, il-ħalf għall-kumditià, il-kwistjonijiet bejn l-aħwa fuq il-wirt, it-tifrik tal-familji, u l-inġustizzji kollha soċjali.*

*U b'danakollu, hija l-familja bil-valuri awtentiċi nsara l-aħħar laboratorju fejn jista' jinstab il-vaċċin għal din l-epidemija soċjali.*

*Imma liema familja mhux ser ma tinħakimx, ftit jew wisq, darba jew oħra, miz-tsunami li qed idawwarha? Ebda waħda! Iżżommx soda jew le jiddependi mis-salvawomo li l-membri tagħha jħaddnu magħhom fis-siegħa tal-prova – ikunx dak tal-egoiżmu jew l-ieħor tal-imħabba-sagrifiċċju. L-imħabba hi moda f'ħafna forom; iżda disgrazzjatament mhux f'din ta' l-aħħar. Ma naslux biex inħobbu sal-punt li min jagħti hieni aktar minn min jieħu. Dan hu l-monstru li s-soċjetà tagħna ma baqalhiex ħila teqred: il-virus tal-egoiżmu!*

**Joseph W. Psaila**






***Ordinazzjoni presbiterali ta' tlett djakni***

Nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju, fil-Katidral tad-djoċesi tagħna, tlett dajkni rċevew l-ordinazzjoni presbiterali minn idejn Mons. Isqof Mario Grech. Dawn huma: Anthony Bajada, Joseph Curmi, u Richard Nazzareno Farrugia, it-tlieta li huma mill-parroċċa tax-Xagħra. Il-ġemgħa, li nġabret f'għadd sabiħ fil-Katidral setgħet issegwi il-waqtiet ewlenin tal-liturġija tal-ordinazzjoni: il-preżentazzjoni tal-kandidati u t-tweġiba tagħhom ta' "Hawn jien!"; is-sejħa lill-Ispirtu s-Santu permezz tat-talba mill-eqdem tal-*Veni Creator Spiritus*; it-tqegħid tal-idejn mis-saċerdoti kollha li kienu preżenti fuq ras il-kandidati għas-saċerdozju; it-talba tal-ordinazzjoni mill-Isqof, u d-dilka taż-żejt fuq idejn is-saċerdoti l-ġodda, l-għoti tal-paċi; u l-għoti tal-



kalċi. Il-liturġija kienet animata bil-kant mill-kor *Voci Angeliche* tax-Xagħra, kif ukoll kienet imxandra fuq Radju Marija. L-ordinazzjoni ħabtet mas-sollennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej u għalhekk l-omelija tal-Isqof kienet riflessjoni dwar l-importanza u t-tifsira tal-misteru tal-Ewkaristija fiż-żminijiet tagħna.



***Żewġ seminaristi oħra ordnati djakni***

F'quddiesa sollenni li saret ġewwa l-Katidral nhar it-23 ta' Ġunju żewġ seminaristi, Noel Debono mill-parroċċa tan-Nadur, u Maximillian Grech mill-parroċċa tal-Katidral, ġew ordnati djakni minn Mons. Isqof Mario Grech. Din il-liturġija għandha ħafna xebh mal-liturġija tal-ordinazzjoni presbiterali, iżda d-djakni l-ġodda jiġu mogħtija l-ktieb tal-Kelma ta' Alla minflok il-kalċi, u jitlibbsu stola minn spallithom tax-xellug li tinqafel fuq ġenbhom tal-lemin. Barra minn hekk ma jiġux midluka biż-żejt tal-griżma. F'din il-liturġija ħa sehem il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis* li anima bil-kant.



***Ftuħ tas-sena saċerdotali f'Għawdex***

Wara li fis-16 ta' Marzu li għadda l-Papa Benedittu XVI ħabbar li kien se jniedi sena saċerdotali li matulha l-Knisja Kattolika tirrifletti iktar fit-tul dwar il-ministeru saċerdotali, fid-19 ta' Ġunju, sollennità tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, huwa fetaħ uffiċjalment din is-sena li se tibqa' sejra sa Ġunju 2010. Fid-djoċesi tagħna, din is-sena ġiet miftuħa permezz ta' adorazzjoni mis-saċerdoti kollha t'Għawdex li saret ġewwa l-parroċċa tal-Fontana u li tmexxiet mill-Isqof Grech. Fost oħrajn kien hemm il-kant tal-Għasar, ħsieb mill-Isqof, talb li ġie magħmul minn għadd ta' saċerdoti, u l-barka sagramentali. Marbuta ma' din is-sena kien hemm ukoll konferenza li ta l-Isqof tad-

djoċesi ta' Chieti Vasto (l-Italja), Mons. Bruno Forte, li huwa wkoll teologu u awtur ta' diversi kotba, u li s-suġġett tagħha kien dwar l-ispiritwalità tas-saċerdot f'rabta mal-quddiesa. Din saret fiċ-ċentru "Ir-Ragħaj it-Tajjeb" ġewwa taċ-Ċawla, u għaliha kien hemm ukoll għadd ta' saċerdoti Taljani mill-istess djoċesi li kienu qed jagħmlu pellegrinaġġ fuq il-passi ta' San Pawl.



### *Il-Kardinal Ennio Antonelli f'Għawdex*

Il-familja u n-nawfragju ta' San Pawl fil-Gżejjer Maltin kienu l-qofol tal-attivitajiet f'Għawdex marbuta maż-żjara tal-Legat Speċjali tal-Papa Benedittu XVI għall-għeluq tas-Sena Pawlina.

Il-Kardinal Antonelli akkumpanjat min-Nunzju Appostoliku għal Malta, Mons. Tommaso Caputo, Mons. Isqof Mario Grech, Mons. Giovanni Bosco Gauci, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi u Dun Joseph Borg tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl (dawn tal-aħħar, membri tal-Missjoni Pontifiċja), l-Arċipriet tal-Parroċċa tan-Nadur, Mons. Salv Muscat, il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Munxar, Dun Tonio Galea u Dun Eddie Zammit, l-Assistent Personali ta' Mons. Isqof Grech, telaq minn Buġibba lejn il-Port tal-Mġarr, Għawdex, fuq il-lanċa Baracuda. Malwasla fl-Mġarr, il-Kardinal Antonelli, intlaqa' mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u mis-Segretarju Pastorali tad-Djoċesi Għawdxija, Dun Giovanni Curmi. Imbagħad twassal in-Nadur, f'karrozza mikxufa, b'*carcade.*

Il-Banda Mnarja laqgħet il-Kardinal Antonelli bl-Innu Pontifiċju ħdejn is-Salib tal-Pjazza fejn sar it-tberik tal-pedestall mill-imsemmi Kardinal, liema pedestall ġie rrestawrat din is-sena.



Wara, il-Kapitlu u l-Kleru tal-Knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl laqgħu lill-Kardinal Antonelli u minn ħdejn is-Salib tal-Pjazza akkumpanjawh sal-Bażilika.

Il-Kardinal, fil-portiku tal-knisja, bierek lapida tal-okkażjoni. Imbagħad mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali Sollenni, fl-okkażjoni tal-għeluq tas-Sena Pawlina, assistit min-Nunzju Appostoliku Mons. Caputo, mill-Isqof Mons. Mario Grech, mir-rappreżentanza tal-Kapitlu Katidrali u bis-sehem tal-Kapitlu u Kleru tal-Bażilika u r-Reverendi Kappillani tad-Djoċesi Għawdxija.

Lejn tmiem il-Konċelebrazzjoni, l-Arċipriet Mons. Salv Muscat ippreżenta lill-Kardinal Antonelli salib tal-kavallieri tal-fidda kif ukoll karlotta. Min-naħa tiegħu, il-Kardinal Antonelli rregala l-karlotta personali lill-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, liema karlotta l-imsemmi Kardinal użaha fil-konklavi li fih intgħażel il-Papa Benedittu XVI.

L-Arċipriet Muscat ippreżenta wkoll stola b'tifkira tas-Sena Pawlina lill-Kardinal Antonelli, lil Nunzju Appostoliku, Mons. Caputo u lill-Mons. Isqof Grech.



Min-Nadur il-Kardinal Antonelli baqa' sejjer lejn il-Parroċċa ta' San Pawl fil-Munxar fejn bħan-Nadur kien milqugħ b'entużjażmu mill-poplu. Meta daħal il-knisja, qatta ftit minuti ta' talb. Wara l-Kappillan Dun Tonio Galea għamel diskors ta' merħba. Inqraw siltiet mil-liturġija, u l-Kardinal indirizza lill-familji preżenti. Kelmtejn oħra saru minn Mons. Isqof Mario Grech. Imbagħad l-Emminenza Tiegħu l-Kardinal irreċita l-*Angelus* u ta' l-Barka tiegħu. Wara kixef ukoll rħama kommemorattiva.

Il-Kardinal Antonelli kien il-mistieden tal-unur għall-ikla fil-Lukanda Grand, f'Għajnsielem. Wara rritorna lura Malta, din id-darba ċ-Ċirkewwa, fuq l-istess lanċa.

Sadattant fl-okkażjoni liturġika tal-Appostli San Pietru u San Pawl, nhar it-Tnejn 29 ta' Ġunju, fil-Knisja Arċipretali, Matriċi, Kolleġġjata Insinji u Bażilika tan-Nadur, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali Sollenni assistit mill-Kapitlu u Kleru tal-Parroċċa. Wara l-omelija tal-okkażjoni, Mons. Isqof Grech ippreżenta l-Premju Qalb Ġeneruża lil Maria-Michela Camilleri ta' tnax-il sena għall-ħidma tagħha fil-parroċċa.



***Jingħata l-Pussess ta' Monsinjur***

Il-Kanonku Ġużeppi Cauchi mill-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, Nadur, ingħata l-pussess ta' Monsinjur tal-Kapitlu Katidrali, waqt ċerimonja fil-Katidral tal-Assunta, ir-Rabat, Għawdex, immexxija mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu, Mons. Giovanni Bosco Gauci.

Mons. Cauchi serva għal għoxrin sena sħaħ bħala Kanonku tal-Insinji Kolleġġjata u Bażilka ta' San Pietru u San Pawl. Għal tlieta u tletin sena sħaħ wettaq diversi dmirijiet b'risq is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, fil-kariga ta' għalliem, prefett tas-seminaristi u prokuratur. Matul dawn is-snin, Mons. Cauchi rnexxielu jibdel il-bini tas-Seminarju li għandu fuq mitejn sena u li kien jintuża bħala l-iSptar ta' San Ġiljan, f'post modern mingħajr biss ma' bidillu l-arkitettura u l-karatteristika tiegħu.

Illum huwa s-Segretarju Amministrattiv tal-Kurja Djoċesana u Prokuratur Aġġunt tal-Proprjetà tal-Knisja Katidrali kif ukoll Rettur tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pompej.



***Jiċċelebraw lil Padre Pio***

Il-Gruppi ta' Talb Għawdxin, iltaqgħu fil-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini, fir-Rabat, Għawdex, biex jiċċelebraw Jum Twelid il-Fundatur tagħhom Padre Pio ta' Pietrelcina. F'din l-okkażjoni, il-membri ta' dawn il-Gruppi ppreżentaw żewġ Boroż ta' Studju lill-Provinċjal tal-Kapuċċini f'Malta, Patri Joe Alessandro, b'risq il-Missjunarji Kapuċċini tal-Kenja.

Il-membri ta' dawn il-Gruppi ta' Talb ħassew li ġest bħal dan kien jixraq tassew f'okkażjoni bħal din. Dan għaliex huma jafu tajjeb kemm Patri Piju kellu għal qalbu l-Missjoni. Tant hu hekk, li fl-1905, meta Patri Piju kien għadu seminarista fil-kunvent ta' Sant'Elia a Pianisi, kien talab bil-ħerqa lill-Ministru Ġenerali tal-Provinċja, Patri Bernardo D'Andermatt, biex jibagħtu Missjunarju. Il-Provinċjal ma kellux triq oħra ħlief li jirrifjuta din it-talba minħabba li Patri Piju kien marradi ħafna u għalhekk saħħtu ma kinitx tippermetti li jmur il-Missjoni. Wara diversi talbiet oħra, li kollha kemm huma ma ġewx aċċettati, Patri Piju fl-aħħar irrassenja ruħu u fl-1922 insibu li kiteb hekk lil Monsinjur Poli, Vigarju Appostoliku fl-Indja, "Sa nwettaq il-Missjoni tiegħi b'talb umli, ferventi u ma jaqta' xejn. Iva Padre, fiżikament ninsab hawnhekk, imma ninsab magħqud magħkom fl-ispirtu."

Għalhekk, meta l-membri kienu jafu dan kollu, ma setgħux ma jħossux id-dmir li jagħmlu dak id-daqsxejn ta' sagrifiċċju biex jgħinu kif jistgħu lill-Missjunarji Kapuċċini, u hekk ipattu xi ftit għal dak li xtaq jagħmel Patri Piju, imma saħħtu ma kinitx ippermettitlu li jagħmel dan.



***Jum is-Saċerdoti***

Fl-okkażjoni tat-tifkira ta' San Ġwann M. Vianney, saċerdot, u tad-dikjarazzjoni tal-Papa Benedittu XVI tal-ħatra ta' dan il-qaddis bħala l-Patrun tas-saċerdoti u f'egħluq il-ħames anniversarju mill-mewt ta' Dun Mikiel Attard, saċerdot kariżmatiku li ġibed lejh lil kull min xi darba kellu kuntatt miegħu, b'mod speċjali sħabu s-saċerdoti, ż-żgħażagħ, il-ġuvintur u r-reliġjużi li kien jgħinhom jikbru fil-ħajja interjuri bid-direzzjoni spiritwali tiegħu, is-saċerdoti tad-Djoċesi Għawdxija flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech u Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, nhar it-Tlieta 4 t'Awwissu, filgħaxija, ikkonċelebraw flimkien fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'Victoria b'kelmtejn tal-okkażjoni minn Mons. Isqof Cauchi, u wara iltaqgħu lkoll għal platt sħun, fuq il-bejt taċ-Ċentru Pastorali, imħejji għalihom mill-voluntiera taċ-ċentru.

Cafè & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

*Kummentarju (1)*

# *Ladarba Għawdex jibqa' "jiċkien"!*



*kitba ta'* MONS. SALV GRIMA

**Niftehmu li bħala gżira, Għawdex ilu għal eluf ta' snin bl-istess daqs ġeografiku tiegħu. Lanqas ma jgħaddi minn moħħna li għad jinbidel fit-territorju tiegħu, la jiżdied u lanqas jonqos. Frattant tibdil ieħor għadda minnu u jibqa' għaddej: fl-għadd ta' abitanti, fil-bini u stabbilimenti oħrajn, fit-tiswir ta' l-istorja, fid-dehra ġenerali tiegħu, fil-kultura u drawwiet oħra, u mhux ftit ladarba tinħass ġmielha l-forza ta' fehmiet dejjem ġodda u frott it-taħlit mal-bqija tad-dinja.**

Lanqas ma jidher li qed jiċkien għal min qed jifhem dan f'isem il-progress. Infatti ħafna jkejlu dan skont kemm jikber u jogħla l-livell tal-ħajja, il-ġid materjali, il-qasam edukattiv anki dak universitarju, il-kura u s-saħħa fiżika, il-postijiet ta' divertiment, kif ukoll jekk jissemma' x'wirt naturali u kulturali tħaddan din il-gżira, il-kontribut li Għawdex jista' u qed joffri lill-barrani, u l-istess influwenza barranija fostna. Kollox juri l-mentalità u l-istil ta' ħajja li għamlu qabża kbira fi żmienna!

It-turiżmu intern hu mifhum bħala fattur ieħor qawwi fit-tibdil u t-tkabbir ta' Għawdex. **Mhux biżżejjed l-għadd kbir ta'** ***flats*** **u** ***farm houses*** **imfittxija għal xi btala qasira.** Kotru anki l-ħwienet li issa qed jitħajru li jiftħu l-Ħadd ukoll. Il-Maltin li bdew jiskopruh baqgħu jiżdiedu mhux biss bl-eluf f'dawk il-ġranet jew ċirkostanzi partikulari li jiġbdu folol kbar lejh, imma f'kull żmien ieħor matul is-sena. Żdiedu wkoll ħafna l-kuntatti ma' tal-gżira l-oħra u xejn inqas mal-barranin, l-iktar ma' dawk ewropej. Allura kif tgħid li Għawdex qed jiċkien?



Anki t-tradizzjonijiet reliġjużi baqgħu joktru fl-għadd u fil-pompa tagħhom. Lanqas il-festi li wħud minnhom hemm marbut l-aspett "liturġiku" ma baqgħu lura. La dawk ta' natura profana f'rabta mal-lokal u lanqas dawk parrokkjali. Fid-dieher din hija r-realtà. Anki ċelebrazzjonijiet ta' funerali, tiġijiet, anniversarji, l-ewwel tqarbina jew attivitajiet soċjali oħra, ilkoll ħadu xejra ġdida u differenti. Mhix nieqsa l-idea li wieħed jagħmel mill-aħjar, ħafna drabi f'sens ta' kompetizzjoni u "mill-aqwa"! Magħhom żdied sewwa l-kummerċ "reliġjuż" li sab ukoll min irewwaħlu l-ħin kollu.

**F'dawn l-aħħar xhur issemma' ħafna d-*deficit* jew żbilanċ. Barra minn dak finanzjarju, id-*deficit* dan l-aħħar ingħata tifsira wkoll f'rabta ma' oqsma oħra tal-ħajja, anki dik morali u xejn inqas Għawdxija. Eżempji ta' fejn jidħol l-iżbilanċ tal-valuri ma jonqsux. Spiss xi mezzi tax-xandir jinbxu lill-fidili nsara li l-għadd ta' dawk li jattendu l-quddiesa nhar ta' Ħadd naqas ġmielu meta paragunat ma' 30/40 sena ilu. F'Għawdex, dan qed jirrifletti wkoll!**

***Iktar Ġerħat***

Jekk dawk li jressqu t-talba dwar l-annullament taż-żwieġ fit-tribunali ekkleżjastiċi jew għas-separazzjoni qed ikomplu jiżdiedu, dan huwa sinjal ieħor dwar x'direzzjoni qabdet ir-rotta tal-familja. Dawn barra dawk li qabdu stil ta' ħajja matrimonjali barra miż-żwieġ, u oħrajn li sseparaw u bdew rabtiet ġodda bla ma qagħdu jfittxu xi proċeduri legali. Għadu jintqal li "d-divorzju jkompli jbaqbaq". X'joħroġ mis-*surveys* li jsiru fost l-universitarji nafuh ukoll. U Għawdex għandu sehemu wkoll!

**Il-folol, it-trijonfaliżmu, il-massa storbjuża jagħtu l-impressjoni ta' saħħa, poter, ta' entużjażmu, ta' superfiċjalità. Kollha elementi li qajla jaqblu ma' l-ispirtu tal-Vanġelu. L-atmosfera Għawdxija tagħmel parti minn dan ukoll.** Dan japplika wkoll fl-istorja "reliġjuża" ta' żmienna u skont id-daqqa ż-żifna. Jaqbel nagħmel bħal ħaddieħor, ladarba llum sirna hekk. Uħud minn dawn "il-folol imħallta" jinġabru waqt funerali,

ċelebrazzjonijiet ta' żwiġijiet, sollennitajiet jew festi. Mhux l-apparenza kollox, għax tista' tkun mezz ta' aljenazzjoni, jekk ma jkunx hemm aktar ġenwinità fir-relazzjoni personali ma' Alla. L-agħar meta mhux biss jekk nikkonkludu ġudizzji żbaljati, imma wkoll meta ssir profanazzjoni lill-Ewkaristija, xi ħaġa li wissa dwarha San Pawl *(ara 1 Kor 11, 27-34)*. **Wasalx iż-żmien li anki f'Għawdex f'okkażjonijiet simili, fejn l-udjenza tkun waħda mħallta sewwa, tingħata spjega qasira dwar il-ħtieġa tad-dispożizzjoni għal min ikun ser jersaq għat-tqarbin?**

Il-prattiċi nsara tradizzjonali fil-parroċċi jagħmlu parti mill-ħidma pastorali. Fosthom inklużi l-għaqdiet reliġjużi, ċentri tad-duttrina għaż-żgħar u adolexxenti, tħejjija għas-sagramenti, iż-żmien liturġiku matul is-sena, il-komunitajiet ġodda u attivitajiet oħra. Mhux mingħajr sagrifiċċji kbar għalkemm dawk li jipparteċipaw huma f'numru limitat. Jew uritna Kristjaniżmu mlaqqam b'tilqima falza "għax ta' bilfors"?

Għadha tgħodd għalina t-twissija ta' Isaija li fakkarhielna Kristu meta qal: "Tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għalqu għajnejhom...." *(Mt 13, 15)*? Mela kif qed joktru l-każijiet ta' firdiet serji bejn l-aħwa u l-familjari fejn jidħol il-wirt u l-qsim tal-propjetà? **Fiex inhu n-numru ta' ħutna l-Għawdxin li qed jinħakmu mill-indifferenza, telqa, materjaliżmu jew edoniżmu, jekk mhux ukoll mill-abbandun totali tal-valuri nsara, għalihom infushom, għal uliedhom, u xejn inqas għal sħabhom il-bnedmin?** Ittieħidna mill-influwenza tas-soċjetà tal-lum fejn jidher li Alla qed idejjaqha? Nistgħu ngħidu li arja mniġġża bħal din mhix dieħla fostna wkoll, u għalhekk tirrifletti aħniex nikbru jew niċkienu?

*Allura?*

Bħal daż-żmien sena kienet diġà bdiet titfassal, titħejja u toħloq sens ta' stennija l-Missjoni Djoċesana li mbagħad twettqet fuq erba' perijodi minn Ottubru sa l-Għid il-Ħamsin. Fost affarijiet oħra saret sejħa għall-missjunarji lajċi, bi spirtu ta' appostolat nisrani. Il-ħeġġa ta' dawk li wieġbu ntweriet f'ħafna mumenti ta' laqgħat, ta'



formazzjoni, ta' ċelebrazzjoni, ta' żjajjar lill-familji u ta' **xhieda ta' Knisja ħajja**. Fosthom ta' min isemmi l-laqgħa ta' radd il-ħajr lil Alla nhar id-29 ta' Jannar fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Dawk preżenti kellhom imkebbsa f'qalbhom xewqa u ħeġġa li jissoktaw fil-mixja li kienu qabdu u kont tista' taqra l-ħsieb tagħhom li kien jgħid: "Komplu fformawna u ħejjuna ħalli nwasslu l-Vanġelu biex Għawdex tagħna ma jkomplix jiċkien".

**Quddiem ir-realtajiet l-oħra kollha li Għawdex se jibqa' għaddej bihom, is-sejħa u l-isfida tan-nisrani awtentiku qed tinħass dejjem iktar u tkompli tikber. Kristu ma kkonfondiex isejħilhom "merħla ċkejkna" biex jagħżilha mill-massa tal-folol u taċ-ċirkostanzi għalkemm dawn ukoll jeħtieġu min jiragħhom u jieħu ħsiebhom, missjoni li titlob impenn isħaħ, mibni fuq il-konvinzjoni, il-koerenza u l-perseveranza.**

**Bħala wlied San Pawl, li m'aħniex neqsin mit-tifkiriet ċentinarji tiegħu, u li matul l-istess sena għexna l-Missjoni Djoċesana, la jixraq li nitfu d-dawl li bih nistgħu nibqgħu naraw aħjar x'inhu Għawdex tagħna llum, u lanqas nitilfu l-ħeġġa għall-identità nisranija tant meħtieġa biex, bħala appostli ffurmati aħjar, iktar lajċi jwasslu d-dawl ta' Kristu fix-xandir tal-verità.**

RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE

"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Għawdex jesperjenza taħlita ta' turiżmu barrani u intern*

L-aħħar erbat'ijiem ta' Ġunju żviluppaw f'attività turistika madwar il-gżira ta' Għawdex hekk kif numru ta' turisti Maltin u barranin żaru l-gżira matul dawn il-jiem.

Bejn il-Ġimgħa 26 u t-Tnejn 29 ta' Ġunju, il-vapuri tal-kumpanija *Gozo Channel* ġarrew 62,760 passiġġier u 17,064 vettura bejn iż-żewġ gżejjer. Dan kien ifisser żieda ta' kważi 9000 passiġġier u 3000 vettura meta mqabbel ma' l-istess ġranet tas-sena l-oħra. Jidher li l-fatt li l-festa ta' l-Imnarja ħabtet it-Tnejn kellu effett pożittiv meta numru ta' familji Maltin għażlu li jqattgħu dan il-*long weekend* f'Għawdex. Miċ-ċifri meħuda mill-kumpanija *Gozo Channel* jidher li l-Maltin bdew jaqsmu mill-Ġimgħa b'numru konsiderevoli jirritornaw bejn il-Ħadd u t-Tnejn.



*Il-cruiseliner Club Med 2*

Dan kien ikkonfermat b'sitwazzjoni pożittiva minn naħa ta' stabbilimenti turistiċi f'Għawdex speċjalment f'dak li jirrigwarda l-akkomodazzjoni kemm fil-lukandi u *guesthouses* kif ukoll fl-appartamenti u l-*farmhouses*.



*Il-vapur lussuż Royal Clipper*

L-attività turistika fuq l-art kienet ikkumplimentata bil-wasla ta' żewġ *cruiseliners* li f'temp ta' 24 siegħa għamlu waqfa fil-port ta' l-Imġarr. Madwar 300 passiġġier li bħalissa qed jagħmlu *cruise* fuq il-*Club Med 2* kellhom l-opportunità li jieqfu għal ftit sigħat f'Għawdex hekk kif il-vapur sorġa qrib il-gżira kmieni t-Tnejn filgħodu. Madwar mitejn passiġġier abbord il-vapur lussuż *Royal Clipper* waslu Għawdex l-għada filgħodu. Dawn il-passiġġieri ttieħdu fuq żjajjar madwar il-kosta ta' Għawdex u Kemmuna filwaqt li mbagħad niżlu wkoll l-art għal żjajjar madwar Għawdex.

## *Ifakkar Jum l-Ordinazzjoni Saċerdotali*

Mons. Alfred Xuereb, wieħed miż-żewġ assistenti personali tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI, nhar il-Ħadd 12 ta' Lulju, filgħodu, mexxa konċelebrazzjoni sollenni fil-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ, fir-Rabat, Għawdex, fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin anniversarju presbiterali tiegħu.

Ikkonċelebraw ma' Mons. Xuereb, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, Mons. Ġużeppi Farrugia, arċipriet emeritu tal-istess Bażilika, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata Lateranensi u membri tal-Kleru.



*In-Nunzju Appostoliku għal Malta, l-Eċċ Tiegħu Mons. Tommaso Caputo jindirizza lil Mons. Alfred Xuereb*

Ħa sehem il-kor Laudate Pueri taħt id-direzzjoni tal-Kanonku George J. Frendo. Ġiet segwita l-Missa Papa e Marcelli ta' Pier Luigi da Palestrina u motetti sagri ta' Domenico Bartolucci u Joseph Vella. Mons. Xuereb huwa Kanonku Onorarju tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

L-Eċċellenza Tiegħu Mons. Tommaso Caputo, Nunzju Appostoliku għal Malta, qara messaġġ mibgħut mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, li ordna lil Mons. Alfred saċerdot nhar is-26 ta' Mejju tas-sena 1984, għamel l-omelija tal-okkażjoni, fejn faħħar ħidmiet Mons. Alfred u appellalu sabiex jimxi fuq il-passi ta' San Ġorġ. Preżenti kien hemm ukoll Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex.

Lejn tmiem il-quddiesa, Mons. Xuereb ippreżenta lill-Knisja Ġorġjana, pjaneta bl-emblema tal-Papa Benedittu XVI, mogħtija lilu sabiex jgħaddiha lill-parroċċa.

Wara saret ikla fid-Dar tal-Parroċċa għall-familjari u sħabu saċerdoti.



*Mons. Alfred Xuereb jidher jippreżenta l-pjaneta lill-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Pawlu Cardona*



*Mons. Xuereb jaqsam kejk tal-okkażjoni*

## Ikomplu f'Għawdex l-attivitajiet relatati mal-195 sena tal-korp tal-pulizija

Komplew f'Għawdex l-attivitajiet konnessi mal-195 sena tal-korp tal-pulizija. Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet, tal-anniversarju mit-twaqqif tal-korp, nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju, filgħaxija, fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, f'Victoria, il-Kappillan tal-Pulizija f'Għawdex, Mons. Emanuel Curmi, ċċelebra quddiesa u wara talab u bierek iż-żewġ oqbra tal-pulizija li hemm f'dan iċ-ċimiterju. Tpoġġew ukoll diversi kuruni tal-ward, fosthom mid-Deputat Kummissarju Joseph Cachia, minn Neville Aquilina, Assistent Kummissarju, mis-Superintendent għal Għawdex Mario Galea, minn Wiġi Dimech, ir-rappreżentant f'Għawdex tal-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija kif ukoll kuruna oħra f'isem il-Ministru tal-Intern.



*Id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija Joseph Cachia jpoġġi kuruna tal-ward fuq l-oqbra*



*Il-Banda tal-Pulizija f'kunċert tal-okkażjoni*

Aktar tard fil-Menqa f'Marsalforn, ingħataw diversi wirjiet fosthom wieħed mis-*Silent Drill Team* taħt id-direzzjoni tal-iSpettur Stephen Mallia. Waqt illi l-Banda tal-Korp taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur, l-iSpettur Mro. Anthony Cassar daqqet diversi xogħlijiet.

## Xogħol ta' tindif u dokumentazzjoni

Qed isiru xogħlijiet ta' tindif u dokumentazzjoni taċ-Ċittadella u l-madwar bi preparazzjoni għax-xogħol ta' restawr u konsolidazzjoni tal-blat fraġli taħt iċ-Ċittadella li mistenni jibda fi ftit ta' żmien ieħor.

Ix-xogħol jinvolvi l-preparazzjoni ta' pjanti dettaljati u mudelli virtwali 3-dimenzjonali li fuqhom jiġu indikati l-materjal kif ukoll il-ħsarat eżistenti.

Dan ix-xogħol qiegħed isir mill-kumpanija Taljana *Consorzio Ferrara Ricerche* wara sejħa pubblika għall-offerti taħt is-superviżjoni tal-periti tat-Taqsima tar-Restawr fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.

Biex jitwettaq dan il-proġett qegħda tintuża l-aħħar teknoloġija avvanzata li tagħmel użu minn *laser scanners* bi preċiżjoni għolja ħafna.

Waqt żjara li l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali George Pullicino, flimkien mal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, għamlu fiċ-Ċittadella ġie spjegat lilhom ix-xogħlijiet li qed isiru.

85% ta' dan il- proġett huwa ffinanzjat bl-għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (2007-2013), ninvestu fil-futur tiegħek.

Is-sena li għaddiet inbeda x-xogħol fuq il-*masterplan* taċ-Ċittadella li huwa ko-finanzjat mill-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-Area Ekonomika Ewropea u li għalih qed jikkontribwixxu l-pajjiżi tan-Norveġja, Iżlanda u Liechtenstein. Il għan ta' dan il *masterplan* huwa illi jiġu ndirizzati aspetti ta' turiżmu u faċilitajiet għall-viżitaturi, l-użu tal-art, aspetti ekonomiċi u soċjali, immaniġġjar tat-traffiku, servizzi u infrastruttura u proposti għal tmexxija u immaniġġjar aħjar. Dan l-istudju qiegħed isir mill-kumpanija Taljana *Politecnica Ingegneria e Architettura.*



*Xogħol ta' preparazzjoni ta' pjanti dettaljati li qed isir mill-kumpanija Taljana Consorzio Ferrara Ricerche*

## *Attivitajiet fuq bażi internazzjonali*



Ix-*Xagħra Scout Group* laqgħu f'Għawdex, *scouts* mit-Turkija u l-'*Youth in Action*' tal-Unjoni Ewropea. L-i*scouts* żaru l-Gżira Għawdxija bħala preparazzjoni għall-kamp internazzjonali li ser isir ġewwa r-Ramla l-Ħamra x-xahar id-dieħel, f'Awwissu.

Barra diskussjonijiet li saru, l-barranin ittieħdu f'diversi postijiet storiċi. Apparti d-diversi attivitajiet rikreattivi li saru għalihom, fosthom *barbeque* fil-Forti Chambrai, Għajnsielem.

*Scouts mix-Xagħra flimkien ma' Ana Cristina Marcellino u Luis Aguilar mill-Portugall u Saliha Akbas u Aydan Akbas mit-Turkija, fil-Forti Chambrai*

## *Kunċert mill-Għaqda Mużikali San Girgor*

Fl-okkażjoni tal-festa titulari tal-Madonna tas-Sokkors, l-Għaqda Mużikali San Girgor taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mark Gauci, tellgħet kunċert fi Pjazza Orvieto, bl-isem ta' *Gold'n Pop.* Indaqqu diversi siltiet mużikali, fosthom, *"Eye of the Tiger"*, *"Tom Jones in Concert"*, *"1...2...3...Maria"*, *"Brown Sugar"*, *"Suspicious Minds"*, *"Tequila"*, *"The Final Countdown"* u *"Volare"*. Biex l-Għaqda Mużikali San Girgor tfakkar il-memorja tar-re tal-mużika pop Michael Jackson, indaqqet silta mużikali oħra *"We are the World"* mir-ripertorju vast ta' dan il-kantant, li tkantat minn Miriam Christine Borg. Jakkumpanja lil Miriam Christine f'diversi siltiet mużikali li ndaqqu matul il-programm kien hemm il-kantant Għawdxi Mario Caruana. Siltiet mużikali oħra li ndaqqu kienu d-diska li ġiet ikkummissjonata din is-sena mill-membri tal-Għaqda Armar Madonna tas-Sokkors, "Dit-Tislima għalik, Marija! ", l-Innu lill-Banda San Girgor, l-Innu lil Għawdex u l-Innu Nazzjonali Malti.



*Il-kunċert Gold'n Pop mill-Banda San Girgor fi Pjazza Orvieto.*

Matul il-programm saru wkoll żewġ diskorsi tal-okkażjoni, wieħed mill-President tal-Għaqda Mużikali San Girgor Dr. Joshua Grech u l-ieħor mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono.

Saru wkoll għadd ta' preżentazzjonijiet lill-Għaqda Mużikali fosthom pittura tal-kompożitur Giacomo Puccini u żewġ standardi, wieħed tal-Kontinent Awstraljan u l-ieħor tal-Istati Uniti tal-Amerika. Is-Sindku Joe Grima ta s-sehem tal-Kunsill biex setgħa jittellgħa dan il-kunċert. Maria Vella f'isem il-Kumitat tan-Nisa ppreżentat is-somma ta' 1,000 ewro. L-Għaqda Armar Madonna tas-Sokkors irregalat il-marċ "Marigor" kif ukoll plakka kommemorattiva, waqt li Raymond Azzopardi ppreżenta s-somma ta' 300 ewro. Kien hemm diversi preżentazzjonijiet oħra ta' flus li ngħataw lill-President matul il-ġurnata.

Mill-banda l-oħra, il-President tal-Banda ppreżenta tifkira lis-Sindku ta' Kerċem fl-okkażjoni tal-15-il sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali f'Kerċem, *Compact Disc* tas-sett marċi ġodda lill-Ministru Giovanna Debono, lill-Kappillan Dun Brian Meilak, ieħor lill-President tal-Għaqda Armar Madonna tas-Sokkors Albert Camilleri u lill-President tal-Kerċem Ajax Carmel Camilleri.

Ġiet ippreżentata wkoll *memento* u *CD* lill-Mons Isqof Mario Grech f'għeluq il-25 Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Mons. Isqof għamel ukoll kelmtejn tal-okkażjoni. Il-kunċert ġie ppreżentat minn Dr. Sarah Grima u Elton Vella.

## Wirja "A Journey into the Past"

*A Journey into the Past* huwa l-isem ta' wirja ta' pittura tal-artist Għawdxi Carmel Theuma li għadha kif ittellgħet fil-*Banca Giuratale*, fil-Belt Victoria. Kif jindika l-isem tal-wirja, Theuma hu ispirat mit-tempji u fdalijiet preistoriċi li jżejnu l-gżejjer Maltin. Theuma jeħodna fuq vjaġġ lura lejn il-passat u l-egħruq tagħna b'taħlita ta' surrealiżmu u fantasija. Il-Wirja nfetħet uffiċjalment minn Tony Borg, Kap tas-Segretarjat fil-Ministeru għal Għawdex.



*Il-Wirja* "A Journey into the Past". *Jidhru l-artist Carmel Theuma (lemin) u Tony Borg (fuq in-naħa ta' barra)*

## Il-musical "Pawlu"



*Il-produzzjoni Pawlu*

Fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina stabbilita mill-Papa Benedittu XVI, l-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira - Għawdex, tellgħet il-*musical* Pawlu. Dan il-*musical* bi kliem u mużika ta' Fabio Baggio ġie tradott għal Malti minn Dun Geoffrey G Attard u ttella' taħt id-direzzjoni ta' George J Cassar, President ta' l-istess għaqda.

Il-partijiet ġew interpretati b'mod tajjeb ħafna minn atturi stabbiliti u oħrajn li huma ġodda fix-xena tal-palk Għawdxi. Il-partijiet inħadmu minn Jamie Camilleri (Pawlu), Gordon J Grech (Luqa), Darren Muscat (Klawdju), Marija Grech Magro (Elewterja), Ruth Portelli (Ċeċilja), Josmar Saliba (Tullju), Paul A Stellini (Flavju) u Franco Azzopardi (Patras). L-għanjiet ta' dan il-*musical* ġew interpretati minn Jamie Camilleri, Marija Grech Magro u Ruth Portelli. Ir-*recordings* saru ġewwa *Unique Sound Recording Studio* ta' Marsalforn. Il-koreografija kienet fdata f'idejn l-Avukatessa Simone Grech u Brian Sultana. Dawl u sawnd kienu f'idejn *2CeeMedia*.

Din il-produzzjoni ttellgħet bil-kollaborazzjoni tal-Każin tal-Banda Mnarja fil-Pjazzetta Dun Martin Camilleri fin-Nadur u bil-kollaborazzjoni ta' l-Oratorju Don Bosco ġewwa Pjazza Sant'Wistin ir-Rabat.

## Pjanti li jikbru fiċ-Ċittadella

Il-*Kamomilla Aurea* hi pjanta endemika taċ-Ċittadella ta' Għawdex. Kien maħsub li din il-pjanta kienet inqerdet mill-gżejjer Maltin u issa reġgħet dehret fuq il-parapetti taċ-Ċittadella. Bħalissa għaddej eżerċizzju bejn il-MEPA u l-Ministeru għal Għawdex għall-monitoraġġ tat-tkabbir u tixrid ta' din il-pjanta. Pjanti oħra rari li jikbru wkoll fuq iċ-Ċittadella jinkludu l-Papoċċi ta' Malta *(Linaria pseudolaxiflora)*. Din il-pjanta wkoll kienet meqjusa bħala estinta miċ-Ċittadella.



*Il-pjanta Kamomilla Aurea*

## *Festa tal-Inbid*

Il-Fundazzjoni Folkloristika Ta' Klula fil-komunità ta' Santa Luċija għal sena oħra, nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju, organizzat il-festival tal-inbid "Bis-Saħħa".

Numru kbir t'Għawdxin, Maltin u barranin matul il-lejl tas-Sibt fil-pjazza prinċipali ta' Santa Luċija, iddevertew waqt id-diversi attivitajiet li ttellgħu minn gruppi folkloristiċi, fosthom mill-grupp Sinnet u dak *Ryan and the Country u l-Western Dancers*. L-artist Għawdxi-Awstraljan Paul Stellini wera l-ħila tiegħu b'diversi tpinġijiet fuq it-tila li ġibdu l-ammirazzjoni ta' ħafna. *Stands* ta' ikel tradizzjonali u xorb, u ovvjament l-inbid kienu l-elementi prinċipali ta' din l-attività annwali li kisret is-skiet ta' dan l-irħajjel ċkejken.



*Il-Grupp Folkloristiku Sinnet*

Bla dubju l-akbar sodisfazzjon hu tal-membri tal-Fundazzjoni Folkloristika ta' Klula li qed jaħdmu u jistinkaw biex jaraw li t-tradizzjonijiet ta' missirijiethom jingħataw il-ħajja permezz ta' dawn l-attivitajiet.

## *Ftuħ tal-Kampanja favur Ambjent Moralment Nadif*



Il-knisja Marjana fl-inħawi pittoreski Ta' Hamet nistgħu nsejħulha ċ-ċentru Għawdxi tad-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Fatima peress li fiha hemm l-istatwa "Djoċesana". Infatti d-Dehriet jiġu mfakkra regolarment bil-kbir. U l-ewwel dehra ma kinitx eċċezzjoni.

Iċ-ċerimonja bdiet b'siegħa Adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat, organizzata mill-Azzjoni Kattolika bħala bidu tal-kampanja annwali favur Ambjent Moralment Nadif. Wara li żgħażagħ mix-Xewkija mexxew rużarju meditat, Ġanninu Cremona saħaq fuq il-bżonn li wieħed jiddefendi l-moralità. Inqraw ukoll xi tifkiriet awtobijografiċi ta' Luċija; kien hemm kant u talb ieħor waqt li t-tfal ġew mistiedna jpoġġulha l-fjuri.

Wara Mons Isqof Nikol Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata. Fl-omelija enfasizza kemm tħobbna l-Madonna u spjega l-konsagrazzjoni individwali u komunitarja lilha. Tkellem ukoll fuq il-bżonn ta' konverżjoni kontinwa u r-responsabbiltà li n-nisrani għandu li jagħti sehmu.

Imbagħad l-istatwa ttieħdet pellegrinaġġ fit-triqat tal-madwar. L-attività ntemmet lura fil-kappella bil-barka Ewkaristika.

## *Imfakkar il-Poeta Għawdxi Ġorġ Pisani*



L-Għaqda Poeti Maltin, ikkommemorat lill-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani, waqt serata mtellgħa fuq il-Bastjun ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella. Il-programm imħejji għal din il-kommemorazzjoni kien jinkludi tagħrif bijografiku fuq Pisani, li minbarra poeta u kittieb kien ukoll għalliem u patrijott ta' Għawdex. Dan ħareġ ukoll minn dak li ntqal dwaru minn diversi kelliema waqt il-programm, li matulu nqraw ukoll siltiet minn xogħlijiet letterarji tiegħu li kienu jinkludu poeżiji, ir-rumanz 'Beraq u Qawsalli' u l-kummiedja soċjali 'Is-sigriet ta' Swor Kristina'. Ma setgħetx tonqos il-poeżija 'L-Għid taż-Żgħożija' li għaliha Pisani baqa' magħruf bħala 'l-Poeta taż-Żgħożija'. Il-programm kien imżewwaq ukoll b'interventi mużikali minn Hilary Spiteri u Joe Engerer.

Is-sur Alfred Massa, President ta' l-Għaqda Poeti Maltin, fl-introduzzjoni tiegħu fisser kif din l-Għaqda twaqqfet bil-għan li tkattar fost il-poplu Malti, l-interess għall-poeżija. Huwa għalhekk li ta' kull xahar, l-Għaqda torganizza serati ta' poeżija f'lokalitajiet differenti ta' Malta u Għawdex. L-Għaqda Poeti Maltin hija stabbilita sew fix-xenarju

letterarju Malti u rnexxielha tistabbilixxi wkoll relazzjonijiet qawwija ma' Għaqdiet letterarji barra minn Malta. Dan qed jgħin biex il-poeżija Maltija tkun apprezzata wkoll barra minn xtutna.

Waqt l-għeluq ta' din is-serata, il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono, qalet li dak li ntqal u ġie mtella' waqt il-programm, jixhed kemm Ġorġ Pisani kien iħobb verament lil Għawdex. Huwa rnexxielu jesprimi dan permezz tal-kitbiet tiegħu li ser jibqgħu dokumentazzjoni ħajja ta' bosta ħrejjef u tradizzjonijiet storiċi u folkloristiċi Għawdxin.

Il-Ministru fakkret ukoll wirja li ġiet imtellgħa aktar kmieni din is-sena fis-sala ta' l-esebizzjonijiet tal-Ministeru għal Għawdex, fl-okkażjoni ta' l-ewwel ċentinarju mit-twelid ta' dan il-poeta. Permezz tad-diversi manuskritti, korrispondenza u ritratti li kien hemm għall-wiri, spikkat il-ħidma li wettaq Ġorġ Pisani matul ħajtu. B'mod partikolari kienu jindikaw il-valuri u l-prinċipji li kien jgħożż Ġorġ Pisani bħala promotur ta' l-edukazzjoni fost il-poplu u l-apprezzament tal-wirt storiku u naturali tal-gżira ta' Għawdex.

## *Skolasajf fil-Munxar*

Għat-tieni sena konsekuttiva il-Parroċċa tal-Munxar organizzat skola sajf għat-tfal bis-sehem ta' numru ta' voluntiera. Din l-attività li ssir fuq tlett ġimgħat sħaħ u barra l-ħin għall-logħob u divertiment ieħor, isservi bħala vjaġġ spiritwali u edukattiv ta' formazzjoni tal-karattru u tal-personalità. Fuq kollox din l-esperjenza sservi biex issaħħaħ ħafna l-vauri tas-solidarjetà, il-ħbiberija, il-parteċipazzjoni, ir-responsabbiltà u l-ġenerożità. Qed tgħin lil dawk kollha li qed jieħdu sehem biex ikunu iktar kapaċi jgħixu u jaqsmu mal-oħrajn, imma fl-istess waqt ikunu indipendenti.



*Mons. Isqof Mario Grech iżur u jitkellem mat-tfal tal-Munxar*

## *Il-Ministru Giovanna Debono iżżur ċentru ta' Skola Sajf f'Għawdex*



Madwar ħames mitt tifel u tifla li matul l-aħħar sena kienu jattendu l-klassijiet tal-primarja fl-iskejjel f'Għawdex, bħalissa qed jattendu attivitajiet ta' Skola Sajf organizzati għalihom ġewwa ħdax-il ċentru madwar Għawdex. Jiġu organizzati wkoll attivitajiet ġewwa l-*Arka Respite Centre* għal dawk it-tfal li jattendu l-*iSpecial Unit* ġewwa Sannat.

L-akbar numru ta' tfal, li jlaħħaq madwar 230, jattendu l-klabb ta' skola sajf mtella' ġewwa l-oratorju Don Bosco. F'dan iċ-ċentru t-tfal qed ikollhom opportunità li jitgħallmu permezz tal-logħob f'ambjent san u akkoljenti. Il-grownd miksi bil-ħaxix sintetiku jippermetti li jsiru attivitajiet sportivi filwaqt li jiġi organizzat ukoll logħob ieħor fis-sala tal-logħob u permezz tal-kompjuters. L-istudenti jieħdu sehem ukoll fi gruppi ta' żfin u drama filwaqt li attivitajiet oħra jinkludu fost oħrajn tisjir, tpinġija, aerobics, xogħol tal-idejn, *story-telling* u prattika fil-bini ta' presepji.

L-Onor Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, għamlet żjara f'dan iċ-ċentru fejn iltaqgħet mat-tfal, l-għalliema u l-koperaturi, uħud minnhom fuq bażi volontarja, akkumpanjata minn Fr Effie Masini, direttur ta' l-Oratorju Don Bosco. Filwaqt li faħħret l-inizjattiva meħuda mid-direzzjoni ta' l-Oratorju f'dawn l-aħħar snin, spjegat kif skola sajf tagħti opportunità lit-tfal li jużaw il-vaganzi tas-sajf b'mod tajjeb. Dawk li jattendu Skola Sajf fl-iskejjel tal-lokalità ukoll jieħdu sehem f'attivitajiet li jgħinuhom jintegraw flimkien permezz tal-logħob. Il-Ministru għal Għawdex qalet li anke l-logħob jista' jkun mezz ta' tagħlim li jippromwovi etiċi tajbin li jwasslu għal żvilupp sħiħ tal-persuna. Dawn jinkludu wkoll prattiċi tajbin li jippromwovu użu tajjeb mir-riżorsi naturali u ambjentali ta' pajjiżna.

Skola Sajf f'Għawdex tiġi koordinata mill-Ministeru għal Għawdex b'kollaborazzjoni mat-taqsima Skola Sajf fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni bil-parteċipazzjoni ta' għalliema flimkien ma' studenti Għawdxin li qed isegwu korsijiet fl-Università. Minn dan il-lat tagħti wkoll opportunitajiet lill-dawn l-istudenti aktar maturi biex jagħmlu esperjenza relatata ma' l-istudji tagħhom.

Il-qasam edukattivi f'Għawdex kompla jagħti riżultati pożittivi anke fl-aħħar eżamijiet fejn aktar minn 74% ta' studenti li kienu jattendu s-sitt sena ta' l-iskola primarja għaddew mill-eżamijiet tal-*Junior Lyceum*. Bosta studenti Għawdxin għaddew ukoll b'suċċess mill-eżamijiet tal-Matrikola f'livell sekondarju u avvanzat, b'mod speċjali f'suġġetti relatati mal-lingwi, xjenza, teknoloġija ta' l-informatika kif ukoll fil-matematika, ekonomija u *accounts*.

## *Studenti tas-Seminarju f'Pariġi*

Grupp ta' 24 student mis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù, f'Victoria, għamlu żjara kulturali fil-belt ta' Pariġi. L-istudenti, flimkien mas-surmast tal-iskola, il-Kanonku Noel Saliba, l-assistent surmast Dun Michael Said u l-għalliema, Mons. Lawrenz Sciberras, Ivan Farrugia, Arnaud Bouvier, Angele Bouvier, Dorienne Portelli u Clodia Xuereb żaru diversi postijiet ta' interess f'din il-belt fosthom il-famuż Torri Eiffel, il-Katidral Notre Dame, il-Basilika *Sacre Coeur*, *L'Arc de Triomphe*, *La Defence*, *La Villette*, *le Stade de France* u it-Torri Montparnasse u l-famuż park Disneyland.



*L-istudenti tas-Seminarju jidhru flimkien mal-għalliema tagħhom waqt iż-żjara li għamlu f'Disneyland*

## *Velja tal-Għid tal-Assunta f'Ta' Pinu*



*Id-Direttur ta' Radju Marija, Fr Charles Fenech imexxi t-Talb tal-bidu*

Għat-tlettax-il sena konsekuttiva f'Ta' Pinu, saret il-Velja tal-Għid tal-Assunta, immexxija minn Mons. Isqof Mario Grech.

Mijiet ta' Għawdxin fosthom aktar minn ħames mitt pellegrin li telgħu Għawdex apposta f'pellegrinaġġ organizzat mid-direzzjoni ta' Radju Marija, ħonqu l-Pjazza tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fejn ipparteċipaw fil-kant tas-salmi u fil-quddiesa tal-vġili u ħafna minnhom baqgħu fis-Santwarju għal-lejl ta' adorazzjoni ewkaristika mmexxi minn Mons. Ruzario Ġużeppi Borg.

Numru ta' saċerdoti, fosthom id-Direttur ta' Radju Marija Fr Charles Fenech u Mons. Beneditt Camilleri, ex-Rettur tas-Santwarju u li issa ilu għal dawn l-aħħar snin fuq ħidma pastorali fl-Awstralja, ikkonċelebraw flimkien ma' Mons. Isqof Grech, li għamel ukoll l-omelija tal-okkażjoni. Il-Vanġelu nqara mid-Djaknu Dumnikan Bro Lewellyn Muscat, mill-Belt, Valletta. Ħa sehem il-Kor *Nativitas* taħt id-direzzjoni ta' Silvana Agius, bl-organista Ivan Attard. L-organizzazzjoni kienet f'data f'idejn ir-Rettur u l-Viċi Rettur tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, Dun Gerard Buhagiar u l-Kanonku Mikiel Galea.

## *Lejla ta' Divertiment f'Marsalforn*

It-Taqsima tal-Prevenzjoni Primarja tal-Fondazzjoni OASI, tellgħu t-18-il edizzjoni tal-Festival Riflessi Sajfin, fil-Menqa, tal-bajja ta' Marsalforn.

Bħas-snin l-imgħoddija, l-festival kien wieħed ta' suċċess, b'għadd ġmielu ta' artisti jieħdu sehem u b'mijiet ta' Maltin, Għawdxin u barranin fl-udjenza. Il-palk kien armat bl-aktar teknoloġija moderna ta' dwal (MICHO) u ħoss (*Prostage Sound*) u din is-sena kien imżejjen bil-preżenza ta' Deborah C u Joseph Xuereb li ppreżentaw din l-edizzjoni.

Il-Fondazzjoni OASI torganizza dan il-festival kull sena għal tlett għanijiet. L-ewwel għan ta' Riflessi Sajfin huwa l-promozzjoni tat-talent lokali bħal attività alternattiva ta' interess mingħajr periklu billi l-OASI tipprovdi għall-aspiranti artisti żgħar l-opportunità biex huma jesibixxu t-talenti tagħhom quddiem pubbliku wiesa fuq palk armat b'mod professjonali. It-tieni għan huwa dak li l-OASI jkollha l-opportunità li twassal il-messaġġi preventivi tagħha lill-pubbliku. Fl-aħħarnett, permezz ta' Riflessi Sajfin l-OASI tkun tista' turi l-gratitudni tagħha lejn il-pubbliku tal-appoġġ tiegħu matul is-snin lill-istess Fondazzjoni. Kelliemi għall-kumitat organizzattiv qal lil "Il-Ħajja f'Għawdex" illi l-OASI tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha, artisti u voluntiera li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom f'din l-attività.



*Marisa Galea minn Victoria*

## *Riesqa lejn it-tmiem l-ewwel parti tal-proġett ta' skola sekondarja ġdida*

Hekk kif fl-aħħar ta' Settembru terġa' tibda sena skolastika ġdida, huwa mistenni li tiġi konkluża l-ewwel parti tal-proġett tal-bini ta' skola sekondarja ġdida tas-subien f'Għawdex. B'hekk studenti li ser ikunu qed jattendu l-Kumpless tal-Liċeo Ninu Cremona fi ħdan il-*Gozo College* fis-sena skolastika li jmiss, ser ikunu jistgħu jagħmlu użu minn



laboratorji u klassijiet ġodda li jagħmlu parti mill-ewwel blokk ġdid li nbena matul l-ewwel fażi ta' dan il-proġett ambizzjuż. Matul is-sena skolastika 2008/2009 diġà kienu qed jintużaw xi laboratorji u *workshops* fis-sular t'isfel iżda din is-sena din l-iskola ser ikollha numru ta' faċilitajiet ġodda li jinkludu tliet *food laboratories*, tliet *art rooms* kif ukoll xi klassijiet flimkien ma' disa' laboratorji tax-xjenza li ser ikunu qed jintużaw għat-tagħlim ta' l-*Integrated Science,* Fiżika, Kimika u Bioloġija.

L-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex flimkien ma' l-Onor. Dolores Cristina, Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport għamlu żjara fuq il-post fejn kienu akkumpanjati mill-periti inkarigati mix-xogħlijiet kif ukoll mill-Kap ta' l-iskola Dr Frank Abela. Waqt din iż-żjara setgħu jaraw il-klassijiet u laboratorji ġodda filwaqt li ngħataw ukoll informazzjoni dwar ix-xogħlijiet li hemm ippjanati fit-tkomplija ta' dan il-proġett.

L-iskola sekondarja ġdida tas-subien f'Għawdex ser ikollha l-istruttura u l-faċilitajiet neċessarji biex jilħqu l-ħtiġijiet edukattivi moderni. Dan ser ifisser aktar aċċessibbiltà, ambjent isbaħ li joffri aktar sigurtà, kif ukoll mezzi ta' tagħlim moderni li joffru opportunitajiet aqwa għall-istudenti Għawdxin. Dan il-proġett infrastrutturali ambizzjuż ser jinvolvi investiment ta' 7 miljun ewro u qed jiġi ko-ordinat mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex.

Il-bini ta' l-iskola ser ikun mifrux fuq medda ta' 3,300 metru kwadru ta' art u ser jinkorpora 45 klassi, 9 laboratorji tax-xjenza, 6 *technology workshops,* 4 laboratorji għat-tagħlim tal-kompjuters, librerija, *Art, Home Economics u Needlework rooms*, faċilitajiet amministrattivi u oħrajn li jkunu jistgħu jintużaw għas-servizz ta' l-istudenti bħal *career guidance rooms* u *resource rooms.* L-iskola ġdida ser tipprovdi spazji miftuħa u faċilitajiet sportivi li jkunu jistgħu jintużaw kemm waqt attivitajiet mtellgħin mill-iskola kif ukoll oħrajn komunitarji. Il-proġett jaħseb ukoll għall-bini ta' parkeġġ taħt l-art kif ukoll il-bini ta' triq li tgħaqqad Triq l-Ewropa ma' Triq Fortunato Mizzi b'konsiderazzjoni għas-sigurtà marbuta mas-servizz tat-trasport mogħti lill-istudenti li jużaw it-trasport pubbliku organizzat għall-istudenti ta' l-irħula f'Għawdex.

## *Ftuħ uffiċjali tal-Każin il-Ġdid ta' Xewkija Tigers F.C.*



Il-ġurnata tas-Sibt 22 ta' Awwissu 2009 ser tibqa' minquxa b'ittri tad-deheb fl-anali ta' *Xewkija Tigers F.C.* Hi l-ġurnata li fiha l-klabb ta' *Xewkija Tigers* mhux biss fakkar is-70 sena mit-twaqqif tiegħu lura fl-1939 iżda iktar minn hekk inawgura uffiċjalment il-kumpless il-ġdid tiegħu li jinsab f'fond numru 6, 8 u 10 fi Pjazza San Ġwann il-Battista. Post li fil-futur ser iservi bħala s-sede permanenti u propjetà ta' l-istess klabb.

Għal din l-okkażjoni ġiet imtella serata fl-istess pjazza fejn saru xi indirizzi minn uffiċjali ta' l-istess soċjetà kif ukoll minn persuni distinti.

L-Onorevoli Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex inawgurat il-kumpless fost il-ferħ tal-membri u sapporters tat-*Tigers*. Il-President ta' *Xewkija Tigers*, is-Sur Jeffrey Farrugia, kixef lapida kommemorattiva sabiex dan l-avveniment storiku ma jibqa' qatt minsi. Il-pittur Xewki Paul Falzon, ħaseb sabiex isebbaħ l-entratura ewlenija ta' l-istess kumpless b'pittura mas-saqaf. Din ġiet mikxufa minn l-Onorevoli Dr. Anton Refalo, konsulent legali ta' l-istess klabb. It-tberik sar mill-Arċipriet tar-raħal Mons. Carmelo Mercieca.


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

RIFLESSI — Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard

# Id-Deċenza... moda skaduta?

*"Hija ħaġa tassew sabiħa li l-bniedem ta' żmienna għandu għal qalbu s-saħħa u l-ambjent; joqgħod attent u jevita kull forma ta' mard u tinġis, għalih innifsu, għall-familja u b'mod speċjali għall-ulied. Imma hemm ukoll tinġis ieħor, dak tal-qalb u tal-ispirtu. Is-soċjetà li fiha qegħdin ngħixu fiha ħafna affarijiet li jtappnu l-moħħ u l-qalb u faċilment jippromwovu l-pjaċir, il-vjolenza u d-disprezz tal-persuna, speċjalment il-ġisem tal-mara. Bħalma lkoll nixtiequ nixorbu arja nadifa, hekk nixtiequ li l-qalb, il-moħħ u l-ispirtu tagħna jkunu nieqsa mit-tinġis".*

Hekk tibda n-nota pastorali li ħareġ dan l-aħħar il-Kulleġġ tal-Kappillani meta ninsabu fl-istaġun tas-sħana u allura ħafna jaħsbu li jistgħu joqogħdu d-dar kif iridu u joħorġu fit-triq lebsin kif ġie ġie bl-iskuża li s-sħana qed tagħmel tagħha. Għax is-sħana qed tagħmel tagħha ma jfissirx li nistgħu naqbdu nqaċċtu u ntajru ħwejjiġna kif ġie ġie; il-moderazzjoni sabiħa f'kollox u s-sens ta' sagrifiċċju għandu jkun preżenti wkoll f'ħajjitna. Ħafna tfal u żgħażagħ li jkunu jiġru mas-saqajn bix-xejn jimpressjonaw ruħhom u ma rridux inkunu aħna li nagħtuhom xi skandlu. Kristu kien ħafna iebes fejn jidħol l-eżempju ħażin, fejn jidħol l-iskandlu b'mod speċjali liż-żgħar! L-ilbies ta' fejn il-baħar ma naħsibx li jgħodd ukoll għat-toroq tal-ibliet u l-irħula tagħna u wisq iktar għall-knisja. Ma naħsibx li se jħalluk tidħol imqaċċat quddiem l-imħallef tal-qorti! Kemm huwa akbar l-Imħallef Divin! Kif tippretendi li tidħol ħdejh liebes b'nofs ilbies jew indeċenti!

**In-nota pastorali tkompli billi tgħid li s-soċjetà li titħassar fil-moralità pubblika turi taħsir iktar profond, taħsir tal-qalb, tinġis tal-qalb u tal-ispirtu. Min-naħa l-oħra s-soċjetà għandha dritt għal ekoloġija morali, għal ambjent nadif li ma jħassarx l-ispirtu. L-indeċenza fl-ilbies, tkun fejn tkun, hija t-telfa tad-dinjità tal-persuna. Hija turi faqar, tfittxija sfrenata għall-attenzjoni, provokazzjoni għall-istrumentalizzazzjoni tal-persuna. Kulħadd jista' jifhem li fl-ilbies mhux kollox jgħaddi, mhux kollox jgħodd. Tista' tkun eleganti bla ma tkun indeċenti u provokanti. Ma għandniex għalfejn nistagħġbu jekk l-indeċenza fl-ilbies twassal għall-abbużi u għad-dnub.**

Naturalment niżbaljaw jekk norbtu d-deċenza biss mar-reliġjon u l-knisja. Fil-fatt id-deċenza hija sabiħa kullimkien, fid-dar, fil-familja, fil-midja, fit-toroq, fuq ix-xogħol u fl-ambjenti kollha tas-soċjetà. Il-kappillani jixtiequ wkoll li d-deċenza tidħol iktar fil-festi tagħna, fil-marċijiet. Mhemmx għalfejn inxarrbu lil kulħadd jew nerfgħu lil sħabna fuq l-ispallejn jew inxiddu flokkijiet bla komma biex niddevertu fil-marċijiet. Dan ġie li rajtu fil-marċijiet



ta' wħud mill-festi tagħna – żgħażagħ miksija għaraq, ilma u xorb! **Fejn hu l-veru pjaċir tal-festa? Hekk jixtequhom il-festi tagħna l-qaddisin patruni tagħna? Anke waqt il-purċissjonijiet għandna naraw li tinżamm dejjem is-serjetà u l-poplu għandu jikkopera mal-pulizija u ma jaqbadx u jaqsam il-purċissjoni waqt li din tkun għaddejja mit-toroq tagħna.** Kemm tkun ħaġa sabiħa li aħna nżejnu u nixegħlu l-galleriji tagħna waqt il-purċissjoni! Apparti l-festi, matul is-sena jkollna okkażjonijiet oħra fejn il-familja tifraħ u tilbes l-aħjar ilbies bħal ngħidu aħna meta uliedna jirċievu l-Ewwel Tqarbina, il-Griżma tal-Isqof, is-Sagrament taż-Żwieġ. Nibża' li kultant xi wħud jirrendu dawn l-okkażjonijiet hekk għeżież f'*shows* ta' lbies u lussu u ħala żejjed. Dan m'għandux ikun.

Aħna pajjiż ċkejken bla ebda riżorsi naturali u allura nistrieħu ħafna fuq l-industrija tat-Turiżmu. Filwaqt li nilqgħu bil-qalb lill-barranin li jżuruna, tkun stonatura għaċ-ċiviltà tagħna li dawn joħorġu jduru mat-toroq tagħna b'ilbies indeċenti jekk mhux ukoll b'ilbies ta' ħdejn il-baħar. U bla dubju l-istess jgħodd għalina jekk aħna nġibu ruħna b'dan il-mod.

Jekk l-ambjent tagħna nżommuh nadif, anki mill-indeċenza fl-ilbies, dan ikun ta' benefiċċju għalina lkoll li għandna għal qalbna d-dinjità tal-persuna u t-tisħiħ tal-familja. Impenn minn kulħadd f'din id-direzzjoni jgħin biex ikollna futur moralment aktar b'saħħtu għal uliedna. **Ejjew inkunu nsara awtentiċi li nqiegħdu fil-prattika t-twemmin tagħna u ma nisthux nuru li għad għandna għal qalbna l-valuri li jagħżluna minn popli oħra li forsi tilfu kull sens ta' deċenza u morali li mingħajrhom is-soċjetà taqa' lura u titlef is-saħħa u l-integrità tagħha.**

# DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Għax mhux Għawdex fil-ġurnali??***

"Hu tal-għaġeb kif mixja li ntqal li għaliha kien hemm anqas minn 200 persuna fi triq ewlenija fil-Belt Valletta (li fiha min jaf kemm kien hemm nies oħrajn li ma kinux parti minn din l-attività u li ngħaddu man-numru li ġie kkwotat) titħabbar qabel u jsir rappurtaġġ fl-aqwa paġni ta' xi ġurnali u xi stazzjonijiet tax-xandir, filwaqt li attività bħall-Manifestazzjoni Marjana 'Favur Ambjent Moralment Nadif' li għaliha kien hemm qrib 1000 persuna minn lokalitajiet differenti u anki turisti, għax saret f'Marsalforn, Għawdex, li min attenda għaliha ma kienx hemm b'kumbinazzjoni, ma tingħatax l-istess ammont ta' rappurtaġġ qabel u wara."

**Colin Debono**, *Il-ĠensIllum, 1 ta' Awwissu 2009*

***Għandna soluzzjoni għall-qgħad?***
***- Kapitlu 1, skont 'The Times'***

*"The unemployment hotspots seem to be Gozo and the South. The two need to be analysed separately... These different realities call for different solutions. In the case of Gozo, the economy needs to be based more on those economic activities where the island enjoys distinct competitive advantages, such as niche tourism that needs to be marketed very differently from the same activity in Malta. It also needs a much more refined sensitivity to preserving environmental excellence, than unfortunately is the case in Malta."*

*Editorjal,* **The Times**, *30th June 2009*

***Kapitlu 2, skont 'The Times'***

*"The government's vision of Gozo as an ecological island can only become a reality when concrete steps are taken to enhance the natural beauty of the place...The Times of London recently commented that many 'malign Malta for being an ugly Mediterranean island". If Gozo wants to avoid this nasty label it needs to project itself differently. A thorough clean-up of the island could be a good starting point, followed by stricter restrictions on property development and noise pollution."*

*Editorjal,* **The Times**, *9th July 2009*

***Inizjattivi lejn is-soluzzjoni***

"...il-Prim Ministru Lawrence Gonzi ħabbar tliet inizjattivi importanti għall-gżira Għawdxija. Dawn huma li Għawdex ikun meqjus bħala zona turistika, li jinfetaħ uffiċċju konġunt bejn il-MEUSAC u l-MCESD, biex il-Kunsilli Lokali, Għaqdiet mhux Governattivi u s-settur privat ikunu jistgħu jibbenefikaw aktar mis-sħubija ta' Malta fl-UE u l-iżvilupp ta' *Rural Tourism Policy.*

*Rapport,* **In-Nazzjon**, *7 ta' Lulju 2009*

***Analiżi kif għandha tkun***

"Dwar Għawdex il-proġetti mexjin mhux ħażin. Fil-fatt fil-ġimgħat li għaddew ġew inawgurati żewġ proġetti kbar oħra tal-aqwa kwalità. Qed nirreferi għall-*Adult Training Centre* li kien inawgurat fir-Rabat, kif ukoll l-*Institute of Tourism Studies* li nfetaħ fil-Qala. Prosit lil kull min kien involut b'mod speċjali lill-Ministeru għal Għawdex li fuqu kienet taqa' r-responsabbiltà tagħhom. Iżda xorta għad hemm proġetti li ilhom jistennew is-snin u minħabba l-burokrazija u problemi oħra għadhom ma seħħewx..."

**Euchar Mizzi**, *In-Nazzjon, 22 ta' Ġunju 2009*




***Taħkimna r-reċessjoni!***

*"A 4.2 million euro drop in tax revenue from Gozo has been attributed to a decrease in property sales, the finance ministry has confirmed. The drop in sales led to a corresponding decrease in capital gains revenue, leading to a total 26% drop in collected income taxes in Gozo, from 16.2 million euro in 2007 to 12 million euro in 2008."*

**James Debono**, *MaltaToday, 12th July 2009*

***U taħkimna l-influwenza!***

"Is-sitwazzjoni tal-influwenza A H1N1 f'Għawdex tidher li qed tiggrava wara li ġew ikkonfermati 11-il każ ġdid biex b'kollox każi konfermati pożittivi f'Għawdex biss ġew irrapportati 17-il każ. Dan wara li minn bejn it-Tnejn filgħaxija u l-bieraħ waranofsinhar ġew ikkonfermati 15-il każ ġdid biex it-total tela' għal 39 każ pożittivi bl-infuwenza A H1N1."

**John Pisani**, *L-Orizzont, 8 ta' Lulju 2009*

***Kemmuna wkoll parti minn Għawdex!***

*"The sad thing is that Comino is indeed a gem. We have a deserted island just off our coast which you can reach in 15 minutes by water taxi. Surely with proper regulation, this little treasure can be turned into far more attractive a venue than it is at present. We are not saying that there should be no 'beach furniture' hiring, far from it. People need shelter and should be offered the facility of paying for it on site. But what we are saying is that such firms should not be allowed to take the whole area; it is, after all, public land and is part of the foreshore. We are also saying that there should be food outlets, but these should be up to scratch and within sanitary requirements...*

*Comino is the closest thing that Europe has to a Caribbean-style holiday destination. We should regulate it and make sure people have access to it."*

*Rapport,* **The Malta Independent**, *7th July 2009*

MILL-PARLAMENT

# Nefqa Kapitali f'Għawdex

**7197. L-ONOR. ALFRED SANT staqsa lill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment:** Jista' l-Ministru jgħid in-nefqa kapitali f'Għawdex mill-Fond Konsolidat kemm kienet bħala persentaġġ tan-nefqa kapitali kollha nazzjonali mill-istess Fond kull sena mill-1999 sal-2008? Jista' jgħid ukoll in-nefqa kapitali f'Għawdex ta' fondi Ewropej kemm kienet bħala persentaġġ tan-nefqa kapitali kollha nazzjonali ta' fondi Ewropej matul l-istess snin? *17/03/2009*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. *06/07/2009*



| | *Gozo Capital Expenditure (Consolidated Fund, excluding EU Funds)* | *Total Capital Expenditure excluding EU Funds* | *%* |
|---|---|---|---|
| 1999 | 3,824,836 | 247,217,850 | **1.5%** |
| 2000 | 4,888,649 | 229,565,278 | **2.1%** |
| 2001 | 4,155,968 | 187,810,680 | **2.2%** |
| 2002 | 3,061,516 | 227,513,517 | **1.3%** |
| 2003 | 3,816,699 | 242,181,933 | **1.6%** |
| 2004 | 3,216,450 | 243,698,258 | **1.3%** |
| 2005 | 5,264,133 | 300,030,805 | **1.8%** |
| 2006 | 6,377,144 | 283,989,924 | **2.2%** |
| 2007 | 7,264,716 | 221,894,533 | **3.3%** |
| 2008 | 3,803,775 | 195,508,480 | **1.9%** |

| | *2005* | *2006* | *2007* | *2008* |
|---|---|---|---|---|
| **Gozo EU Funds** | **429,955** | **4,215,360** | **4,939,386** | **707,877** |
| **Total Capital EU Funds** | | | | |
| Pre-Accession | 336,219 | 387,142 | 2,482,244 | 0 |
| Interreg | 4,756 | 185,146 | 603,743 | 1,254,256 |
| Structural Funds 2004-2006 | 3,406,958 | 25,355,544 | 21,807,873 | 18,002,872 |
| Structural Funds 2007-2013 | 0 | 0 | 274,053 | 1,720,323 |
| Cohesion Fund 2004-2006 | 0 | 3,254,470 | 6,794,943 | 7,330,147 |
| Transition Facility | 1,355,108 | 5,341,831 | 3,680,408 | 4,599,656 |
| ESF Equal | 0 | 658,859 | 365,795 | 233,998 |
| **Total** | 5,103,041 | 35,182,992 | 36,009,059 | 33,141,252 |
| % | **8.4%** | **12.0%** | **13.7%** | **2.1%** |

*Note:*
*2004-2006 Gozo EU Finds include Pre-Accession*
*All EU Funds exclude Malta co-financing*

*Kummentarju (2)*

# *Ammen jew Amen?*



## *Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti dwar il-varjazzjonijiet ortografiċi... Sena wara! Għaliex tant tgergir? Niflu daqxejn!*

*kitba ta'* CARM C. CACHIA

Bħal dan iż-żmien sena, l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ħareġ bit-tibdil li ried idaħħal fis-sistema ortografika tal-Malti. Dan it-tibdil sar bil-ħsieb li għadd ta' inċertezzi li jeżistu fil-kitba ta' lsienna bħalissa jinqatgħu u hekk il-kittieba jkollhom sistema aktar standardizzata fuqiex jimxu u ma jkunx hemm nuqqas ta' qbil dwar kif ċertu kliem għandu jinkiteb. Bħala tħejjija għal dan it-tibdil, il-Kunsill kien talab lil għadd ta' nies midħla tal-Malti, fosthom kittieba, għalliema, drammaturgi, poeti u oħrajn li jħobbu ilsien pajjiżhom sabiex jissottomettu s-suġġerimenti tagħhom għal dan it-tibdil. Barra minn hekk saru għadd ta' laqgħat kemm bejn il-membri tal-Kunsill u anke ukoll mal-pubbliku inġenerali sabiex it-tibdil isir b'konsultazzjoni ma' kulħadd u b'mod demokratiku. Minkejja dan, il-prodott aħħari ma kienx dak mixtieq u, għalkemm it-tibdil issuġġerit mill-Kunsill kien imsaħħaħ b'att legali, dan ġab miegħu ħafna lmenti u nuqqas ta' qbil. F'dan l-artiklu se nipprova nagħti daqqa t'għajn lejn dan it-tibdil.

**Irrid nibda billi ngħid dak li sikwit ngħid kulmeta niġi mitlub li nitkellem dwar l-Ilsien Malti: li lingwa hi ħaġa ħajja l-istess bħalma hu l-poplu li jitkellimha. Dan xi jfisser? Ifisser li bħalma l-bniedem jinbidel xi ftit mal-mixja taż-żmien, hekk ukoll jiġrilha l-lingwa. Mal-mixja taż-żmien xi kliem jintesa u ieħor ġdid jeħodlu postu. L-istess jiġri fil-pronunzja ta' wħud mill-kliem. Is-Sur Nin Cremona kien konxju ta' dan meta sawwar il-grammatika tal-ilsien Malti fis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor. Għalhekk m'għandniex għalfejn neħduha bi kbira li minn żmien għal żmien jinħass il-bżonn li jsir tibdil jew aġġornament fil-lingwa u fil-mod kif din tinkiteb. Dan jgħodd aktar u aktar issa li f'ilsienna daħal għadd ġmielu ta' kliem mill-Ingliż li Cremona qatt ma kien jimmaġina li xi darba għad jidħol f'ilsienna. U dan seħħ tletin jew erbgħin sena biss wara mewtu.**

Sa mis-snin tmenin tas-seklu l-ieħor, l-Akkademja tal-Malti ħasset il-bżonn li jsir aġġornament fil-mod kif jinkiteb lsienna. Infatti fl-1984 u, wara, fl-1992 hi ħarġet għadd ta' tibdiliet u żidiet fil-grammatika tal-Malti. Fost dawn ta' min isemmi li l-*ie* saret vokali għaliha, li kliem li ġej mit-Taljan u li jibda bil-vokali ***i***, bħal *importanti*, *innoċenti*, ma jitlifx l-***i*** jew jibdilha ma' ***j*** wara kliem li jispiċċa b'vokali, li l-konġunzjoni ***u*** tibqa' dejjem ***u*** anke wara kliem li jispiċċa b'vokali, eċċ. Issa f'dan l-ewwel deċennju tas-seklu wieħed u għoxrin reġa' nħass dan il-bżonn u hekk seħħ it-tibdil li jġib l-isem ***Deċiżjonijiet***, li semmejt aktar 'il fuq.

### *It-Tibdil*

Dan it-tibdil hu miġbur taħt ħames taqsimiet li huma: **L-Aċċent, L-Ittri Kapitali, It-Tagħqid tal-Kliem, Il-Kitba tal-Għeruq u z-Zkuk**, u **Deċiżjonijiet dwar Kliem ieħor**. Imbagħad insibu żewġ taqsimiet oħra taħt it-titlu **Appendiċi A** u **Appendiċi B**.

Dwar l-aċċent ġie deċiż li kliem li għandu aċċent fuq l-aħħar vokali, bħal fil-każ ta' *onestà, verità, Mosè, però, Marì, Ġesù*, eċċ., dan l-aċċent għandu dejjem jinkiteb. Jekk ma jinkitibx l-aċċent dan ikun żball ortografiku. Mill-banda l-oħra, l-aċċent 'irkumfless (^) mhux se jintuża aktar fuq vokali f'kelmiet bħal *baħħâr* u *sûr*, biex dawn jingħażlu minn kelmiet li jinkitbu l-istess imma li m'għandhomx l-istess aċċent u l-istess tifsira.

It-tieni taqsima tittratta dwar meta għandna niktbu kliem b'ittri kapitali. Din it-taqsima hi dettaljata ħafna u tittratta dan l-aspett b'mod metikoluż. Hu aspett fil-kitba li kien jinħtieġ kjarifikazzjoni u uniformità għaliex fejn jidħlu titli ta' persuni prominenti ħafna drabi kulħadd kien jimxi skont kif jidhirlu hu. Din it-taqsima titkellem dwar kif għandhom jinkitbu kelmiet li jittrattaw direzzjonijiet, ismijiet ta' pubblikazzjonijiet, ismijiet xjentifiċi, ismijiet ta' għaqdiet u movimenti, ismijiet ta' postijiet u tagħrif ieħor relevanti. Importanti li wieħed jinnota li fejn jidħlu titli, il-Kunsill ikkjarifika dan ukoll. Titlu jew isem ta' kariga li jaħbat eżatt qabel l-isem ta' persuna, jinkiteb b'ittra kbira. Hekk kliem bħal *isqof, president, arċisqof* jinkitbu b'ittri żgħar meta ma jkunux parti minn titlu, filwaqt li jinkitbu b'ittri kbar meta jkunu juru t-titlu tal-individwu. Hekk ngħidu: 'kien hemm ħafna isqfijiet', imma mbagħad ngħidu 'l-Isqof Nikol Cauchi'. Ta' min jinnota wkoll li kliem bħal *Insara, Musulmani, Kapuċċini*, ukoll għandhom jinkitbu dejjem b'ittra kbira, anke meta jkunu jintużaw bħala aġġettivi, bħal fil-każ ta': *l-Insara Maltin, il-Musulmani Sirjani, it-twemmin Buddist.*

It-tielet taqsima tittratta dwar fejn ċertu kliem għandu jingħaqad biex isir kelma waħda u fejn żewġ kelmiet jew aktar għandhom jibqgħu mifrudin. Din il-parti wkoll hi interessanti ħafna u ċċarat ħafna diżgwid li seta' kien hemm

fil-kitba standard tal-Malti. Taħt din is-silta nsibu kliem imtenni bħal: *baxx baxx* jew *fuq fuq*, li għandu jibqa' mifrud. L-istess jgħodd għal kliem li jieħu warajh il-kelma ***nett*** bħal: *wara nett, fuq nett.* Imbagħad insibu kliem li ġie. magħqud fejn jidħlu l-prefissi bħal: *antiklerikali, infallibbli, poliklinika, koperattiva.* Kliem ieħor jista' jingħaqad jew jibqa' mifrud skont is-sens li fih jintuża. Hekk insibu ***fil-waqt*** (fil-mument) u ***filwaqt***; ***il-lejla*** (l-aħħar sigħat tal-jum) u ***illejla*** (illum filgħaxija). Taħt din it-taqsima nsibu wkoll il-prepożizzjonijiet magħqudin mal-artiklu u il-kitba tal-pronomi personali fin-negattiv, aspetti tal-aġġornament li qajmu kontroversja sħiħa fil-kitba tal-Malti u li se nitkellem dwarha aktar 'il quddiem.

Ir-raba' taqsima titkellem dwar l-Għerq u z-Zokk Morfemiku fil-Malti. Dwar l-għerq ftit li xejn intqal ġdid. Madankollu mhux l-istess jista' jingħad għall-kitba taz-zokk morfemiku. Iz-zokk morfemiku huwa dik il-parti minn kelma li mhix ta' nisel semitiku (Għarbi) u li tibqa' bla ma tinbidel f'kull kelma li ġejja mill-istess derivazzjoni. Hekk kliem bħal *edukazzjoni, edukatur, nedukaw, edukattiv*, eċċ għandhom ***eduk*** bħala zokk morfemiku tagħhom. Dan jixbah lill-għerq, imma filwaqt li l-għerq jikkonsisti biss f'konsonanti, iz-zokk jikkonsisti f'konsonanti u vokali.

L-aħħar taqsima tinkludi fiha d-deċiżjonijiet li ttieħdu dwar kif għandu jinkiteb għadd ta' kliem li dwaru kienet tirrenja kontroversja minn dejjem. Fost dawn insibu kliem bħal: *bies, irkoppa, prietka, ammen, denn, beritta, Awwissu* u kliem ieħor simili. Biex waslu għad-deċiżjoni dwar dan il-kliem, il-membri tal-bord ma mxewx bl-istess mod. Hemm fejn huma mxew skont l-etimoloġija tal-kelma, jiġifieri skont il-kelma minn fejn hi ġejja u kif kienet tinkiteb fl-antik, hemm fejn imxew skont il-fonetika, jiġifieri skont il-ħoss tal-kelma waqt li titlissen, u hemm fejn imxew skont kif tinkiteb il-kelma barra minn Malta u li f'pajjiżna niktbuha bl-istess mod. Fl-opinjoni tiegħi din (flimkien mal-appendiċi li jiġu wara) kienet l-aktar taqsima li qajmet kontroversja f'dan l-aġġornament.

### *Kummenti*

**Kif semmejt fil-bidu, li l-lingwa taġġorna ruħha hi ħaġa sana. Madankollu wieħed irid joqgħod ħafna attent li bit-tibdil li jaħseb li se jġib għall-aħjar, ma jkunx qiegħed jagħmel aktar ħsara milli ġid. Ma rridx ngħid li hekk sar f'dan il-każ. Però, żgur li xi aspetti minn dan l-aġġornament ħawdu lil ħafna nies. Irridu nibdew billi ngħidu li mhux kull min jikteb bil-Malti hu mħarreġ sewwa fil-lingwa, li hu xi għalliem jew professur tagħha. U għalhekk, dak li jidher ċar u loġiku għall-espert, mhux dejjem hu ċar għal individwu ta' edukazzjoni medja jew anqas. Issa jekk il-Malti kellu ħaġa tajba kienet dik li ċertu kliem jimxi fuq tip partikulari u hekk il-kittieb ma jiżbaljax meta jikteb.** Pereżempju, aħna niktbu *sdieri* u mhux *żdieri* għax ngħidu *sidrija*. Sewwa, mela kif niktbu *dvalja* u mhux *tvalja* meta ngħidu *tavolina*? Jew kif niktbu *prietka* meta ngħidu *predikatur*? Hemm zokk morfemiku wieħed jew tnejn? Kif niktbu *Għarab* u *Għarbi*, imbagħad niktbu *Arabja* u *Arabiku*? Se nimxu mal-etimoloġija tal-kelma jew daqqa mod u daqqa mod ieħor? Dan kollu jħawwad l-imħuħ, nerġa' ngħid.

**Nuqqas ta' qbil ieħor jirrenja fuq il-pronomi personali fin-negattiv.** Fl-aġġornament insibu li għandna niktbu dejjem: *mhux/mhuwiex; mhix/mhijiex; mhumiex.* Imbagħad irridu niktbu *m'iniex, m'intix, m'aħniex, m'intomx.* Hawn wieħed jistaqsi: għaliex ma teżistix uniformità f'dan l-aspett hekk importanti meta f'aspetti oħra l-Kunsill tant saħaq fuq l-uniformità?

**Imma l-aktar li qiegħed jinkwieta lil dawk li jiktbu bil-Malti hu fejn il-prepożizzjoni tintrabat mal-artiklu.** Sa ftit ilu konna nimxu fuq ir-regola li meta prepożizzjoni tkun quddiem nom bl-artiklu, din tista' tingħaqad miegħu jew tibqa' ħielsa skont l-ittra li biha jibda n-nom. Hekk konna niktbu: *tal-kelb*, imma mbagħad niktbu: *ta' l-ajruplan.* Għal snin hekk ġara u ġenerazzjonijiet ta' Maltin imxew fuq din ir-regola bla ma sabu ebda tfixkil. Issa f'daqqa waħda dan inbidel kollu u l-partiċella quddiem nom bl-artiklu għandha dejjem tinkiteb maqgħuda: *tal-ajruplan, mal-għasfur, sal-Għasri*, eċċ., anke jekk fonetikament kulħadd jifred il-partiċella mill-artiklu meta jlissen kliem bħal dan.

**Imbagħad hemm il-kwistjoni tal-avverbji.** Ninnutaw li ħafna kliem jingħaqad u jsir kliem kompost meta dan ikollu l-irwol ta' avverbju. Ngħidu aħna: il-partiċella u n-nom jingħaqdu u jsiru kelma waħda meta jintużaw bħala avverbji, bħal fil-każ ta' fil-għaxija li ssir *filgħaxija*, u biż-żejjed issir *biżżejjed.* Insibu li rridu niktbu: *illum / ilbieraħ*, imma mbagħad niktbu *tal-lum / tal-bieraħ*, meta l-kelmiet 'lum' u 'bieraħ' ma jeżistux. Fuq l-istess prinċipju li semmejt aktar 'l fuq, dawn għandhom jinkitbu *ta' llum* u *ta' lbieraħ.* **Ma ninsewx li l-avverbju ma jista' qatt jieħu l-artiklu.** Infatti għalhekk hu żbaljat li niktbu *il-fuq, il-quddiem, l-hawn*, eċċ.

U hawn niġi għall-konklużjoni ta' dan l-artiklu. Il-protesti li niltaqgħu magħhom dwar dawn id-deċiżjonijiet mhux għaliex kelma tinkiteb mod u mhux mod ieħor, mhux għax konna niktbu *skond* u issa rridu niktbu *skont*, *Ammen* jew *Amen*, imma għaliex **il-mod li bih aħna konna nirraġunaw biex niktbu Malti nieqes mill-għeltijiet issa tfarrak għal kollox u ħadd ma jista' jgħid aktar: din il-kelma tinkiteb hekk għaliex l-oħra tinkiteb hekk.** Dan jinkwetani ħafna bħala għalliem għaliex, nerġa' ngħid, altru tispjega ċerti prinċipji lil min hu professur tal-lingwa u altru trid tgħallimhom lil min ma tantx hu midħla tal-lingwa imma li ilu jikteb b'ċertu mod għal snin twal. Din diġà għaddejna minnha meta daħlet fis-seħħ ir-regola dwar kliem mit-Taljan li jibda bil-vokali *i* li semmejt aktar 'il fuq. Għadna sa llum nippruvaw infehmu lil studenti anke ta' livell post sekondarju li dan il-kliem ma jwaqqax l-*i* għax ġej mit-Taljan. U min ma tgħallimx Taljan, kif se jagħraf kelma minn oħra? **Wisq nibża' li minkejja x-xogħol kollu li ħa l-Kunsill u minkejja li saħansitra għaddiet liġi, il-Maltin se jibqgħu jiktbu fuq ir-regoli tas-Sur Nin anke meta jgħaddu s-sentejn li tawna biex naddattaw rwieħna għas-sistema l-ġdida.**

U għad baqa' r-regoli ta' kif niktbu kliem li ġej mill-Ingliż! Imma dik storja oħra.

*Kummentarju (3)*

# Storja Kontemporanja... Qed tinkiteb il-verità sħiħa? Jew qed ngħawġuha kif jaqblilna?



*kitba ta'* MARĊELL MIZZI

Nies li kellhom xogħol jew inkarigu fil-gvern, fil-forzi armati jew fit-tmexxija ta' xi kumpanija kummerċjali, wara li jirtiraw bil-pensjoni x'aktarx li jippruvaw jiktbu t-tifkiriet tagħhom. Kotba bħal dawn inkitbu wkoll mill-antiki. Ġulju Ċesare kiteb żewġ kotba, wieħed fuq il-gwerra kontra t-tribù Galleżi (bil-Latin "Galli") li kienu jgħixu fil-pajjiż li llum insejħulhom Franza u l-Gran Brittanja. Il-ktieb l-ieħor jismu "*De Bello Civile*" fuq il-gwerra li kien iġġieled kontra ribelli Rumani. Dawn iż-żewġ kotba Ċesare kitibhom bħallikieku qed jiktibhom xi ħadd li kien miegħu meta bħala ġeneral tal-armata kien rebaħ lil dawn l-għedewwa ta' Ruma.

F'Malta wkoll kellna nies li kitbu dwar il-ġrajjiet li kellhom f'ħajjithom jew li ġraw meta kienu jgħixu u ftit jew wisq kellhom effetti sbieħ jew koroh fuq ħajjithom. Herbert Ganado kiteb il-ġrajjiet ta' ħajtu u ta' Malta mit-tifkiriet li kien jisma' mill-ġenituri u l-qraba tiegħu saż-żmien meta beda jikteb "Rajt Malta Tinbidel". Eric Mizzi kiteb ukoll ktieb li jittratta l-istorja ta' Malta u l-personaġġi politiċi li kienu prim ministri matul il-karriera tiegħu bħala *attorney general*. Reċentament ġew ippubblikati żewġ kotba: wieħed bl-Ingliż ta' Guido Demarco u l-ieħor bil-Malti ta' Oliver Friggieri.

**Meta kittieb jippubblika fil-gazzetti jew fi ktieb dak li għandu xi jgħid, il-qarrejja li jkunu jafu l-fatti aktarx li jikxfu l-iżbalji jew il-gideb li jkun hemm fil-kitba ta' dawn il-personaġġi jew l-ammiraturi tagħhom.**

Fil-bidu tal-Vanġelu tiegħu San Luqa jgħid : "Jien wara li **bir-reqqa kollha** qgħadt infittex it-tagħrif dwar **kulma ġara sa mill-bidu nett**, deherli li għandi niktiblek **kollox ħaġa b'ħaġa**, biex tagħraf sewwa **l-verità sħiħa** dwar kulma tgħallimt."

Kittieb ieħor, Flavius Josephus ta' Ġerusalemm – A.D. *circa* 37-100, li kien wieħed mill-kapijiet fil-gwerra li l-Lhud għamlu kontra l-ħakkiema Rumani fis-sena 70 wara Kristu, fl-introduzzjoni tal-ktieb tiegħu "Il-Gwerra Lhudija" qal, fost kliem ieħor, dan: "Li tikteb fuq avvenimenti li ħadd qabel ma kien kiteb fuqhom u l-istorja kontemporanja tgħarrafha bil-kitba lill-ġenerazzjonijiet futuri huwa xogħol siewi li jisthoqqlu ġieħ u rikonoxximent. B'dan il-mod il-kittieb ta' l-istorja kontemporanja jirrakkonta l-fatti kif verament ikunu ġraw, u l-istudjużi li jiġu wara jkollhom ġabra sħiħa tal-istorja ta' l-imgħoddi."

**Kif għedna, mhux kulma jinkiteb jew jixxandar bir-radju, televiżjoni jew internet ikun dejjem veru. Hawn min għandu l-idea li l-kittieba huma giddieba u mill-aħbarijiet ma jemminx ħlief ir-rapporti dwar ir-riżultati tal-partiti tal-futbol u sport ieħor. Xi darba avvenimenti u diskorsi ta' nies fil-politika jiġu mxandra b'ħafna tagħwiġ favur jew kontra.**

Dan jiġri wkoll lill-Papa u lill-Isqfijiet djoċesani. Il-Knisja ilha li għarfet il-bżonn tal-mezzi moderni ta' komunikazzjoni. Bdiet bir-*Radio Vaticana* fi żmien il-Papa Piju XI li xandar aħbarijiet u diskorsi fl-oriġinal u lingwi oħra. Għandha wkoll il-ġurnal "*L'Osservatore Romano*" li joħroġ kuljum bit-Taljan u għandha edizzjoni ta' kull ġimgħa bl-Ingliż u b'lingwi oħrajn. Dan barra faxxikli "*Acta Apostolici Sedis*" li jkun fihom l-enċikliki, ittri pastorali u diskorsi bil-lingwi oriġinali li jinkitbu jew jingħadu.

Ir-*Radio Vaticana*, *L'Osservatore Romano* u l-internet illum huma meħtieġa għaliex ħafna drabi diskorsi, ittri appostoliċi u enċikliki meta jissemmew minn min jikteb fil-gazzetti jew ixandar b'mezzi oħra, **jekk ma jkunx intiż sewwa jew ikun preġudikat kontra, jirrapporta ħażin il-messaġġi tal-Knisja.** Dan ġara reċentament dwar il-kliem li qal il-Papa fiż-żjara li għamel fl-Afrika. Kemm qalgħu minn żniedhom u għawġu dak li qal il-Papa dwar il-mard li jiġi mis-sesswalità bla rażan!

U dwar Għawdex? *"No comments!"*

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

*Attwalità*

# Is-Seba' Leġiżlatura tal-Parlament Ewropew 2009-2014



*notamenti ta'* **SAVIOUR GRECH**

***Sessjoni Kostituttiva***

Bejn it-Tlieta 14 ta' Lulju u l-Ħamis 16 ta' Lulju, fil-Belt ta' Strasburgu fi Franza nżammet l-ewwel laqgħa tal-Parlament Ewropew ġdid. F'din il-laqgħa, msejħa Sessjoni Kostituttiva, is-736 Membri Parlamentari Ewropej (MPE) li ġew eletti fl-elezzjonijiet li saru bejn l-4 u s-7 ta' Ġunju fis-27 pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea, taw bidu għall-ħidma uffiċjali tagħhom.

Is-seduta nfetħet bid-daqq tal-innu Ewropew. F'diskors qasir, Hans-Gert Pöttering, President uxxenti tal-Parlament wara li feraħ lill-MEPs eletti, fakkarhom li x-xogħol tagħhom għandu jkun immirat biex iwassal għall-unifikazzjoni tal-kontinent Ewropew. Unifikazzjoni li tkun ibbażata fuq il-valuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija u l-paċi. "Jekk inkomplu naħdmu bl-ispirtu tas-solidarjetà bejnietna li tgħaqqadna u tar-rispett li nuru lejn xulxin, nirnexxu".

L-ewwel ħidma tal-parlamentari ġodda kienet li jiġi elett President ġdid għall-Parlament. B'maġġoranza ta' 555 vot minn 644 vot validu mitfugħ, il-Pollakk Jerzy Buzek, Membru tal-Grupp tal-Partit Popolari Ewropew (Demokristjani) sar it-tlettax-il President elett tal-Parlament Ewropew. Jerzy Buzek jibqa' fil-kariga sa sentejn u nofs oħra, meta mbagħad hu mistenni li rappreżentant tal-Partit Soċjalista Ewropew jiġi elett f'din il-kariga.

F'diskors qasir, Jerzy Buzek irringrazzja lill-MEPs talli għażluh bħala President tal-Parlament Ewropew. Hu esprima li din l-għażla hija sfida enormi u unur kbir għalih u wiegħed li se jagħmel minn kollox biex ma jiddiżappuntahomx. Hu kompla billi qal li d-drittijiet umani se jkunu prijorità għalih. Hu fakkar li l-14 ta' Lulju 2009, il-ġurnata tal-elezzjoni tiegħu bħala president tal-Parlament Ewropew, ħabtet eżatt mal-jum nazzjonali ta' Franza, li din is-sena kienet il-220 sena minn żmien ir-rivoluzzjoni Franċiża. Buzek fakkar li l-messaġġ rivoluzzjonarju ta' libertà, ugwaljanza, fraternità, llum jidwi mal-erba' t'irjieħ fl-Unjoni Ewropea.

Jerzy Buzek, li bejn l-1997 u l-2001 kien Prim Ministru tal-Polonja, stqarr li meta kien ħafna iżgħar fl-età, kien joħlom u jittama li xi darba jirnexxielu jiġi elett bħala membru tal-Parlament Pollakk, f'Polonja ħielsa. Issa li sar President tal-Parlament Ewropew - ħaġa li qal li qatt ma kien joħlomha - jara li dan il-ġest huwa sinjal ta' kif l-Ewropa tassew tista' tinbidel. Għaldaqstant stqarr li jħossu li qiegħed jirrappreżenta "lill-pajjiżi kollha li ma ċedewx għat-totalitarjaniżmu".

Hu kkonkluda billi qal li "Ilkoll għandna responsabbiltà fil-Parlament Ewropew. Għandna ċertu poter, iżda l-poter ifisser responsabbiltà lejn iċ-ċittadini tagħna. Jeħtieġ li nkunu gwardjani tad-demokrazija u li noħorġu mill-kriżijiet li jkollna. Għalhekk għandna bżonn li jkollna parlament effikaċi."

F'ġest simboliku, il-President tal-Parlament Ewropew Jerzy Buzek għadda statwa ta' Santa Barbara, magħmula fir-reġjun tiegħu, lil Hans-Gert Pöttering biex jirringrazzjah tal-presidenza tiegħu u bħala simbolu tal-ħbiberija ta' bejniethom.

Wara l-Parlamentari Ewropej komplew jeleġġu minn fosthom membri biex jokkupaw id-diversi karigi tal-Parlament. Fost dawn ġew eletti l-erbgħatax-il Viċi President tal-Parlament Ewropew u l-hekk imsejħa ħames Kwesturi.

***Il-ħames Ewro-Parlamentari Maltin.***

Biċċa xogħol oħra importanti li twettqet waqt din is-seduta parlamentari kienet it-twaqqif tal-istrutturi kollha meħtieġa biex il-Parlament Ewropew ikun jista' jiffunzjona. Fost dawn l-istrutturi ġew kostitwiti l-għoxrin Kumitat Parlamenatri, li fihom titwettaq il-biċċa l-kbira tal-ħidma tal-Parlament Ewropew.

Tajba kienet l-idea li ssir konsultazzjoni bejn il-ħames Ewro-Deputati Maltin dwar f'liema mill-kumitat msemmija se jieħdu sehem dawn id-deputati. Permezz ta' din il-koordinazzjoni bejniethom, il-ħames Deputati rnexxielhom jiksbu post f'għaxra mill-għoxrin Kumitat Parlamentari; f'sitta minnhom bħala membri sħaħ u f'erbgħa oħra bħala membri sostituti. Skont kif ġie rrappurtat minn mezzi tax-xandir, fl-għażliet tagħhom l-Ewro-Parlamentari ġew iggwidati mill-prijoritajiet politiċi li huma jħossu li għandhom jiffokaw fuqhom fil-ħidma tagħhom.

Kumitat li jidher li ħadd ma ddeċieda li joqgħod fuqu hu l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali. Fil-ħidma tiegħu, dan il-kumitat jiffoka ħafna fuq l-iżvilupp tal-politika reġjonali Ewropea. Politika li hi mmirata biex ittejjeb il-livell ta' żvilupp ta' reġjuni li minnħabba li huma l-bogħod miċ-ċentru għandhom diffikultajiet li jxekkluhom. U Għawdex huwa każ ċar ta' gżira reġjun li qed tesperjenza dawn id-diffikultajiet. ***U allura, nsaqsi jien, jekk ħadd mill-ħames Ewro-Parlamentari Maltin ma ħass li għandu jpoġġi f'dan il-kumitat , min se jieħu ħsieb l-interessi t'Għawdex fil-Parlament Ewropew?***

Fuq dan, darb'oħra.

---

*Saviour Grech kien wieħed mill-ġurnalisti Maltin li l-Uffiċċju Informazzjoni f'Malta tal-Parlament Ewropew stieden biex jattendu s-Seduta Kostituttiva tas-Seba' Leġiżlatura tal-Parlament Ewropew li nżammet fil-belt ta' Strasburgu, Franza, bejn l-14 u s-16 ta' Lulju 2009.*

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# *Il-Kurat ta' Ars*

***Joseph Curmi, Il-Kurat ta' Ars, Gozo Press, 2009; pp. 112; 5 ewro. Jista' jinkiseb mil-"Lumen Christi Bookshop", Victoria.***




Dawn il-ġranet ġie f'idejja l-ktieb *Il-Kurat ta' Ars*, il-Ħajja u Riflessjonijiet ta' San Ġwann Marija Battista Vianney (1786-1859), maqlub għall-Malti minn Carmel C. Cachia b'nota dwar ħajjet il-qaddis minn Ġorġ Borg. Il-ktieb huwa stampat u llegat għand il-*Gozo Press* t'Għajnsielem u għandu produzzjoni taż-żagħżugħ mix-Xagħra Joseph Curmi li fit-13 ta' Ġunju li għadda ġie ordnat saċerdot fil-Katidral t'Għawdex minn Mons Isqof Mario Grech. Il-ktieb jinsab għal bejgħ minn għand il-*Lumen Christi Media Centre* ta' Triq Fortunato Mizzi Victoria.

Kienet ix-xewqa ta' dan is-saċerdot novell li fl-okkażjoni tal-ewwel quddiesa sollenni tiegħu ta' radd il-ħajr lil Alla għad-don tas-saċerdozju, huwa għażel li jippubblika dan il-ktieb biex ikun ta' għajnuna biex insiru iktar familjari ma' dan il-qaddis, ragħaj ta' veru, li dis-sena qed jagħlaq 150 sena minn mewtu. F'din l-okkażjoni wkoll, il-Knisja Kattolika għażlet li tiddedika din is-sena lis-Saċerdot, sena li fetħet uffiċjalment fid-19 ta' Ġunju 2009. Din is-sena, qal il-Papa, qed inediha fl-okkażjoni tal-150 anniversarju mill-mewt tal-qaddis Kurat ta' Ars, San Ġwann Maria Vianney, 'mudell veru ta' ragħaj għall-qadi tal-merħla ta' Kristu'. Waqt li l-Papa Piju X1, ftit wara li pproklamah Qaddis fl-1925, kien ħatru wkoll Patrun tal Kappillani, il-Papa Beneditu XV1 se jaħtru patrun tas-saċerdoti kollha.

Ħamsin sena ilu, fl-okkażjoni tal-Ewwel Ċentinarju mill-mewt ta' dan is-saċerdot qaddis, il-Papa Ġwanni XX111 kien ħareġ ittra enċiklika '*Sacerdotii nostri primordia*', li fiha jitkellem dwar dawk l-aspetti tal-ħajja saċerdotali ta' San Ġwann Maria Vianney li huma essenzjali għal kull żmien. F'din l-enċiklika, waqt li japplika l-ispiritwalità tiegħu għaż-żminijiet tal-lum, il-Papa jippreżenta lill-Qaddis ta' Ars bħala "mudell ta' axxeżi saċerdotali, mudell ta' talb u l-aktar ta' pjetà ewkaristika, kif ukoll mudell ta' ħeġġa spiritwali".

Intant dan il-ktieb huwa maqsum f'żewġ taqsimiet: fl-ewwel parti nsibu l-ħajja fil-qosor ta' dan il-qaddis, xogħol ta' Ġorġ Borg, filwaqt li t-tieni parti tikkonsisti f'siltiet mit-tagħlim sempliċi imma prattiku ta' dan is-saċerdot li għalkemm forsi ma kellux xi doni speċjali li jiġbduk jew li jispikkaw, madankollu l-ġid li għamel fis-sempliċità tiegħu, spiċċa biex ħawwad lil dawk li kienu jaħsbu li huma għorrief. Ma kienx xi bniedem gustuż, iżda kellu qalbu tad-deheb. Ma kienx intelliġenti fl-iskola, iżda kien mimli bil-għerf tal-Vanġelu. Kien Kappillan raħli u komuni ħafna, iżda l-folol kienu jinġibdu lejh daqs kalamita. Kien qisu tarbija fl-innoċenza tiegħu iżda kien jaqra fil-fond tal-qlub u bil-għajnuna t'Alla, kien iressaq lill-midinbin lejn ir-Ragħaj tal-erwieħ. Kien bniedem li fih, bla sforz ta' xejn, kont tilmaħ lil Alla li qaddsu u għamlu tiegħu. Baqa' magħruf minn kulħadd bħala l-Kurat t'Ars aktar milli b'ismu – Ġwann Maria Battista Vianney. Dan il-qaddis kien bniedem bħali u bħalek, u għalhekk jurina biċ-ċar li huwa possibbli li wieħed jgħix ta' Kristjan anke fid-dinja tal-lum.

Ħafna huma s-siltiet li ħallielna dan il-qaddis għar-riflessjoni tagħna mitbugħa f'dan il-ktieb ta' tifkira. Fosthom jispikkaw it-Talb, il-Grazzja, il-Mewt, il-Ġenna, l-Għażż, ix-Xeħħa, ir-Rabja, is-Suppervja, l-Għira, it-Tentazzjonijiet, il-Katekiżmu dwar it-Tbatija, flimkien ma' ħafna tagħlim ieħor tant importanti u essenzjali anke għal żminijietna.

Il-ktieb għandu daħla qasira mis-saċerdot novell Fr Joseph Curmi kif ukoll kelmtejn ta' preżentazzjoni minn Dun Daniel Xerri, ir-Rettur tas-Seminarju t'Għawdex.

Jalla kull min jiġi f'idejh dan il-ktieb żgħir, jagħraf jieħu minnu dawl u qawwa fil-mixja tiegħu wara l-Mulej u l-Imgħallem tagħna, li tiegħu San Ġwann Maria Vianney kien tassew "qaddej tajjeb u fidil".

***Kav. Joe M. Attard***

## *LETTERATURA GĦAWDXIJA* — *Poeżiji*

# *TIBDIL SOTTILI*

*minn* **Francis Sultana**

Għawdex, gżirti, art twelidi!
Int rabbejtni fuq sidrek primittiv,
niġri, ħieles ndur fuq xtajtiet għerja,
nagħti bis-sieq ramel jikwi, nitwieżen
fuq snien blatin, misnuna bl-ilma mielaħ,
sa nsib xi roqgħa kif naf jien,
li int ħejjejt għalija biex nistrieħ.

Imma dan l-aħħar tħabbibt mas-Sur Progress!
Id f'id 'l quddiem tlaqt, inżajt l-antik,
wiċċek għattejt, u lbist ilbies tal-moda, ġdid.
Stedint ħbieb barranin, ħa jiġu u joqogħdu,
l-aqwa li jinċensawk bi bħur li jħalli l-qliegħ.

Illum bil-kemm tingħaraf!
Ix-xeħtiet tiegħek moderni, qed ixekkluk, jgħejuk.
Sidrek miżgħud bħan-nemel b'nies għerja, mixwija,
bi żjut midluka, qed joħonquk, mank nifs ma jtuk:
u jien m'għadnix le nista' ramel intajjar,
qiegħ sieqi nsajjar, fuq snien blatin misnuna.

Minflok nitqanna;
nitwieżen tul strixxi lixxi,
ta' mogħdijiet bi skart mdewda,
ta' nies kważi għariwen, li l-paċi jitilfulek
b'għajjat u daqq ta' mitt elf għors,
li jġiegħlek ma tagħrafx lil ibnek, fuq xtajtitek;
li issa flok fis-sajf, iħobb fix-xitwa jmur
fejn baħar jibla' l-art erħilu jsinn mill-ġdid,
snienek blatin!

# *TISLIMA LILL-GĦODWA*

*minn* **Robert Gatt**

X'ħin ix-xemx maż-żerniq ta' kull għodwa,
tixref ħmajra mill-bogħod, fl-orizzont,
u lill-art timla b'dija li tgħammex,
waqt li 'l baħar issellem fil-pront,

jgħannu t-tjur, hemm jimirħu fis-sema,
jduqu l-benna tas-sebħ tal-ħolqien,
fit-tħabbira ta' jum ieħor hieni,
mimli ġmiel u kull xorta ta' lwien.

In-nies bieżla jerġgħulha f'rutina,
bla dewmien jibdew jaħdmu qatigħ,
biex tal-jum jieħdu l-priża li ħaqqhom,
ħalli fl-aħħar igawdu bis-sħiħ.

U l-poeta, iħares, josserva,
b'fommu sieket, iżda qalbu se tfur,
jixtieq jilmaħ f'dik l-għagħa, xi ftit sikta,
jrid jingħaqad fis-sema mat-tjur.

Sakemm fl-għabex, ix-xemx terġa' togħdos,
f'baħar ikħal, fi tmiem dak il-jum,
biex is-skiet jerġa' jsaltan darb'oħra,
sakemm l-għodwa tkun waslet biex tqum.

# *L-INKWINA TA' KELMET ALLA*

(*poeżija bl-Ingliż ta'* **John Clifford**
*maqluba għall-Malti minn* **Michael Grech**)

Awl il-lejl tnikkirt ħdejn bieb ħaddied
fejn inkwina dwiet f'vespri l-ħin.
Tajt titwila u rajt mrietel rmied
u mtertqa b'daqqiet tul żmien is-snin.

"Kemm l-inkwina temmejt?" mort staqsejt
"biex ħarbatt wisq l-imrietel hekk tant?"
B'ferħ f'għajnejh : "Waħda biss minn xħin bdejt,
l-inkwina therri taf żmalt u mant!"

"L-inkwina tal-kelma t'Alla dwiet,"
ħsibt, "b'daqqiet li żgur xettiċi huma;
'mma minkejja tballit b'kull xejriet,
xej' mittiefsa!... l-imrietel mitmuma.

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

*Is-Saċerdozju fil-ħsieb tal-Kardinal Basil Hume*



# IS-SAĊERDOT: TABIB TAR-RUĦ

*("The Mystery of the Cross", Darton, Longman and Todd 1998, pp 31-35)*

## 1 LI TKUN SAĊERDOT JEW ISQOF HIJA VOKAZZJONI MERAVILJUŻA

- *Hija esperjenza tal-għaġeb*
  li tkun fuq l-altar u taġixxi *in persona Christi*
  li teżerċita s-setgħat tiegħu
  u tbiddel il-ħobż f'ĠISMU
  l-inbid f'DEMMU.
- *Hija esperjenza tal-għaġeb*
  li toqgħod fil-konfessjonarju, tisma' l-istqarrija ta' bniedem mgħobbi bil-ħtija u bir-rimors u mbagħad f'Isem Kristu tgħid il-kliem
  "JIENA NAĦFIRLEK DNUBIETEK",
  kliem li jnissel f'dik il-persuna serħan u paċi tal-qalb.

- *Is-Saċerdot jagħti d-dilka lill-morda,*
  forsi mhux dejjem ifejjaq
  imma żgur li jagħti l-faraġ u l-kuraġġ.
- *Is-Saċerdot hu Ragħaj, dejjem bla mistrieħ,*
  ifittex bla waqfien in-nagħġa l-mitlufa
  u ma jistrieħx qabel ireġġagħha lura lejn id-dar.

Is-**Saċerdot u t-Tabib** għandhom ħafna karatteristiċi komuni :

It-tnejn jinteressaw ruħhom fis saħħa tal bniedem
- it-Tabib fis-saħħa fiżika
- is-Saċerdot fis-saħħa morali.

It-tabib, meta jsir tabib, jaħlef ħalfa – *the Hippocratic Oath:*
li jfejjaq xi drabi,
li jdewwi spiss,
li jfarraġ dejjem.

Hekk ukoll jagħmel is-saċerdot fil-qasam tiegħu, dakinhar li jiġi ordnat saċerdot!

## 2 IS-SAĊERDOT U L-FEJQAN SĦIĦ TAL-UMANITÀ

It-tabib jaf li l-bniedem mhux ġisem biss għandu.

Is-saċerdot ukoll min-naħa tiegħu jagħraf li l-ġisem u r-ruħ mhumiex għedewwa ta' xulxin. It-tnejn jimxu id f'id.

Kemm it-tabib u kemm is-saċerdot mill-esperjenza tagħhom jgħidulek li l-bnedmin huma mwerwrin mill-problemi tal-mard, uġigħ u mewt.

Jaraw b'għajnejhom stess ħafna uġigħ ta' qalb, ħafna biżà mill-mewt, ħafna vojt fil-qalb, ħafna solitudni.

Dawn is-sintomi ssibhom l-aktar fis-soċjetà lajka ta' llum:
- fejn Alla ġie mkeċċi u mwarrab,
- fejn Alla ġie ddikjarat "żejjed" u "mhux meħtieġ",
- fejn Alla ġie mpenġi li hu "xi ħadd" li ma jgħin lil ħadd.

U allura Alla ġie mħolli għal siegħa nhar ta' Ħadd biss u mhux rilevanti għall-ħajja tagħna ta' kuljum.

Is-soċjetà konsumista ta' llum, li toffrilna kull ġid materjali u kull kumdità, ma rnexxilhiex madankollu
- tissodisfa l-ħtiġijiet l-aktar profondi ta' qalb il-bniedem
- tagħti l-ferħ u l-kuntentizza li qalb il-bniedem hija tant imxennqa għalihom.



# *Dawl għall-Ħajja*

*Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

## 3 IS-SAĦĦA TAL-MOĦĦ

Il-famuż Carl C. Jung fil-ktieb tiegħu *"Modern Man in Search of a Soul"* jgħid li fost il-pazjenti li marru għandu għall-kura:

- il-problema fundamentali ta' kull pazjent kienet it-telfien tas-sens reliġjuż;
- li ħadd minnhom ma fieq qabel ma reġa' kiseb mill-ġdid is-sens reliġjuż.

## 4 IS-SAĊERDOT U L-KONVERŻJONI TAL-QALB

- **Irridu niskopru mill-ġdid il-valuri assoluti u dejjiema, li jgħoddu dejjem, għal kulħadd u kullimkien.**
  Dan hu dak li l-Vanġelu jsejjaħ "il-bidla jew konverżjoni tal-qalb".
- **M'hemmx fejqan sħiħ u veru għall-individwu u għas-soċjetà kollha tal-umanità mingħajr tranformazzjoni u bidla radikali tal-qalb.**
- Ir-RELIĠJON hija essenzjali għal dan l-iskop. Għat-tiġdid personali u għat-tiġdid tas-soċjetà, tinħtieġ ħaġa urġenti :
  LI NIRRITORNAW LEJN ALLA.
- Biex il-bniedem u s-soċjetà jfiequ, jinħtieġ
  LI JERĠGĦU LURA LEJN ALLA.

## 5 GĦANDI JIEN QALB SAĊERDOTALI?

**Eżami tal-Kuxjenza**

*(Kardinal Basil Hume, "To Be a Pilgrim" p. 212)*

- Qalbi fejn qiegħda? Qiegħda fis-Saċerdozju tiegħi? Jew it-teżor tiegħi jinsab x'imkien ieħor barra mis-Saċerdozju tiegħi?
- Għadni nħoss fervur u entużjażmu meta nitla' l-altar biex niċċelebra l-quddiesa? Jew issa nħossni xi ftit differenti minn qabel?
- Inħossni fuq ix-xwiek biex nitkellem mal-poplu dwar l-Aħbar it-Tajba tal-Vanġelu? Jew ix-xandir tal-Kelma sar għalija ħaġa monotona u bla interess?
- Jiena nħobbhom lill-morda u lill-foqra?
- Il-qalb saċerdotali tiegħi għadha tħoss għalmin hu mġarrab?
- Għadni nħoss għożża u riverenza lejn is-Santissimu Sagrament ?



Il-Kardinal Basil Hume (1923 -1999)

Jew inbdilt minħabba familjarità żejda ma' xi nies… jew agħar u agħar minħabba d-dubji?
- Għadni nħoss umiltà profonda u responsabbiltà tremenda meta fil-konfessjonarju ngħid: "JIEN NAĦFIRLEK DNUBIETEK" ?

## 6 IL-MINISTERU TAL-KELMA

*(Kardinal Basil Hume , "Light in the Lord" p.66)*

F'kull Ordinazzjoni, jiena nħeġġeġ lill-Ordinand biex jeżerċita l-Ministeru tal-Kelma bid-dinjità u b'dehen kbir. Kull darba dan iġiegħel lili nirrifletti fil-fond fuq ir-rwol tiegħi bħala GĦALLIEM.

- Kif qiegħed naqdi dmiri?
- Jien tassew xhud bil-mod kif ngħix?
- Meta nippriedka, hemm konvinzjoni f'leħni?
- Il-Kelma t'Alla ħalliet effett fija? Biddlet lili?

Is-semmiegħa jridu jisimgħu
- mhux biss dak li aħna għandna xi ngħidu
- imma wkoll dak li qed ngħidu x'ifisser għalina.

Il-fidili fil-knisja jintebħu mill-ewwel jekk aħniex ġenwini jew le fil-predikazzjoni tagħna.

Jakk aħna **bnedmin ta' talb**
allura kliemna jolqot l-imħuħ u l-qlub.

Meta aħna **nitolbu**, il-fidi fina hija **ħajja.**
Meta l-**fidi hi ħajja** u mhux rieqda jew bierda,
**kliemna "jitkellem"** u jkollu effett tajjeb.

*Solidarjetà Nisranija (2)*



# It-Tliet Pilastri tas-Solidarjetà



*kitba ta'*
MONS. ISQOF EMERITU
NIKOL Ġ. CAUCHI

**Il-ġustizzja, l-imħabba u l-ħniena huma t-tliet pilastri li fuqhom tinbena s-solidarjetà nisranija. Kull waħda minnhom hija neċessarja, għax fejn tonqos waħda jew oħra minnhom, is-solidarjetà ma tistax tibqa' sħiħa.**

Il-ġustizzja u l-imħabba huma żewġ virtujiet soċjali, li jmorru flimkien u jwieżnu lil xulxin. Il-Papiet insistew ħafna fuq dawn iż-żewġ aspetti tat-tagħlim u tal-ħidma soċjali tal-Knisja. Hekk, il-Beatu Papa Ġwanni XXIII fl-enċiklika "*Mater et Magistra*" (n. 39) jikteb: "Huwa meħtieġ li l-attivitajiet ekonomiċi jkunu mmexxija mill-ġustizzja u l-karità, li huma l-liġijiet ewlenin tal-ħajja soċjali."

Dwar il-ħtieġa tal-ġustizzja u l-imħabba li għandhom jibqgħu marbutin flimkien, id-Dokument tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet; tal-1971 fit-tieni taqsima jgħidilna: "l-Imħabba nisranija tal-proxxmu u l-ġustizzja ma jistgħux jiġu mifruda. Għaliex l-imħabba tħaddan bżonn assolut tal-ġustizzja, jiġifieri l-għarfien tad-dinjità u tad-drittijiet tal-proxxmu, mill-banda l-oħra, il-ġustizzja tilħaq il-milja tagħha interna biss fl-imħabba."

**It-tagħlim soċjali tal-Knisja, biex ngħidu hekk, jimxi fuq il-binarju tal-ġustizzja u l-imħabba. Is-soċjetà li ngħixu fiha, ma tistax tkun tabilħaqq umana u fraterna, jekk ma jiġux imħarsa dawn iż-żewġ virtujiet evanġeliċi.**

Il-ġustizzja u l-imħabba jibqgħu ħaġa astratta, u ma jkollhomx effett konkret, jekk ma jkunx hemm ukoll il-ħniena, li tissarraf f'għemil ta' qadi u ta' għajnuna lill-proxxmu. Għalhekk San Ġakbu (2,15-16) jwissi: "Jekk ħuk jew oħtok ma jkollhomx x'jilbsu u jonqoshom l-ikel ta' kuljum, u wieħed minnkom jgħidilhom: "Morru bis-sliem, isħnu u kulu sa tixbgħu", bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa'?"

### *Il-Ġustizzja*

Il-filosofi Griegi kienu jafu bil-virtujiet kardinali u fosthom il-ġustizzja. Aristotele, fl-ewwel kapitlu tal-ħames ktieb, ta' *l-"Etika ad Nicomacum"*, jitkellem fit-tul dwar il-ġustizzja li tista' tkun preżenti jew nieqsa fl-għemil u fl-intenzjoni tal-bniedem.

Skont dan il-filosofu, il-ġustizzja hija ta' żewġ għamliet: il-ġustizzja ġenerali, li tiġbor fiha l-virtujiet kollha u l-ġustizzja partikulari, li hija virtù kardinali, li huwa jerġa' jiddividiha f'ġustizzja distributiva u ġustizzja korrettiva. Din ta' l-aħħar, illum għandha isem iktar komuni, li huwa 'ġustizzja kommutattiva', mill-kelma "cummutare" li tfisser tbiddel jew tpartat għaliex tirregola l-mod kif isir it-tpartit ta' oġġetti, li fl-antik kien isir ta' spiss, minflok il-bejgħ u x-xiri.

Definizzjoni: "Il-ġustizzja hi r-rieda soda u kostanti li nagħtu lill-oħrajn dak li jistħoqqilhom. Il-ġustizzja lejn Alla tissejjaħ "il-virtù tar-reliġjon" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika - Kompendju*, n.381). Fi kliem ieħor, il-ġustizzja hija dik il-virtù kardinali li ddarri lil bniedem jagħti dejjem lil ħaddieħor, dak li ħaddieħor ikollu jedd għalih, jew li jkun tiegħu.

**Il-ġustizzja hija virtù mnissla u ġejja mill-istess natura umana għaliex il-bniedem maħluq biex jgħix fis-soċjetà, jiġifieri mhux għalih waħdu iżda f'relazzjoni ma' bnedmin oħra. Hija virtù kollha kemm hi "soċjali" għaliex tinbet u tikber fis-soċjetà umana , u ma tistax teżisti fejn ma jkunx hemm soċjetà.**

Il-ġustizzja għandha l-għeruq tagħha fl-ugwaljanza li hemm fost il-bnedmin. Għad li d-differenzi bejn bniedem u ieħor huma ħafna, iżda mhix nieqsa fosthom dik li nistgħu nsejħulha "ugwaljanza bażika jew fundamentali." Aħna, il-bnedmin għandna l-istess natura umana, hemm l-istess normi etiċi li jgħoddu għal kull bniedem , u aħna marbutin b'ċerti obbligazzjonijiet morali, li huma komuni għal kulħadd. Biex tkun ħajja li tixraq lil bniedem, jeħtieġ mhux biss li wieħed jgħix, iżda wkoll li jkollu l-ikel, l-ilbies, dar fejn joqgħod, l-edukazzjoni, ħarsien ta' saħħtu u ħafna affarijiet oħra. Għalhekk tkun qegħda ssir inġustizzja miegħu, jekk bniedem ikun mċaħħad minn xi wieħed minn dawn l-elementi meħtieġin għall-ħajja umana f'din id-dinja.

**Il-ġustizzja tgħinna sabiex nevitaw kull xorta ta' inġustizzji ma' ħutna l-bnedmin fil-waqt li tgħallimna nirrispettaw id-drittijiet ta' kulħadd u hekk tinħoloq fis-soċjetà, dik l-armonija li ssaħħaħ l-ekwità fir-relazzjonijiet tagħna ma' għajrna, għal ġid ta' kulħadd. Dan ifisser li kull għemil ta' ġustizzja jsaħħaħ il-ġid komuni tas-soċjetà kollha.**

Il-Ġustizzja tirregola r-relazzjonijiet tagħna ma' l-oħrajn u tgħallimna nagħtuhom dak li jmiss lilhom, skont il-verità

u għalhekk kien hemm min qal li "l-ġustizzja hija l-verità fil-prattika jew fl-azzjoni"; ("*Justice is truth in action*" Benjamin Disraeli). Il-ġustizzja hija eżiġenza fundamentali, l-inqas ħaġa li nistgħu u għandna nagħmlu fil-konfront tal-proxxmu tagħna, turina l-minimu li għandna nagħmlu biex inkunu wettaqna d-dmir strett tagħna lejh. Hija virtù meħtieġa fil-ħajja soċjali, biex kollox jimxi sewwa, iżda weħidha mhijiex biżżejjed. Hemm bżonn li magħha jkun hemm ukoll l-imħabba u l-ħniena.

***Il-jeddijiet u dmirijiet***

Mal-ġustizzja huwa konness il-kunċett ta' **dritt jew jedd.** Huwa s-setgħa morali, li titlob minn għand ħaddieħor, li jagħtik xi ħaġa jew jagħmillek xi azzjoni. Nistgħu ngħidu wkoll li huwa l-poter konformi mar-raġuni retta li bih wieħed jista' moralment iwettaq xi għemil jew jottieni xi ħaġa.

L-awturi jistaqsu liema hija l-oriġini tal-jeddijiet, cioè mnejn jiġu jew fuqhiex huma bbażati l-jeddijiet tal-bniedem. L-opinjonijiet huma diversi, iżda jistgħu jiġu ikklassifikati f'żewġ kategoriji: (a) Dawk li jaħsbu li l-jeddijiet umani huma ġejjin mill-bnedmin, għax ikun hemm il-kunsens jew l-approvazzjoni komuni taċ-ċittadini, bħal ma hija t-teorija tal-"Kuntratt Soċjali" ta' Rousseau, Hobbes u oħrajn, jew ta' dawk li jgħidu li l-kunsens komuni huwa kkristallizzat fl-Istat politiku, (Fichte) jew l-istat jirrappreżenta r-rieda universali. (Hegel) Fi kliem ieħor, l-Istat huwa l-unika għajn u mħallef waħdieni tal-jeddijiet.

(b) **Skont it-tagħlim Kattoliku, l-oriġini jew il-għajn fundamentali u aħħarija tal-jeddijiet huwa Alla nnifsu; fil-waqt li l-oriġini prossima jew qariba tal-jeddijiet, hija d-dinjità tal-personalità umana.**

L-ordni morali bil-jeddijiet u d-dmirijiet inklużi fih hu maħluq minn Alla, u l-jeddijiet umani huma l-għajn li minnha toħroġ il-ġustizzja. Hemm jeddijiet naturali mogħtija minn Alla, u l-vjolazzjoni tagħhom hija wkoll inġustizzja kontra Alla u kontra l-bniedem. Hemm ukoll jeddijiet ċivili ġejjin mill-Istat, li jinkisru meta l-ġustizzja distributtiva ma tiġix mħarsa. Hemm fl-aħħarnett jeddijiet kontrattwali li huma konsegwenza ta' xi kuntratt jew ftehim u l-ksur tagħhom itellef il-ġustizzja kommutattiva.

**Il-ġustizzja titlob li jkun hemm rispett lejn il-jeddijiet ta' kull għamla li semmejna, u ssir inġustizzja kull darba li xi wieħed minnhom ma jkunx imħares. Jeddijiet u dmirijiet huma korrelattivi jiġifieri jimxu flimkien għax ma jistax ikun hemm drittijiet biss mingħajr dmirijiet u vice-versa, infatti l-jedd għal dak li jgawdih huwa wkoll dmir għall-ieħor li għandu jirrispettah.**

Jeddijiet u dmirijiet jingħataw lill-bniedem mil-Liġi Naturali, jiġifieri minn Alla nnifsu li hu l-awtur ta' l-ordni morali oġġettiv. Id-dmir jew obbligu huwa neċessità jew ħtieġa, skont ir-raġuni retta, li l-bniedem bil-libertà libera tiegħu jista' jirreżisti għaliha iżda jekk jagħmel hekk ikun imur kontra l-ordni morali. Hija neċessità morali, mhux xi forza fiżika, li biha l-bniedem ikun marbut jagħmel xi ħaġa jew jevitaha sabiex għemilu jkun jaqbel ma' dak li trid ir-raġuni retta.

**Il-jeddijiet u d-dmirijiet huma l-elementi li minnhom hu magħmul l-ordni morali, li huwa bbażat fuq l-ordni tal-ħolqien u għalhekk ngħidu li ġej ukoll mill-Ħallieq.** Il-kunċett ta' ordni jiddetermina l-intelliġenza għaliex l-ordni hu verità, pjan mfassal minn xi intelliġenza. Iżda l-ordni jorbot ukoll ir-rieda għax hu t-tajjeb, jew dak li jisfa' ta' ġid għall-individwu u għas-soċjetà. **Wieħed ma jistgħax jimmaġina soċjetà umana mingħajr ordni morali, jiġifieri soċjetà li fiha ma jkunx hemm dik in-nisġa ta' jeddijiet u dmirijiet li semmejna.**

***Il-Ġid Komuni***

Fl-eżerċizzju tal-ġustizzja ma għandu qatt jintesa jew jitwarrab fil-ġenb il-ġid komuni.

Il-ġid komuni, skont il-*Gaudium et Spes* (n.26) "huwa l-ġabra ta' dawk il-kundizzjonijiet tal-ħajja soċjali, li jippermettu kemm lill-għaqdiet u kemm lill-membri, wieħed wieħed, li jiksbu l-perfezzjoni tagħhom aktar sħiħa u malajr".

Il-ġid komuni jikkonsisti fi tliet elementi essenzjali (*KKK* 1906-1909):

(i) **Ir-rispett lejn il-persuna ta' kull wieħed u l-jeddijiet tagħha;**

(ii) **Il-benesseri soċjali tal-grupp u l-iżvilupp tiegħu;**

(iii) **Il-paċi fis-soċjetà jiġifieri l-istabbiltà u s-sigurtà ta' l-ordni mibni fuq il-ġustizzja.**

Aspetti oħra tal-ġid komuni fis-soċjetà huma l-prattika tal-virtù tal-membri tagħha, it-tagħlim u l-progress fix-xjenzi u fl-arti, il-paċi u l-konkordja soċjali u l-propjetà materjali jiġifieri l-ġid li għandu jitqassam b'mod ekwu (cfr. B. Merkelbach O.P. "*Summa Theologiae Moralis*, vol II p. 264). Fid-dokument tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet tal-1971, naqraw "il-membri tal-Knisja, bħala membri tas-soċjetà ċivili, għandhom id-dritt u d-dmir, bħaċ-ċittadini l-oħra li jfittxu l-ġid komuni".

*(jissokta)*



SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY






# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tnejn u Għoxrin Parti )*

## *FRAN U ĦOBŻ (5)*

**Fran il-Munxar, 3 ifran.**

Spiċċaw kollha. Ma kinux jaħdmu kollha fl-istess żmien.

1. Forn fejn illum hemm il-*garage* tal-Familja Muscat, fil-pjazza.
2. Forn fejn joqgħod Toni Grima, tas-Siku.
3. Il-Forn ta' Ġanni u wara ta' Peppi Saliba, tal-Ħaxxiex, Il-Forn il-Qadim, 10 Triq Munxar, il-Munxar.

**Fran in-Nadur, 11-il wieħed**

***Fran fin-Nadur li spiċċaw:***

1. Il-Forn ta' Anġlu u Ġużeppa tad-Dussies, Triq San Ġwann, 50 sena ilu.
2. Il-Forn ta' Marija Portelli taċ-Ċoqq, Triq tas-Sajd, 30 sena ilu.
3. Il-Forn ta'Pietru Grima tal-Ħarufa, Triq San Blas, 20 sena ilu.
4. Il-Forn ta' Kurun Grima tal-Ħarufa, Triq Dun Bernard Haber, 20 sena ilu.
5. Il-Forn ta' Marċell Grima tal-Ħarufa, Triq Piju Cellini, 22 sena ilu.
6. Il-Forn ta' Sunta u Pawla Said ta' Ċikka, Triq Ċimċem, 20 sena ilu.
7. Il-Forn ta' Ġamri u Użarja Said, ta' Silga, Triq il-Knisja, 16-il sena ilu.

***Fran fin-Nadur li għadhom jeżistu:***

8. Il-Forn ta' Joe Portelli, ta' Mekren, Triq Ħida.
9. Il-Forn ta' Gracie Farrugia, tal-Maxokk, Triq San Ġakbu.
10. Il-Forn ta' Pierre Grech, ta' Bibi, Triq l-Isqof Buttigieg.
11. Il-Forn ta' Pawlu Muscat, ta' Pietra, Triq San Blas.

**Fran il-Qala, 5 ifran**

1. Il-Forn tal-Furnar, Frenċu Camilleri, fi Triq il-Wardija, illum magħluq.
2. Il-Forn ta' Triq il-Wardija, li kien ta' Toni Camilleri u wara għadda f'idejn uliedu Francis u Lonza Camilleri. Illum dan il-forn hu magħluq.
3. Il-Forn ta' Ġużepp Buttigieg, ta' Għassa, fi Triq il-Wardija, magħluq.
4. Il-Forn fi Triq il-Wardija li kien ta' Ġużepp Xerri u wara għadda f'idejn Ġużepp Buttigieg, ir-raġel ta' bintu. Illum dan il-forn hu magħluq.
5. Il-Forn Tal-Mulejja, tal-Familja Buttigieg, fi Triq il-Forn. Għadu jeżisti. Isajjar bil-ħatab.

Il-Qala minn żmien l-aħħar gwerra ssemmiet triq, Triq il-Forn, fejn hemm qrib il-Forn tal-Mulejja.

**Sannat, 3 ifran**

1. Il-Forn ta' Ġanna tal-Forn, Main Street jew Triq il-Kbira.
2. Il-Forn ta' Salun (Said), Main Street; kienet waqgħet il-bomba tat-Tieni Gwerra fuqu.
3. Il-Forn tal-Bieżel, Main Street jew Triq il-Kbira.

**San Lawrenz, 2 ifran**

1. Furnar Grima, Ta' Manina, fi Triq San Lawrenz, li wara saret il-Pjazza.
2. Il-Forn ta' Mikelanġ Piscopo, Tal-Baħrija, fi Triq Ċangura.

**Xagħra, 19-il forn**

1. Il-Forn ta' Karmnu ta' Psajla, ta' Toninu Attard "Il-Kariġġ", fi Triq iż-Żarmuġ, illum Triq San Ġużepp.
2. Il-Forn ta' Ġużeppi Refalo, ta' Lazzru, fi 32 Triq il-Knisja.

3. Il-Forn ta' Kejżer, Bertu Refalo tas-Sus, fi Triq il-Knisja.
4. Il-Forn ta' Ġaħan, ta' Salvu bin Pawlu Xerri, fi Triq Bullara.
5. Il-Forn tal-Ploj, ta' Wistin Farrugia u mbagħad ta' ibnu Karmnu Sultana, fi Triq Jannar,
6. Il-Forn tas-Sogi (forn tal-biskuttini u bankunċini), Ġanna Attard "ta' Żeża", fi Triq it-Tiġrija.
7. Il-Forn ta' Ġanninu, Fortun Ċini ta' Ġanninu, fi Triq Parisott.
8. Il-Forn tal-Furnar, Toni Farrugia, fi Triq Ġnien Xibla; dan l-aħħar forn fix-Xagħra, u għadu hemm.
9. Il-Forn taż-Żangu, tal-Gallett, ta' Manwel Hili, fi Triq Ġnien Xibla.
10. Il-Forn ta' Wenza Farrugia, fi Triq Ġnien Xibla.
11. Il-Forn ta' Pawlu Zammit, fi Triq Ġnien Xibla.
12. Il-Forn ta' Kristinu Zammit, fi Triq tal-Ġorf.
13. Il-Forn tal-Furnara, fi Triq 28 ta' April, 1688.
14. Il-Forn tal-Furnara, fi Triq l-Arċipriet Diacono.
15. Forn ieħor ħdejn il-knisja tan-Nazzarenu.
16. Il-Forn ta' Ġiljan, Ġiljan fi Triq Mannar.
18. Il-Forn ta' Kristinu Zammit ta' Mira, fi Triq Gajdoru.
19. Il-Forn tal-Kok, Ċikku u Ġużepp Schembri (Peppi l-Kok), fi Triq Mannar.

Minn dawn il-fran kollha x-Xagħra wieħed biss għadu jaħmi. Dan jinsab fil-bidu ta' Triq Ġnien Xibla. Il-forn jitmexxa minn sidu Toni Farrugia li, minbarra li jagħmel il-ħobż, jagħmel ukoll kagħak tal-għasel, biskuttini, ftajjar, u ħobż ismar, u hu mfittex ħafna mill-Ingliżi.

**Ix-Xewkija, 11 fran u 2 moderni**

1. Il-Forn ta' Saminu, fi Triq il-Ħamrija (għadu jeżisti).
2. Il-Forn tax-Xiber, Carmel Cauchi, it-tifel, fi Triq Ħamsin illum fi Triq l-Arċipriet Ġ. Grech (għadu jeżisti).
3. Il-Forn tal-Baġlu. Ġużepp Spiteri, fi Triq Santa Marija.
4. Il-Forn ta' Pawlu Rapa ta' Saminu, tal-Gallett jew tal-Għaġin, Triq Santa Katerina.
5. Il-Forn ta' Damjan, Wenzu Cauchi, fi Triq San Ġwann.
6. Il-Forn ta' Nardu Rapa fi Triq San Ġwann.
7. Il-Forn ta' Żulminhemm, Francis Pace, fi Triq il-Knisja.
9. Il-Forn ta' Xerri, Peppina Xerri, fi Triq San Pubbliju.
10. Il-Forn tal-Għasfur, Marija Saliba, Triq Sant' Indrija.
11. Il-Forn ta' Mesikk, Xerri, fi Triq Mġarr ix-Xini.

***Fran Moderni***

1. Tower Baker ta' Johnny Portelli tal-Lingi, *Industrial Estate* (ġie mir-Rabat).
2. Tal-Mezzan Bakery, *Industrial Estate* (ġie minn Ta' Kerċem).

**Żebbuġ, 5 ifran**

1. Il-Forn ta' Rafiel, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.
2. Il-Forn tax-Xnakka, Triq Skapuċċina.
3. Il-Forn ta' Pietru, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.
4. Il-Forn ta' Peċiċ, Triq il-Ponta.
5. Il-Forn ta' Abram, Triq Skapuċċina.

**Il-Forn ta' Marsalforn**

Marsalforn insibu Triq il-Forn, *Bakery Street*, imma hawnhekk ma kien hawn ebda forn. Il-forn li għalih issemmiet din it-triq huwa l-forn li jissemma fil-leġġenda tal-Forn ta' Marsalforn, li aktarx qatt m'eżista!

**Il-Forn ta' Kemmuna**

Il-Forn ta' Kemmuna kienu jinqdew bih il-familji Buttigieg u Said u x-xogħol kienu jagħmluh tal-familja stess.

***Ħrejjef u Leġġendi dwar il-Forn***

F'Għawdex insibu wkoll ħrejjef u leġġendi dwar il-forn. Skont il-ħrafa ta' Patri Magri, waħda tifla teħles mill-ġganta billi jirnexxilha bil-ħażen ta' moħħha ddaħħalha fil-forn. Il-ħrafa tal-għaġina f'wiċċ it-Tork tingħad għall-forn leġġendarju ta' Marsalforn, il-Leġġenda tal-Ħotba ta' Kanġla u għall-Forn tal-Mulejja tal-Qala. Din il-leġġenda tingħad għal żmien it-Torok kif ukoll għal żmien il-Franċiżi.

***Kollaboraturi***

Din il-lista nġabret bil-għajnuna ta' xi kollaboraturi li kienu dawn: Rabat: Ġorġ Tabone, ta' Gerit; Fontana: Ġorġ Tabone u Charles Farrugia; Għajnsielem: Joseph Caruana; Għarb: Emily Amatulli nee Depasquale; Għasri: Toni Calleja; Kerċem u Santa Luċija: Joe Grima u Joe Mizzi; Nadur: Angelo Xuereb; Qala: Kelinu Debono; Sannat: Nenu Attard u martu Tereżina; San Lawrenz: Ġorġ Borg u Wenzu Camenzuli; Xagħra: Dr. Aaron Attard Hili, Raymond Mifsud u Kelinu Cini; Xewkija: Wistin Dingli u Nenu Attard; Żebbug: Mary Anne Spiteri; Paul Curmi, intervista ppubblikata f'*Id-Dawl* Nru. 12 (Rivista tal-Munxar), paġni 8 u 14.

Jista' jkun li din il-lista m'hix komplita jew fiha xi żbalji. Għalhekk nieħdu gost min jiġbdilna l-attenzjoni għal kull nuqqas. Jista' wkoll hemm xi ripetizzjoni billi aħna mxejna mal-prinċipju: *Melius abundare quam deficere,* aħjar iż-żejjed milli n-nieqes. Kull korrezzjoni hija milqugħa. Dwar il-fran aħna nieqfu hawn.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*Kummentarju (4)*





# "Ne parleranno le urne!"

## L-Għawdxin fl-aħħar elezzjonijiet

*kitba ta'* **FRANCO MASINI**

**Jgħidu li Nerik Mizzi meta kien ikun affaċċjat minn xi dilemma politika jew amministrattiva kien jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'serenità u jtenni li l-voti fl-elezzjoni ta' wara juru kellux raġun jew le li jieħu t-tali deċiżjoni. Kien jgħid *"ne parleranno le urne!"* (jiddeċiedu l-votanti fuq dak li jkun twettaq). Jiena naħseb li ftit ġimgħat ilu l-elettorat Għawdxi esprima l-fehma tiegħu b'mod ċar ħafna fl-elezzjoni għal Membri tal-Parlament Ewropew. *Le urne* tkellmu ċar!**

**L-Għawdxin jew permezz tal-assentiżmu tagħhom, jew bil-mod kif ivvutaw taw sinjal ċar li ma huma xejn kuntenti kif mexjin l-affarijiet.** Jiena naħseb illi kienu ferm diżappuntati li l-partiti l-kbar naqsu li jaħtfu l-okkażjoni tas-sitt siġġu fil-Parlament Ewropew biex jagħtu lir-reġjun ta' Għawdex siġġu għalih. Id-deċiżjoni taż-żewġ partiti, appoġġjati wkoll mill-ħodor, kienet l-unika ħaġa li qablu bejniethom fuqha. S'intendi t-tellief kien Għawdex. Il-fatt li inkludew kandidat minn Għawdex ma ssodisfatx lill-Għawdxin għax dawn jafu ben tajjeb illi dan serva biss bħala dak li bl-Ingliż jissejjaħ *"tokenism"* ossia tinqeda' b'xi ħadd biex bħal speċi tgħid inkludejtu u xejn iktar. **L-Għawdxin taw ir-risposta tagħhom għax tefgħu numru tajjeb ta' voti favur dawn il-kandidati, avolja jafu li anke kieku kellhom jiġbdu l-voti kollha ta' Għawdex, ma kien iservi għal xejn għax kwota ta' wieħed u erbgħin elf minn Għawdex biss ma tista' qatt tinkiseb.**

L-analiżi tar-riżultati inħalluhom f'idejn il-partiti. Iżda ftit kummenti jinħtieġ li jsiru. Il-Partit Laburista għall-ewwel darba mill-1955 reġa' kellu maġġoranza. Din hija kisba kbira u l-partit jixraqlu li jkun kongratulat għal dan. Għaliex ġara dan wieħed irid iħalli f'idejn l-analisti ta' dak il-partit. Hekk ukoll irid jagħmel għal dak li naqas li jwettaq il-Partit Nazzjonalista. Iżda ma hemmx dubju li **t-tgergir tan-nies u n-nuqqasijiet fl-amministrazzjoni għal dak li jirrigwarda lil Għawdex kienu fattur importanti fl-iżvolta tal-maġġoranza li saret wara 'l fuq minn ħamsin sena. Naħseb li n-nies xebgħu jisimgħu bi proġetti imwiegħda sena wara l-oħra li ma jsiru qatt bħal ngħidu aħna t-triq tax-Xlendi, l-baga fil-bajja tax-Xlendi, *decompression chamber* inawgurat snin ilu li issa biss qed jintuża, nuqqas kbir ta' investiment infrastrutturali, telqa kbira kullimkien, biċċerija li sparixxiet u ma ġiet qatt lura u tant tgergir ġustifikat ieħor.** Iżda l-iktar nuqqas serju li hemm huwa l-inugwaljanzi li jeżistu bejn Malta u Għawdex fil-qasam tas-saħħa. Dan mhux qed ngħidu jien iżda enfasizzah bl-iktar mod qawwi l-kandidat Nazzjonalista għall-elezzjonijiet Ewropej it-Tabib Frank Portelli fil-fuljett li qassam qabel l-elezzjoni. Kellu jkun kandidat Malti mill-partit tal-Gvern stess li ddeplora n-nuqqasijiet f'Għawdex f'dan il-kamp. Nisthajjel wieħed isaqsi dan x'għandu x'jaqsam mal-Parlament Ewropew? Veru, iżda l-poplu jesprimi ruħu f'kull okkażjoni li titfaċċalu sewwa jekk elezzjoni għall-Kunsilli jew konsultazzjoni oħra elettorali bħal din li għaddiet.

Hemm ħafna lezzjonijiet li wieħed għandu jieħu minn dan ir-riżultat. L-ewwel waħda hija dik li t-Tabib Portelli stess jindika meta jgħid li **waqt elezzjoni Għawdex jibbrilla bħal kewkba li meta tgħaddi l-elezzjoni tgħib. Se nibqgħu mexjin f'din it-triq? Lezzjoni oħra hija dik li Għawdex ikun imwiegħed ħafna u ħafna affarijiet sbieħ li mbagħad ftit biss minnhom jiġu attwati. Anzi dawk li ma jiġux attwati jibqgħu sena wara l-oħra jissemmew fil-*budget*. Dan m'hu xejn ħlief mod kif tgħaddi ż-żmien bin-nies.**

Li hemm bżonn huwa mod kif il-leħen awtentiku ta' Għawdex jibqa' jidwi b'mod qawwi mhux waqt kampanja elettorali iżda bejn elezzjoni u oħra biex iżomm il-problemi u l-aspirazzjonijiet ta' Għawdex kontinwament fl-aġenda tal-pajjiż. Dan jista' u jrid isir biss minn Għawdxin magħqudin f'xi Moviment li jħaddan l-oqsma kollha tas-soċjetà Għawdxija, li jkun motivat biss mill-ġid komuni Għawdxi.

*francomasini@gmail.com*

A Whole New Look

Sharmain's
Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

*Kummentarju (5)*

# *Meta x-xogħol isir tajjeb...*



*kitba ta'* **CARMEL GRIMA**

Ħafna Għawdxin għadhom jiftakru x-xita l-kbira ta' Awwissu 1964. Dakinhar f'lejl wieħed kienet niżlet madwar 8 pulzieri xita. Kienet saret ħerba f'Għawdex. Ħitan sfrondaw, toroq tkissru, karrozzi ngarru l-baħar, u saħansitra ingarr raġel minn Ta' Kerċem għax-Xlendi u l-katavru tiegħu instab mili 'l bogħod minn Għawdex.

Waħda mit-toroq li nqalgħet mill-qiegħ kienet it-triq li tagħti għall-bajja pittoreska ta' Mġarr ix-Xini. Il-wied qalagħha sal-blat iebes Ta' Ċenċ u ma kontx tista' tinżel minnha la bl-inġenji u lanqas bir-riġel. Naturalment id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ried jagħmel mill-ġdid din it-triq. Kien inkarigat mix-xogħol Toni Camilleri li kien għadu frisk frisk *overseer* mal-Gvern u b'żewġ ħaddiema jew tlieta kienu jagħmlu blokka siment kuljum, kollox bl-idejn għax dakinhar ma kienx hawn makkinarju bħal-lum. Blokka wara l-oħra din it-triq wieqfa ħafna tlestiet u għadha sal-lum fi stat ta' manutenzjoni bħal meta saret avolja għaddew 45 sena.

Kull meta ngħaddi minnha niftakar fix-xogħol tajjeb li sar f'din it-triq u ngħid li kieku x-xogħol kollu mill-Ħaddiema tal-Gvern jew tal-Kuntrattur isir bis-sengħa u l-arti, konna ngawdu aħjar it-toroq tal-irħula u l-kampanja b'aktar kumdità u b'inqas spejjeż ta' ħsarat fil-vetturi tagħna.



**Nota tal-Editur:** *Napprezzaw ħafna dan l-artiklu qasir iżda b'sustanza. L-ewwelnett huwa artiklu pożittiv li jneħħi l-istigma li għandhom il-ħaddiema tal-Gvern li m'humiex kapaċi jagħmlu biċċa xogħol tajba. It-tieni li mhux dejjem nisimgħu n-negattiv u ħlief tgergir, stejjer ta' serq, ġlied u kull ksur ta' l-ordni pubbliku ma taqrax u tisma' fil-media. Fl-aħħarnett min jagħmel xi ħaġa tajba għandu jiġi rikonoxxut u jibqa' jissemma' tal-ħidma li jkun għamel. J'Alla l-Għawdxin kollha jagħmlu ħilithom għall-ġid ta' Għawdex tagħna.*



Magie de Beauté
☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Massages ☆ Body Treatments ☆
Irina Xerri
Beauty Therapist
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.
Mgarr Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

*Mil-Lenti tat-Telekamera* *Esperjenzi miksuba f'pajjiżi tat-Tielet Dinja*

# FL-AMAŻONJA...
## Siġar w ilmijiet sa fejn timraħ l-għajn... Żjara lil dinja oħra!



*kitba u ritratti ta'* ALVIN SCICLUNA

L-istat ta' Amazonas jinsab fit-tramuntana tal-Brażil. Ismu miegħu...jissejjaħ hekk għaliex, minkejja l-kobor tiegħu, l-art hi kkundizzjonata mill-ikbar xmara fuq wiċċ id-dinja: l-Amazon. Għandu kobor ta' iktar minn miljun u nofs kilometri kwadri u fih jgħixu ftit iktar minn tlett miljun ruħ, b'terz minnhom fil-belt kapitali li jisimha Manaus. Tmienja u disgħin fil-mija tat-territorju hu mgħotti bil-foresti tropikali tal-Amazon u f'partijiet kbar, l-ilmijiet huma preżenti qalb il-miljuni fuq miljuni ta' sigar u veġetazzjoni folta tropikali.

Sabiex wieħed jasal Manaus li tinsab fiċ-ċentru tal-Amażonja, irid jieħu titjira interna li minn Sao Paolo tieħu ftit iktar minn erba' siegħat mingħajr waqfien. Jekk wieħed iqabbel it-titjiriet ta' dan it-tul li minn Malta jwasslu l-Iskandinavja u r-Russja, jista' jasal għal xi konklużjoni ta' kemm hu kbir il-Brażil!

Hawnhekk, tagħmel ix-xita kuljum u teżisti biss klima tropikali. Il-foresta tropikali tal-Amazon tammonta għal aktar minn nofs il-foresti tropikali kollha li nsibu fuq wiċċ id-dinja. Huwa l-post l-iktar sinjur fuq wiċċ il-pjaneta tagħna għall-biodiversità u għaldaqstant jiġbed lejh ammonti mdaqqsa ta' turisti, li kif ġara lilna, jibqgħu mistgħaġba b'seħer in-natura. Smajna ħafna matul dawn l-aħħar snin dwar il-foresti tal-Amazon li huma meqjusa bħala l-pulmun ewlieni tad-dinja, minħabba l-isforzi tal-gvern Brażiljan sabiex jikkontrolla l-qtugħ bla rażan ta' siġar minn kumpanniji barranin. Nafu wkoll li f'din il-parti tad-dinja jeżistu zoni inaċċessibbli fejn għad jgħixu komunitajiet ta' *indios* li għadhom ma' ltaqgħu qatt mal-bniedem ċivilizzat.

L-għan taż-żjara tagħna fl-Amażonja kien sabiex naraw fuq fuq, xi postijiet fejn Dun Alex Cauchi, saċerdot żagħżugħ mill-Għarb, wettaq għal xi snin il-missjoni pastorali u soċjali tiegħu. Flimkien mal-*indios* li jgħixu mat-truf tal-foresta, insibu komunitajiet imdaqqsa ta' Brażiljani li jgħixu f'ċentri strateġiċi li minnhom jgħaddu t-toroq ewlenin li nsibu f'dan l-istat ġganti. Din hi dinja oħra li trid tesperjenzaha sabiex tibda tifhem id-drawwiet, il-kultura u l-mod t'għixien li huma bil-wisq differenti minn dawk li aħna mdorrija bihom f'pajjiżna!

Dun Alex ipprova jispjegalna l-immensità ta' din il-parti tad-dinja u d-diffikultajiet kbar li s-saċerdot missjunarju jrid jegħleb. Hawnhekk, il-kumditа l-iktar bażika tinbidel f'kapriċċ! Flimkien ma' temp sħun u umdu, hu jrid jiffaċċja l-isfida tal-loġistika. Sabiex iżżur il-komunitajiet mifruxa u mitlufa ma' kullimkien, il-missjunarju jrid jaqbad dgħajsa, jew lanċa żgħira, li twasslek minn raħal għall-ieħor. It-toroq ma ssibhomx bil-bankini fil-ġnub jew bil-linji bojod u sofor li jiggwidaw l-għajn. Ta' spiss trid tgħaddi minn qalb siġar li għal min mhuwiex midħla tal-ġungla tropikali, jtellfulek l-orjentazzjoni. Hawnhekk, il-komunikazzjoni mad-dinja tinqata' appena toħroġ ftit ta' kilometri 'l barra mill-belt. L-ewwel sinjal ikun il-mobajl li f'maljar jiġi mingħajr użu. L-Amażonja hi dinja selvaġġa li taf twebbes il-karattru ta' kull min iżurha għaliex jaħseb li jista' jiċċivilizzaha.

Tibqa' wieħed mill-ftit postijiet tad-dinja moderna fejn it-terminu "*wild west*" għadu validu. Forsi kaġun tal-klima sħuna u umda li taffettwa l-andament tax-xogħol u għixien, l-Amażonja ma tiġbidx ħaddiema minn partijiet oħra tal-Brażil, għalkemm it-turiżmu ambjentali qiegħed iżid minn sena għall-oħra, tant li l-ajruport internazzjonali ta' Manaus qed jirreġistra żieda ta' titjiriet.




Ix-xmara Amazon tiddomina f'kull ħin u f'kull post. Dawk kollha li ħarġu minn pajjiżna għandhom esperjenza ta' xmara. Iżda l-Amazon hi f'kull sens tat-tifsira, baħar! Ilmijiet li ma jispiċċaw qatt...minn xi daqqiet, bl-art tan-naħa l-oħra tidher 'l bogħod ħafna fuq l-orizzont. Jekk nistudjaw mappa ġeografika jew nosservaw ritratti miġbuda mill-ispazju, f'malajr nintebħu li l-Amazon tiġbor fi ħdanha l-ilmijiet ta' bosta xmajjar oħra, x'uħud minnhom kbar ħafna wkoll, li jixxebbku u jinfirxu fil-parti ta' fuq tal-kontinent sud-amerikan.

Dan hu kollu ilma ħelu li ġie b'riżultat ta' xita tropikali li f'din ix-xaqliba tad-dinja tinżel ta' kuljum.

Ftit kilometri 'l barra mill-belt ta' Manaus, żorna l-post fejn jiltaqgħu x-xmajjar. Kienet esperjenza oħra unika! Ir-Rio Negro bl-ilmijiet kesħin u suwed jiltaqgħu mal-ilmijiet sħan u ċari tax-xmara Solimoes biex jiffurmaw il-parti Brażiljana tal-Amazon. Għal madwar sitt kilometri, dawn l-ilmijiet ma jitħalltux għaliex id-differenzi fil-veloċità u fit-temperaturi tal-ilmijiet huma kbar wisq. Ir-Rio Negro, b'tul ta' elfejn, mitejn u tletin kilometru hi l-akbar xmara li titfa' l-ilmijiet tagħha fl-Amazon. Tibda mill-baċir tal-Orinoco fil-Kolombja. Is-

Solimoes huwa l-isem li tingħata l-Amazon sakemm l-ilmijiet tagħha jingħaqdu ma' dawk tar-Rio Negro biex imbagħad ikomplu neżlin għal elf mil sakemm jispiċċaw fl-oċean Atlantiku.

Tant hi kbira l-qawwa tal-Amazon li l-kurrenti ħelwin tagħha jibqgħu ħerġin mal-mitejn mil 'l barra fl-oċean Atlantiku. Il-post fejn jiltaqgħu x-xmajjar hu destinazzjoni li kull viżitatur fl-Amażonja ma jistax jitlef għax hu meqjus bħala wieħed minn għeġubijiet in-natura.

U l-missjunarju jrid iterraq għal għonq dawn ix-xmajjar li fl-Amażonja jservu ta' toroq bejn post u ieħor. Hawnhekk ix-xmara ma tafx fruntieri. Interessanti l-fatt li filwaqt li Dun Alex Cauchi kien joffri l-ħidma tiegħu soċjali u spiritwali fuq din ix-xaqliba tal-Amazon, saċerdot ieħor missjunarju Għawdxi, Fr Raymond Portelli, iterraq fuq l-istess ilmijiet fuq ix-xaqliba tal-Peru. Il-preżenza tas-saċerdot tiġi apprezzata mill-komunitajiet tal-Amażonja għaliex jafu kemm hu diffiċli li l-bniedem jikkopja lil San Franġisk t'Assisi, ixidd il-ħwejjeġ komdi li jlellxu sabiex jibda jgħix ħajja ta' sfidi kontinwi f'artijiet fejn l-istil ta' ħajja ma tħallix post sabiex jitlissnu espressjonijiet bħal grazzi u prosit.



Bl-għajnuna ta' Fr Alex, stajna nżuru komunità tal-*indios*, l-indiġeni ta' dawn l-inħawi. Minkejja li xi komunitajiet jinsabu ftit għexieren ta' kilometri 'l bogħod minn ċentri abitati, jippreferu li jibqgħu jgħixu maqtugħin għalihom fil-foresta. X'uħud għandhom kuntatti mad-dinja ċivilizzata, tant li fosthom daħal il-*computer* u l-*internet*.

Il-gvern u l-awtoritajiet lokali jgħinu kif jistgħu, sabiex it-tfal jirċievu l-ewwel passi bażiċi tal-edukazzjoni. It-tribù li żorna, għandu struttura matrijarkali. Hi l-omm li tikkmanda u tikkontrolla kollox. Jista' jkun li aħna niflu lil dawn l-indiġeni minn lenti li diffiċli tifhem ir-realtajiet li jeżistu fl-Amazon. Iżda, dawn kapaċi jkampaw fil-ħajja ta' kuljum, u l-missjunarju hu iktar ħabib lest li jgħinhom milli xi esploratur li jwassal il-fidi nisranija bil-ponta tas-sejf. Għandhom id-drawwiet, ir-riti u r-ritwali tagħhom, kif stajna nosservaw meta dawruna mal-kampijiet li fihom jgħixu. Ġenerazzjoni wara l-oħra, tgħallmet toħloq mediċina u fwejjaħ mis-siġar u mill-pjanti tal-foresta tropikali. Baqgħu qrib ħafna tan-natura li għal bosta minnhom hi l-forza li tiddettalhom ħajjithom.

Matul dawn l-aħħar snin, id-dinja ċivilizzata bdiet tisma' aktar dwar il-problemi ambjentali, li l-indiġeni tal-Amazon qegħdin isaqqfu wiċċhom magħhom. Ix-xandara ewlenin ta' spiss jippreżentaw servizzi li għandhom l-għan li jagħmluna konxji ta' dak li għaddej fil-qalba tal-Amazon. Bdiewa prospettivi flimkien ma' kumpanniji multi-nazzjonali jippruvaw jidħlu f'meded kbar sabiex jaħarqu s-siġar u jdawru l-użu tal-art. Oħrajn jesploraw bil-moħbi r-riżorsi kbar u mhux magħrufa ta' din ix-xaqliba tad-dinja. U bħal dejjem, ikunu l-abitanti tal-post li jsofru, kif kompla jispjegalna Fr Alex. Dan minkejja li l-gvern Brażiljan għamel liġijiet li għandhom l-għan li jipproteġu l-indiġeni u l-artijiet tagħhom. U ta' spiss, ikun is-saċerdot li jservi ta' leħen u tarka f'din il-qlieda psikoloġika bejn is-sinjur u l-fqir, il-bniedem raffinat u edukat u l-indiġenu, s-selvaġġ.

Il-belt kapitali tal-Amażonja jisimha Manaus. Isimha hu leġġendarju għaliex tinsab f'nofs din il-foresta ġganti. Qabel l-invenzjoni tas-servizz bl-ajru, wieħed kien irid ġimgħat sħaħ biex minn Belem, il-port fuq l-Oċean Atlantiku, isalpa lejn Manaus fuq ix-xmara Amazon. Mill-bogħod, Manaus timpressjona b'bini għoli u modern. Qrib ix-xatt, l-attività ma taqta' xejn. Kif spjegalna Fr Alex, il-mezz ewlieni ta' vjaġġar hu permezz ta' dgħajjes u vapuretti żgħar li joffru servizz regolari lejn u minn bosta rħula mferrxa għal għonq ix-xmajjar. Dawn iġorru kemm passiġġiera kif ukoll merkanzija.

Manaus tinsab xi elf mil 'l gewwa mill-Atlantiku. Iżda x-xmara Amazon hi kbira biżżejjed biex vapuri kbar tal-merkanzija, *tankers* taż-żejt u tal-gas, u vapuri tat-turisti jibqgħu deħlin s'hawnhekk. Dawra mal-belt toffri atmosfera għal kollox differenti minn ta' bliet oħra, anke fil-Brażil stess. Anke fid-dinja globalizzata ta' llum, Manaus tibqa' belt tal-fruntiera, il-post minn fejn il-vjaġġatur jitlaq lejn destinazzjonijiet iktar imbiegħda fil-qalba tal-foresta u x-xmajjar. Fiha, stajna nosservaw taħlita ta' stil ta' ħajja xi ftit iebsa u dik iktar rilassata li ġab miegħu t-turiżmu. Il-belt tmur lura għas-sena 1669 imma taf l-era tad-deheb tagħha fil-bidu tas-seklu l-ieħor meta serviet bħala ċentru għall-esportazzjoni tal-gomma.

L-akbar u l-isbaħ binja tibqa' t-teatru Amazonas, mibni b'materjal impurtat mill-Ewropa lejn tmiem is-seklu dsatax. Permezz tiegħu, il-kummerċjanti tal-gomma riedu jistabbilixxu lil Manaus bħala waħda miċ-ċentri kummerċjali tad-dinja. Jittella' festival tal-opra f'April u aktarx li huwa l-iktar teatru remot fid-dinja li fih tittella' l-opra lirika. Ma ninsewx li iktar minn nofs l-abitanti tal-madwar huma analfabeti.

It-turiżmu qiegħed jgħin sabiex iqajjem mill-ġdid l-ekonomija u l-ħajja ta' din il-belt ta' 'l fuq minn miljun u nofs abitant. Iz-zona ta' Ponta Negra toffri faċilitajiet moderni li huma kkumplimentati minn dehriet li jsaħħru.

Bħal f'kull missjoni oħra fuq wiċċ id-dinja, anke dik tal-Amażonja għandha bżonn is-sostenn ta' benefatturi Maltin u Għawdxin. Il-kobor taż-żona, flimkien mad-diffikultajiet loġistiċi, ma tantx iħajru missjunarji lajċi u reliġjużi lejn dawn l-inħawi. Ħasra...għaliex l-esperjenza miksuba hi unika! Iżda kif ikkummentalna bi tbissima Fr Alex, l-għelieqi tal-Mulej insibuhom kullimkien u kollha għandhom bżonn l-istess ammont ta' kura u attenzjoni.

*Alvin Scicluna hu l-producer u d-direttur tal-programm* ***Għawdex Illum*** *li minn żmien għall-ieħor itella' dokumentarji televiżivi minn artijiet imbiegħda tal-missjoni sabiex iwassal il-messaġġ ta' ħbiebna l-missjunarji lill-poplu ta' Malta u Għawdex.*

*Speċjali Sena Saċerdotali (1)*

# SENTENZI SPIRITWALI
## ta' Don Luigi Sturzo (1871-1959), nofs seklu wara mewtu, b'tifkira.



*kitba ta'* MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ CAUCHI

**Dun Luigi Sturzo kien saċerdot qalbieni u patrijottiku li ħabb il-verità, il-ħlusija u l-ġustizzja, u għalihom sofra ħafna f'ħajtu, saħansitra ġarrab l-eżilju. Fuq kollox huwa kien saċerdot eżemplari li qeda' b'fedeltà kbira dmirijietu lejn Alla u lejn il-Knisja. Dawn is-sentenzi huma meħudin minn żewġ kotba tiegħu; "*True Life*" (T.L.) u "*Inner Laws of Society*" (I.L). Il-messaġġ ta' dan is-saċerdot, kif joħroġ minn dawn is-sentenzi tiegħu, jista' jkun ta' għajnuna għar-riflessjoni tagħna matul din is-Sena Saċerdotali, mnedija mill-Papa Benedittu XVI.**

*"True life"*

- "Il-ħajja sopranaturali għandha titqies kemm bħal inizjattiva divina li tersaq lejn il-bniedem, kif ukoll bħala tweġiba tal-bniedem għas-sejħa divina" (*T.L.*, Introduzzjoni, 14).
- "Jekk l-imħabba għandha żewġ oġġetti, Alla u għajrna; dan ma jfissirx li tista' tiġi maqsuma, bħallikieku l-bniedem kien jista' jħobb 'l Alla mingħajr ma jħobb il-proxxmu, jew iħobb il-proxxmu mingħajr ma jħobb lil Alla" (*T.L*, Introduzzjoni, 15).
- "Sa mill-miġja tal-kristjaneżmu, kull teorija li twarrab il-prinċipju tal-ugwaljanza umana, tinħass li hija falza u ma tiġi qatt aċċettata fil-konsegwenzi prattiċi tagħha" (*T.L.*, Introd. 18).
- "L-Inkarnazzjoni tal-Verb Divin hija ċ-ċentru tar-realtà u l-eżistenza umana, kif ukoll tal-ħajja u tal-finalità tagħha" (*T.L.* Kapitlu I, p 29).
- Sabiex jiksbilna sehem fil-ħajja tal-verità u ta' l-imħabba, Ġesù Kristu ġarrab realment għalina, il-mewt u d-difna u realment irxoxta għalina; sabiex aħna nkunu nistgħu ngħaddu mistikament, mill-proċess ta' mewt, difna u qawmien mill-imwiet, wara li nkunu twelidna mill-ilma u mill-Ispirtu s-Santu" (*T.L.* Kap. I, p 38).
- "Skont il-liġi ġenerali tal-vokazzjoni, kull bniedem għandu jsegwi l-leħen intern u jirrealizza l-personalità tiegħu, kemm fl-ordni naturali kif ukoll fl-ordni sopranaturali" (*T.L.* Kap. II, p. 42).
- "Il-vokazzjoni nisranija tal-familji kollha hija dik li jikkoperaw għas-salvazzjoni ta' wliedhom. Il-ġenituri, meta jagħtuhom l-eżistenza, jikkoperaw ma' Alla li f'dak il-mument joħloq l-erwieħ ġodda li jibgħat fid-dinja" (*T.L.*, Kap. II, paġ.49).
- "Il-ħajja sopranaturali tikkonsisti fl-imħabba sopranaturali t'Alla u ta' għajrna permezz tal-grazzja, kif il-ħajja naturali tikkonsisti fl-imħabba t'Alla u ta' għajrna sempliċement permezz tas-setgħat naturali tagħna" (*T.L.*, Kap. II, p.53).
- "Il-problema tas-salvazzjoni tagħna li hija problema bażika għal kull wieħed minna, ma tistax tiġi studjata u solvuta ħlief billi nkunu f'soċjetà ma' Alla u mal-bnedmin" (*T.L.*, Kap. II p.53).
- "Hija ħaġa ċerta li kemm jekk nagħmlu t-tajjeb u kemm jekk nagħżlu l-ħażin aħna liberi u responsabbli f'dak li nagħmlu; Alla jgħoddilna t-tajjeb bħala mertu għall-premju u l-ħażin bħala motiv u qies tal-kastig" (*T.L.*, Kap. III, p.57).
- "Kull sagrament huwa xirka ma' Kristu, il-Medjatur, il-Feddej, ir-Ras tal-ħajjin, iċ-ċentru tal-ħajja, Alla u bniedem" (*T.L.*, Kap. IV, p. 70).
- "Alla tana l-intelliġenza biex ngħarfuh skont in-natura u jagħtina l-fidi biex ngħarfuh b'mod sopranaturali" (*T.L.*, Kap. IV, p. 76).
- "Kemm hija meraviljuża s-sħubija tal-bniedem ma' Alla! U liema huma l-għeruq ta' din is-sħubija, jekk mhux il-fidi ħajja, il-fidi pperfezzjonata bit-tama u l-karità?" (*T.L.*, Kap. IV, p.78).

*"Inner Laws"*

- "Mhux fit-tempju ta' Ġerusalemm, is-simbolu u ċ-ċentru tar-reliġjon Lhudija, iżda f'kull post jistgħu l-bnedmin isejħu 'l Missier u jagħtuh qima" (*I.L.*, Kap. V, p 20).
- "Il-Knisja mwaqqfa minn Kristu hija soċjetà li fiha l-personalità ta' kull membru ma tintilifx, iżda joktor il-valur tagħha permezz tal-unjoni mistika mar-Ras, billi ġiet mgħollija għall-istat tal-grazzja u hija personalment iddestinata għall-viżjoni t'Alla" (*I.L.*, n.20).
- "Il-bnedmin kollha huma mistiedna biex jiċħdu l-allat tagħhom u biex jagħtu qima lil Alla veru, fl-ispirtu u l-verità" (*I.L.*, n.20).

  "Il-bnedmin kollha huma aħwa. F'Alla għandhom Missier wieħed. Din hija għamla soċjali ġdida ta' natura etika u mistika, li għandha titrasforma r-relazzjonijiet soċjali kollha" (*I.L.*, n.20).

*"Picture Story" - 6* *minn* SEQER

# X'SER JIĠRI MILL-WIED TAL-MARĠA FIL-QALA?













**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED

A member of the KDM Group

- Ġiti...
- ***Cruises...***
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

*Passiġġata Biblika - 48*

*"Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù..." (Filippin 2:25).*

# ĦARSA LEJN IT-TAGĦLIM TA' SAN PAWL DWAR IR-RABTA TAN-NISRANI MA' KRISTU

minn Fr. Charles Buttigieg

### *In-Nisrani jilbes lil Kristu*

**L-Imħabba ta' Alla, li jrid is-salvazzjoni tal-bniedem, tlaqqa' lill-bniedem mal-Persuna ta' Ġesù Kristu li libes in-natura tagħna l-bnedmin u sar bħalna f'kollox minbarra mid-dnub. Din il-laqgħa ssir esperjenza ta' ħajja ġdida fi Kristu fil-ħajja ta' l-imgħammdin, eżattament l-esperjenza ta' bidla li għadda minnha San Pawl fit-Triq ta' Damasku: "Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu lil Kristu"** (Gal 3:26-27).

Din ir-rabta tan-nisrani mal-persuna ta' Ġesù Kristu hija espressa fuq kollox fl-ittri ta' San Pawl bil-frażijiet 'fi Kristu', jew 'fi Kristu Ġesù, jew 'f'Sidna Ġesù' jew 'fil-Mulej'; li huma tassew frekwenti f'San Pawl, fejn insibuhom madwar 150 darba, aktar mill-kitbiet l-oħra tal-Ġdid Testment. Il-frażi 'fil-Mulej' tindika fuq kollox l-awtorità divina ta' Kristu li titlob minn nisrani ubbidjenza u adeżjoni: "Fl-aħħar, ħuti, intom tgħallimtu minn għandna kif għandkom timxu biex togħġbu lil Alla, kif tabilħaqq qegħdin iġġibu ruħkom; aħna f'Sidna Ġesù nitolbukom u nħeġġukom biex tagħmlu iżjed" (1 Tess 4:1). Il-biblisti jimmarkaw dawn il-frażijiet bħala stqarrija tal-fidi u 'formula pawlina' per eċċellenza. Huma jirriflettu r-rabta tan-nisrani mal-persuna ta' Ġesù Kristu u li l-pjan tas-salvazzjoni tal-Missier iseħħ permezz ta' Kristu: "Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla; għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù" (Rum 3:23-24).


*Il-monument lil San Pawl fuq il-Gżejjer*

Imseħbin ma' Kristu, jitlob fuq kollox min-nisrani li nilbsu s-sentimenti Tiegħu: "Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar. Stabru b'xulxin, u jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll. U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni." (Kol 3:12-14).

### *Kristu fil-ħajja tal-Knisja*

Din ir-rabta tan-nisrani ma' Kristu turi minn naħa l-oħra li Kristu jinsab tassew fin-nisrani u fil-komunità: "Imma jien permezz tal-liġi mitt għal-liġi, biex ngħix għal Alla: issallabt ma' Kristu. Ngħix, imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu" (Gal 2:19-20); u "Intom ilqajtu lil Sidna Ġesù Kristu; għixu mela magħqudin miegħu; niżżlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu; issaħħu fil-fidi, kif tgħallimtu u imtlew bil-gratitudni" (Kol 2:6-7).

Fuq kollox dan il-ħsieb hu mfisser fit-teoloġija pawlina 'tal-ġisem ta' Kristu' (bil-Grieg: *to soma tou Christou*): "Bħalma aħna għandna ħafna membri f'ġisem wieħed, iżda mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol, hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru ta' l-ieħor" (Rum 12:4-5); "Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla" (Kol 3:15).

Dan narawh ukoll f'kuntesti ewkaristiċi: "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda" (1 Kor 10:16-17).

### *In-Nisrani mmarkat bl-Ispirtu ta' Alla*

Din ir-rabta tan-nisrani ma' Kristu, hija riflessa fuq kollox f'San Pawl bil-frażi 'fl-Ispirtu': "Is-Saltna ta' Alla mhijiex ikel u xorb, imma hi ġustizzja, u sliem, u grazzja fl-Ispirtu s-Santu (bil-Grieg: *en pneumati agio*)" (Rum 14:17). In-nisrani fi Kristu jsir il-bniedem fl-Ispirtu: "Issa intom ma intomx taħt il-ħakma tal-ġisem, imma ta' l-Ispirtu, ladarba hemm l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom" (Rum 8:9). Din il-pnewmatoloġija pawlina (tagħlim dwar l-Ispirtu s-Santu f'San Pawl) narawha f'rabta mat-teoloġija tal-ġisem ta' Kristu: "Fih, il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej; fih, intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien f'dar fejn igħammar Alla" (Ef 2:21-22); "Ma tafux li intom tempju ta'Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom? Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, li huwa intom" (1 Kor 3:16-17).

Huwa fi Kristu, li l-Missier jimmarkana bis-siġill tiegħu ta' l-Ispirtu s-Santu: "Hu li ssiġillana ukoll bis-siġill tiegħu, u tana b'rahan l-Ispirtu fi qlubna" (2 Kor 1:22; ara ukoll Ef 1:13; 4:30). Infatti s-suldati fl-imperi tal-qedem kienu jimmarkawhom bis-siġill tal-kmandant tagħhom u l-ilsiera bis-siġill tas-sid tagħhom. It-terminoloġija pawlina l-iktar frekwenti għall-Ispirtu s-Santu hija: 'L-Ispirtu li kien imwiegħed' (Ef 1:13 u Gal 3:14); 'L-Ispirtu ta' adozzjoni' (Rum 8:15 u Gal 4:6); u 'L-Ispirtu ta' Alla' (Rum 8:9; 15:19; 1 Kor 6:11).

Fl-aħħarnett huwa dan l-Ispirtu ta' Alla li jgħin lin-nisrani sabiex dejjem jiġġedded fil-Mulej: "Iżda meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' ulied. U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier! U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben: u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla" (Gal 4:4-7).



*Il-grotta ta' San Pawl fir-Rabat*

### *Biblijografija*


BRUCE, F.F., *Paul. Apostle of the Heart set Free*, Grand Rapids (MI) 1977.

BUCKLEY, T.W., *Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul*, Boston (MA) 1981.

*Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, G.F. HAWTHORNE - R.P. MARTIN - D.G. REID (eds.), Torino 2000.

GIORDANI, I., *St. Paul. Apostle and Martyr*, Boston (MA) 1981.

SEGAL A.F., *Paul the Convert: The Apostolate and Apostasy of Saul the Pharisee*, New Haven 1990.








**Għawdex Qabel ir-Ritratti (17)** **minn JOHN CREMONA**

# L-Għawdxin f'għajnejn il-barranin

Fl-aħħar artiklu ta' din is-sensiela tkellimt dwar l-Għawdxin u għedt li ser inkompli dwarhom f'artiklu ieħor.

MALTE.



Habitants de l'Ile du Goze.

L-inċiżjoni li qed nippubblika llum hija meħuda mill-ktieb *L'UNIVERS ou Histoire et Description de tous les peuples, de leurs religions, moeurs, industrie, costumes etc* ippubblikat f'Pariġi fl-1848 minn M. D'Avezac u mitbugħ mill-edituri aħwa Firmin Didot bħala wieħed mill-kotba minn sensiela enċiklopedika li kienet titratta dwar il-pajjiżi kollha tad-Dinja, il-popli tagħhom, id-drawwiet, l-istorja u r-reliġjonijiet tagħhom fost l-oħrajn. Il-ktiba tal-parti dwar Malta u Għawdex saret minn Frederic Lacroix. Dawn il-kotba, wara ġew ippubblikati wkoll bit-Taljan u bl-Ispanjol.

Kif għedt f'artiklu ieħor, Lacroix ikkopja bla mistħija mill-ktieb ta' Jean Houel, anzi ħafna mill-kitba tiegħu hija meħuda kelma b'kelma minn fuq Houel. Mhux hekk imma għamel dwar l-istampi li ppubblika. Dawn fil-biċċa l-kbira tagħhom huma oriġinali u sa llum għadna ma nafux min huwa l-artist li għamilhom. Mill-41 inċiżjoni dwar Malta u Għawdex li jidhru f'dan il-ktieb, 16 minnhom huma ta' suġġetti Għawdxin. Dawn l-inċiżjonijiet ġew stampati fi kwantitajiet kbar u mhux diffiċli li wieħed jiltaqa' magħhom. Fil-fatt ħafna huma dawk li għandhom minn dawn l-inċiżjonijiet imdawrin fid-djar tagħhom.

L-inċiżjoni li tidher illum turi rġiel u nisa Għawdxin bl-ilbies tradizzjonali tagħhom. Ma jidhirx li l-għonnella ġibdet l-attenzjoni ta' l-artist. X'aktarx li sa dak iż-żmien, l-għonnella kienet il-libsa ta' nisa sinjuri. In-nisa li jiddeskrivi Houel, u allura Lacroix ukoll, huma n-nisa tal-kampanja. Id-deskrizzjoni tagħhom, bħal ma għamilt fl-artiklu ta' qabel dan, hija meħuda mill-ktieb ta' Houel.

L-awtur jistgħaġeb bis-sbuħija u l-bżulija tan-nies Għawdxin. Hawn taħt ser inġib x'qal dwarhom Houel; *"Dak li ġegħelni nifforma dan il-ħsieb kien l-ispettaklu li kont nara ta' kull fil-għaxija meta kont inkun rieġa lura, riekeb fuq ħmar, mill-ħarġiet tiegħi bħala studjuż tal-antikitajiet u tan-natura. Meta kont inkun qed naqsam l-għelieqi, lura lejn fejn kont qiegħed noqgħod, kont niltaqa' ma' gruppi ta' bdiewa rġiel u nisa li kienu jkunu qegħdin iġorru fuq rashom xkejjer ta' qoton li jkunu għadhom kif ġabru. Dawn il-qtajja' ta' nies fi triqthom lura lejn id-dar dejjem dehru f'sikkithom u f'saħħithom, u dejjem dehru ferħanin u sodisfatti bil-ġurnata xogħol li jkunu wettqu. In-nisa, b'mod partikolari, kellhom xeħta ta'ferħ bir-rebħa tagħhom li kisbu permezz tax- xogħol tagħhom kontra l-qilla tax-xemx. Il-mixja tagħhom kienet tixhed l-hena tagħhom, u ma kinux jippruvaw biex jgħattu skrupolożament minn quddiem għajnejja l-kwalitajiet sbieħ li bihom żejnethom in-natura. U hawnhekk, bħal kull post ieħor, huma t-tfajliet ħelwin li huma lanqas skruplużi. Dirgħajhom ikunu merfugħa fl-arja biex iżommu f'postha t-tagħbija ta'fuq rashom; din il-poża kienet tagħti dehra isbaħ lill-figura eleganti tagħhom, u kienet iżżid fil-grazzja naturali li għandhom. Warajhom kienu jimxu merħliet ta' nagħaġ jew mogħoż, imma dawn il-merħliet qatt ma jkunu numerużi".*

L-inċiżjoni għandha qisien ta' 101mm x 147mm u hija intitolata *Habitants de l'Ile du Goze* u hija mmarkata bħala Plate No 23.

OFFSET & LETTERPRESS PRINTING - GRAPHIC DESIGN STUDIO
gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 175
Riċerka ta' Joseph Bezzina
©2009

# Il-ġabra tal-qamħ

**Id-dokument numru mija u ħamsa u sebgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hi ordni għall-ġabra tal-qamħ maħruġa mill-Palazz tal-Granmastru fil-31 ta' Lulju, 1709. Tinsab fil-għaxar volum tal-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjonali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1708–1709), folju 77r (NAG, UG, *Acta,* 10/1708–1709, f. 77r).**

Din hi t-traskrizzjoni tal-petizzjoni:

*Sono con questa a partecipare alle S(ignorie) V(ostre) come S(ua) A(ltezza) S(erenissima) mio Padrone m'ha commando d'avvisarli che, già che costì vi è scarsezza in quest'anno di frumento, di far ordinare a' tutti i gabellotti Magistrali, che ne tengono il frumento per servitio di su Palazzo, di farlo portare costì per servitio di costesto popolo. Onde ne do questa notizia alle S(ignorie) V(ostre) perchè possano avvisare alli sudetti gabellotti, che ne portino a' cotesto magazeno il frumento, che tenevano per conto de S(ua) A(ltezza) S(erenissima) e questo quanto devo avvisarli per ordine del detto servitore signore e rassegnandomi a' loro comandi; resto*

*Malta, 31 luglio 1709*

*Delle S(ignorie) V(ostre) Molto Illustrissime*

*Devotissimo, obbligatissimo servitore*

*Paolo Testaferrata*



Ix-Xitwa ta' bejn is-sena 1707 u s-sena 1708 kienet sena milwiema. Dan nafuh minn diversi sorsi. Imħabba f'hekk ukoll il-wiċċ tar-raba' kien għamel ħafna. Kif rajna fil-petizzjoni tal-Kanonku Ġużeppi Schembri tas-6 ta' April, 1709 (ara dok. **174**), kien hemm abbundanza ta' qamħ, xgħir, u maħlut. Imħabba f'hekk kien hemm anki l-biżà li jitlef prezzu.

Dan id-dokument jagħti 'l wieħed x'jifhem li l-paġna ma damitx ma nqalbet. Milli jidher, ix-xitwa ta' wara kienet waħda niexfa u qajla għamlet xita. Il-prodotti tar-raba' naqsu u sas-sajf 1709 il-ħażna tal-qamħ kienet niżlet sewwa.

Nhar il-31 ta' Lulju, 1709 – tliet mit sena ilu – Paolo Testaferrata, mis-segreterija tal-Granmastru, kiteb lill-ġurati ta' Għawdex biex igħarrafhom bin-nuqqas ta' qamħ. Barra dan, tahom ordni ħalli jsejħu l-gabillotti biex jiġbru mingħandhom il-qamħ li kellhom maħżun.

Il-gabillotti kienu n-nies li kellhom ir-raba' imqabbel għandhom biex jaħdmuh. Iktar iva milli le, dawn kien ikollhom tant raba' li ma jkunux jistgħu ilaħħqu miegħu weħidhom u għalhekk huma stess kienu jqabbluh lil ħaddieħor ħalli r-raba' ikun jista' jinħadem kollu. Il-proprjetarju kien ikun jaf biss lill-gabillott u mhux lil dawk li kienu qegħdin effettivament jaħdmu r-raba'.

Il-qawl Malti jgħid: Il-gabillott duttur, mill-bħajra dejjem żgur. Il-gabillott kien jaqbillu jieħu ħsieb ir-raba' mqabbel għandu għax il-qbiela li ried iħallas lill-proprjetarju kien fiss. Kien għalhekk jaqbillu jieħu ħsieb ir-raba' mqabbel għandu u jara li qiegħed jinħadem tajjeb, għax iktar ma kien jagħmel il-wiċċ, iktar kien jibqagħlu qliegħ.

L-ittra fuq imsemmija tagħti l-ordni lill-ġurati ta' Għawdex ħalli jagħmlu l-ġabra tal-qamħ mingħand il-gabillotti maġistrali, jiġifieri l-gabillotti li kellhom imqabbel lilhom ir-raba' tal-gvern. Jirriżulta minn dan id-dokument li dawn il-gabillotti kienu fil-fatt obbligati jaħżnu l-qamħ li jinġabar mir-raba' imqabbel għandhom għall-ħtiġijiet tal-Granmastru – il-kap suprem tal-Gvern Malti fi żmien il-Kavallieri. F'dan il-każ il-qamħ kien meħtieġ *per servitio di cotesto popolo*, fi kliem ieħor biex jitimgħu lin-nies.

Paolo Testaferrata qalilhom li kellhom jirċievu ordni dwar il-jum u l-post fejn kienet sejra ssir il-ġabra tal-qamħ.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Dun Mikiel Attard

## 2. Saċerdot Eżemplari

Minkejja li Dun Mikiel wettaq diversi inizjattivi pastorali, nistgħu ngħidu li jibqa' magħruf l-aktar bħala direttur spiritwali.

Huwa serva għal bosta snin direttur spiritwali għas-seminaristi. Fid-direzzjoni tagħhom Dun Mikiel wera żelu, prudenza, sabar u spirtu ta' sagrifiċċju liema bħalhom. Nistgħu ngħidu li dak li għamel mas seminaristi wettqu ma' diversi kategoriji ta' nies: saċerdoti, reliġjużi, żgħażagħ u miżżewġin. Kien jagħmel ħiltu kollha biex jifhem lil kull individwu li jkollu quddiemu filwaqt li jipprova jara x'inhija r-rieda ta' Alla għal dik il-persuna. Dan is-servizz kien jagħmlu kullimkien: fis-Seminarju, fil-knejjes, fid-djar tal-Museum u saħansitra anki fid-dar tal-familja tiegħu, xi drabi anki meta l-lejl ikun daħal sewwa.

Dan il-ministeru ma qdiehx biss permezz tal-kelma iżda anki permezz tal-kitba. Kull min kien jiktiblu, ġeneralment għax ikun imsiefer u ma setax jikkuntatjah permezz tat-telefon, u jitolbu xi parir jew jiftaħ qalbu miegħu, Dun Mikiel kien jiktiblu mingħajr dewmien. Anzi kien iħoss li għandu jagħti prijorità lil dan l-appostolat li serva ta' ġid spiritwali kbir.

Dun Mikiel kien bniedem ta' talb profond u stinka biex Ġesù jkun magħruf u maħbub anki fil-ħajja ordinarja ta' dak li jkun. Eżempju ta' dan huwa kemm ħa bis-serjetà x-xogħol tiegħu ta' Direttur tal-futbol *club* tan-*Nadur Youngsters* mill-1964 sa 1996. Mhux biss kien jgħid talba qabel dan it-*team* ikun ser jilgħab biex jagħmel dan bi spirtu nisrani, iżda kien jaħtaf kull okkażjoni biex jgħidilhom kelma ta' ġid. Ħabbrek ukoll sabiex jiġi mwaħħal *notice-board* f'dan il-każin u kien jinqeda bih biex iwaħħal fuqu xi *slogan* reliġjuż jew xi pariri spiritwali.

Kellu għal qalbu l-laqgħa tal-ġuvintur li ssir fil-Museum tan-Nadur kull nhar l-ewwel Sibt tax-xahar. Kien joqgħod fit-tarf ta' trejqa li tagħti għall-Museum biex hekk b'xi mod kien ifakkar liż-żgħażagħ fil-laqgħa li kien hemm għalihom. Il-konferenzi ġie li għamilhom huwa wkoll.

**Kellu għal qalbu ħafna l-ħidma missjunarja. Kien konvint li għandu jagħmel kull ma jista' biex Ġesù jkun magħruf u maħbub. Għalhekk fit-2 ta' Ottubru 1982, waqqaf il-Grupp Missjunarju Għawdxi. Dam jieħu ħsiebu mill-bidu u sal-4 ta' Mejju 1996, u baqa' jattendi regolarment. Mill-1984 sa l-1996 għamel diversi safriet missjunarji. Fl-ewwel safra missjunarja tiegħu żar l-Eġittu, Etijopja u l-Kenja; is-sena ta' wara reġa' mar il-Kenja u fl-1986 żar il-Pakistan. Fl-1987 mar il-Brażil u s-sena ta' wara żar l-Indja; fis-snin 1989-1993 kien imur Tuneż. L-aħħar safra missjunarja tiegħu kienet fl-1995, fil-Perù. Ġeneralment dawn is-safriet kienu jieħdu xahar u kien jagħmilhom fis-sajf. Flok ma kien iqatta' l-vaganzi tiegħu f'xi art tal-Ewropa, kien imur f'dawn l-artijiet tal-missjoni, li jirrikjedu sagrifiċċju. Anki matul dawn is-safriet kien jagħmel ħiltu kollha sabiex jagħmel il-ġid.**

Dun Mikiel kien bniedem mill-aktar kreattiv. Frott ta' dawn huma l-gruppi ta' talb li huwa waqqaf u li kienu jiltaqgħu għad-dell tas-Santwarju ta' Pinu.



Kellu għal qalbu l-ħajja kontemplattiva, tant li għamel anki xi esperjenzi qosra f'xi monasteri fl-Ewropa. Fl-1999, flimkien ma' Fr. Nazju Borg, għamel esperjenza ta' ħajja fid-deżert f'Tuneż. Tant kien ħerqan għall-ħajja kontemplattiva, li kellu xewqa kbira li jitrawwem xi Ordni ta' patrijiet tal-klawsura maġenb is-Santwarju ta' Pinu u kunvent tal-klawsura tas-Sorijiet Dumnikani fix-Xagħra. Iżda dawn iż-żewġ proġetti ma rnexxewx.

F'ħajtu dejjem ħarab l-unuri. Infatti ftit snin wara li qaddes ġie avviċinat minn xi saċerdoti min-Nadur biex jilħaq kanoniku tal-Kolleġġjata. Iżda huwa rrifjuta. L-ideal ta' ħajtu kien li jaħdem għall-erwieħ. Lanqas kien jaċċetta li jagħmel paniġierki jew priedki tat-Tridu tal-qaddisin, fejn in-nies x'aktarx ikunu jistennew ton u stil ta' priedki sollenni żżejjed.

Dun Mikiel kien ibati minn diversi tipi ta' mard kroniku, fosthom l-ażżma u l-*Parkinson disease*. Fl-1996 il-*Parkinson* tant kagħbritu li kellu jirtira f'daru u mis-sena 2000 sakemm miet kien dejjem mixħut fis-sodda. Iżda huwa laqa' dan il-kalċi tas-sofferenza mingħand Alla, u affronta t-tbatijiet b'kuraġġ u b'viżjoni ta' fidi, kif kien kontinwament iħeġġeġ lil kulħadd biex jagħmel fiċ-ċirkostanzi li jkun għaddej minnhom.

***Angelo Xuereb***

*(Din is-sensiela hi bbażata ħafna minnha fuq il-ktieb 'Dun Mikiel Attard' (Ħjiel fil-qosor dwar Ħajtu 1933-2004) miktub mill-Isqof Emeritu ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi).*

Għawdex Online (11)



## Kappelli Għawdxin Online (5)

# Il-Kappella ta' Sant'Anton Abbati fix-Xagħra



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicepace@mail.global.net.mt

San Anton Abbati għal ħafna Għawdxin huwa sinonimu mat-tberik tal-annimali fir-raħal tax-Xagħra. Dan huwa qaddis popolari ħafna fost il-fidili. Għall-istorja ta' ħajtu tista' tidħol fil-websajt *www.catholic.org/saints/saint.php?saint_id=23*. Id-devozzjoni lejn San Anton f'Għawdex tmur lura għas-seklu ħmistax. Nafu li fl-1400 kien hemm kappella ddedikata lil dan il-qaddis fix-Xagħra għax din kienet imsemmija fil-viżta Pastorali ta' Mons Dusina li kien ordna li jsirilha bieb.

It-tagħrif dwar din il-kappella ssibu f'**www.kappellimaltin.com** fit-taqsima "Il-Kappelli". Is-sabiħ ta' din il-websajt hu li fl-insiġ tat-tagħrif dwar dawn il-kappelli jiġu żvelati ħafna fatti storiċi li juru kif żviluppaw l-irħula għal kif nafuhom illum. L-ewwel kappella ddedikata lil San Anton kienet saret żgħira wisq, għalhekk inbniet oħra fl-1601, li fi ftit snin wara kellha terġa' titkabbar. Magħha kien hemm ukoll ċimiterju. Fatti li jgħidulna xi ħaġa dwar l-iżvilupp tar-raħal tax-Xagħra f'dawk iż-żminijiet. Meta l-Isqof Cocco Palmieri ħoloq il-parroċċa tax-Xagħra fl-1668, kienet din il-kappella li serviet bħala l-ewwel knisja parrokkjali għall-ewwel erba' snin.

Is-sit tagħti importanza lill-istraġi li kienet ġabet magħha l-pesta fl-1814 meta 104 persuni mix-Xagħra tilfu ħajjithom, fosthom is-sagristan ta' din il-kappella u l-ħames Kappillan tal-Parroċċa tax-Xagħra Dun Vinċenz Cauchi. Sallum għadek tista' tara quddiem l-altar fejn indifnu dawk l-imsejkna. Il-kappella kellha tiġi disinfettata kompletament biex tiġi evitata t-tixrid tal-marda. Inħarqet saħansitra l-pittura titulari.

Traġedja oħra li kellha mpatt fuq il-kappella ta' San Anton seħħet waqt it-tieni gwerra dinjija meta ntlaqtet minn bomba fl-1942. Din it-traġedja wasslet biex l-Isqof Mikiel Gonzi, dak iż-żmien Isqof t'Għawdex, jiddikjara l-kappella bħala pprofonata. Iżda l-ħatra ta' Mons Giuseppi Pace biddlet id-destin ta' din il-kappella. B'determinazzjoni kbira ried li din il-kappella storika terġa' tinbena u f'temp ta' ħames snin fl-1947, l-istess Isqof mexxa ċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni tagħha. Il-binja tal-lum hija differenti minn ta' dak iż-żmien għax kien hemm tkabbir kemm fis-sena 1955 u fl-1993.

Is-sit tagħti l-verdett tagħha dwar din il-kappella b'dawn il-kliem: "Minn ġewwa, il-kappella hi ħelwa u tagħti sens ta' ġabra lil kull min jidħol fiha." Il-kwadru titulari li tpitter fl-1816 minn Dun Salv Bondi juri l-impatt kbir li kellha l-pesta fuq il-komunità. San Anton jidher jitlob għan-nies tax-Xagħra biex jinħelsu mill-flaġell tal-pesta filwaqt li fl-isfond hemm dehra tal-kampijiet li kienu ntużaw min-nies waqt din il-kriżi kerha ħafna. Fil-kappella hemm ukoll kwadru ta' San Marzjal Isqof bil-figura ta' San Anton fih. Jingħad fis-sit li dan il-kwadru kien dak titulari ta' kappella li kienet iġġarrfet.



Il-kappella ta' San Anton Abbati kull tielet Ħadd ta' Jannar tkun il-fokus tal-*media* għaċ-ċerimonja ħelwa tat-tberik tal-annimali. Dwar dan hemm artiklu fil-websajt tal-Parroċċa miktub minn Kilin bl-isem '*A Maltese Mosaic*' li jgħaraf iqaxxar din l-okkażjoni annwali. Issibuh f'*www.xaghraparish.org/press/archives/470*. Ir-rettur ta' din il-kappella huwa l-Kanonku Dun Ġwann Sultana.


Wedding pictures
by
**Ted Attard**



Please call
Ted on tel: 2156 1878
or mob: 9982 6269

*Ftit fatti u kummenti*

# L-eżamijiet u l-istress, is-Sindki u l-iskips, u praspar oħra madwarna...



*kitba ta'* DR. MARIO SALIBA

Bħalissa uliedna qegħdin igawdu l-vaganzi; l-eżamijiet lanqas biss jaħbtulhom ma' moħħhom. Iżda dan jista' jkun żmien xieraq biex l-edukaturi kollha jirriflettu dwarhom. L-istress li l-eżamijiet jikkawżaw fuq saħħet it-tfal, minkejja li għadu ħadd ma kejlu, jeżisti. Hemm ftit tfal li ma' tantx iħossuh dan l-istress, iżda hemm ħafna oħrajn li jibżgħu ħafna mill-eżamijiet u dawk is-sigħat li jqattgħu fis-sala ta' l-eżamijiet huma ta' martirju għalihom. Ċerti ġenituri bl-atteġġament tagħhom ma tantx itejbu s-sitwazzjoni u xi drabi joħolqu iktar stress lil uliedhom.

Irridu nsibu sistemi oħra kif lill-istudenti tagħna nassessjawhom u fl-aħħar tal-kors jieħdu dak li jkun veru ħaqqhom u mhux kemm kienu xortihom tajba u nzertaw xi erba' mistoqsijiet li kienu għamlu bħalhom lejlet l-eżami. **L-edukaturi jridu jsibu rimedju li jkun ġust għal kulħadd u l-abilitajiet ta' l-istudenti għandhom ikunu rikonoxxuti fuq bażi individwali mhux fuq kriterji li jpoġġu lill-maġġoranza ta' l-istudenti fi żvantaġġ. L-edukazzjoni mhix biss għal dak il-persentaġġ relattivament żgħir ta' studenti li jmorru tajjeb fl-eżamijiet kollha. Il-potenzjal ta' l-istudenti tagħna qed jinqatel mill-marka ta' l-eżami.** Ċerti "ambigwitajiet" fil-mistoqsijiet u żbalji jkomplu jżidu t-tensjoni fuq l-istudenti. Kemm it-tfal qegħdin iħarrġuhom fil-kapaċitajiet biex jitħalltu ma' xulxin u jħalltu l-ideat tagħhom ma' sħabhom billi jiddiskutu fuq suġġetti ta' kuljum?

**Il-ħajja hija eżami kontinwu u lil uliedna rridu ndarruhom ikunu kapaċi igħixu mhux skjavi tal-iskola maqtugħin għalihom weħidhom ġo bozza.** Xi ngħidu mbagħad għan-nuqqas ta' eżerċizzju fiżiku u l-ħxuna li minħabba dan in-nuqqas u minn ikel ħażin għas-saħħa. Naħsbu li nkunu qed nagħmlu ġid lil uliedna billi nċaħħduhom mill-logħob u attivitajiet *extra* kurrikulari?! Ir-riżultati narawhom meta uliedna jersqu għal xi *interview* jew meta jiġu biex jibdew il-ħajja tax-xogħol kemm isibu ruħhom f'diffikultajiet. **Xi drabi l-fatt li uliedna jkollhom imorru Malta biex ikomplu jistudjaw iservihom ta' ġid għax jinqatgħu xi ftit mid-dar u jitgħallmu jfendu għar-rashom.**

## *Warrablu lis-Sindku*

Is-Sindku tal-lokal huwa aċċettat u ħa post għoli fis-soċjetà. Mingħajr dubju huwa bniedem kburi għaliex għandu l-opportunità u l-mezzi biex imexxi lill-komunità tiegħu u jamministra ammont kbir ta' fondi pubbliċi u mhux sempliċement jieħu sehem fiċ-ċerimonji. Minħabba r-responsabbiltà li għandu, jqatta' ħafna ħin il-Kunsill u d-dmirijiet tiegħu jeħdulu ħafna mill-ħin tiegħu anke s-Sibt u l-Ħadd. Hemm sindki li middew għonqhom sew għax-xogħol. Oħrajn jiddependu wisq mis-segretarji amministrattivi tal-Kunsill. **Fejn is-Sindku jagħraf imexxi u jistma' lill-Kunsillieri kollha l-istess, isib il-koperazzjoni u l-għajnuna mhux biss tagħhom imma tar-residenti tal-lokalità wkoll. Sindki arroganti bdew jitfaċċaw ukoll u mhux l-ewwel darba li qegħdin nisimgħu b'argumenti u ġlied waqt xi laqgħa ta' xi Kunsill. Nisimgħu ukoll bil-protesti, u xi teatrin waqt xi laqgħa tal-Kunsill tistennieh. Theddid ta' riżenji jsiru u fil-fatt kien hemm diversi minnhom. Dan ma' jawgurax tajjeb għal ebda Kunsill. Aħjar tinsisti għad-drittijiet milli ċċedi l-armi u tħalli lil min wera l-fiduċja fik, lampa stampa. Ir-riżenji noqgħodu attenti minnhom. Fejn is-Sindku qed ipoġġi l-partit li jippreżenta jew l-interessi tiegħu personali qabel kollox, ikun qiegħed iġib b'idejh stess inkwiet kbir.** Il-poter jista' jġib l-arroganza. Nisperaw li min għandu t-tmexxija tal-Lokalità f'idejh ma jittieħidx minn din il-marda.

## *Skips . . . fihom u madwarhom*

La qegħdin fuq il-Kunsilli ngħidu xi ħaġa fuq is-servizz ta' l-i*skips*. Insibu *skips* imxerrdin ma' Malta u Għawdex. Dawn ovjament mhux tal-Kunsilli iżda nkrew bi flus il-poplu. Tajjeb. Iżda rridu noqogħdu attenti. Il-Maltin minn l-għatba ta' darhom 'l barra maħmuġin. **Ħafna qegħdin jabbużaw minn dawn l-i*skips* meta qegħdin iwaddbu l-imbarazz fejn ġie ġie wara li l-i*skips* ikunu mtlew sax-xifer.**

Jista' jkun li dawk li għandhom jiġbru l-i*skips* mhux qegħdin jiġbruhom regolarment kif suppost u kif naħseb li għandhom imniżżel fil-kuntratt. Jista' jkun ukoll li l-ammont ta' skart li jkun hemm ikun ikbar mid-daqs ta' l-i*skip*. Għalhekk min hu responsabbli jrid itejjeb is-servizz. Barra minn dan, l-i*skips* m'għandhomx jitqiegħdu f'postijiet prominenti li jagħtu fil-għajn u jkerrħu l-ambjent u lanqas għandhom jingħataw in-nar meta jkunu mburġati.

**Ma noqogħdux nitkellmu dwar liġi, pulizija, multi, qorti, Kunsilli Lokali u x'naf jien. Kull wieħed minna**



**għandu jagħmel kull pressjoni possibbli fuq kull min jaf li qed jabbuża biex dan jieqaf milli jkompli jħammeġ l-ambjent.** Fil-qasam ta' l-ambjent kulħadd irid jieħu ħsieb ir-roqgħa ta' fejn igħix u jsebbaħha kemm jista'. Il-prinċipju għandu jkun wieħed ta' azzjoni fuq livell lokali u ħsieb fuq livell globali.

*Sess fost iż-żgħażagħ*

Min jaħseb li s-sess bejn iż-żgħażagħ qabel iż-żwieġ hawn Malta ma jeżistix qed igħix fil-qamar. Dan jidher ċar min-**numru akbar ta' studenti ommijiet; 256 f'sena skolastika waħda. Il-maġġoranza ta' dawn l-ommijiet huma bejn l-14 u s-17-il sena.** L-AIDS u HIV f'Malta qegħdin jiżdiedu ukoll b'mod sottili u mingħajr daqq ta' trombi. Is-sess sar oġġett ieħor ta' konsum.

Min-naħa l-oħra wieħed ma' jistax ma jinnotax kemm it-tagħlim tal-Knisja f'dan il-qasam huwa serju u permanenti. Difatti, pajjiżi bħall-Ingilterra li matul iż-żmien għallmu l-fatti dwar is-sess u firdu l-edukazzjoni sesswali minn kull aspett morali, sabu għas-spejjeż tagħhom stess, u l-iktar ta' wliedhom, li **sess mingħajr morali, imħabba u rispett ikun sess irresponsabbli li jagħti importanza lill-aspett fiżiku u jinjora s-sesswalità ġenwina** tal-bniedem. Barra minhekk dan l-aħħar fil-ġurnali Ingliżi kien irrappurtat li **t-tixrid tal-pilloli kontraċettivi fost iż-żgħażagħ ma' naqqasx in-numru ta' tfajliet tqal u l-pajjiż tgħabba bi spiża enormi biex igħin lil dawn it-tfajliet.** Dawn it-tfajliet-ommijiet jippreferu jibqgħu *single mothers* milli jiżżewġu u lanqas jipprovaw jaħdmu għax jitilfu l-benefiċċji soċjali favorevoli li jgawdu.

F'Malta dawn it-tfajliet-ommijiet għadhom igawdu ukoll mill-għajnuna ta' l-istat u għandhom dritt għas-servizzi soċjali kollha u anke għall-appartament fejn igħixu indipendentement mill-familja. **Dan juri soċjetà li taf tagħder u tappoġġja lil min huwa f'xi problema. Din hija sitwazzjoni fil-pajjiż li rridu naċċettaw iżda fl-istess ħin irridu nagħmlu sforz kollettiv biex fiż-żgħażagħ tagħna qabel kollox inrawmu sens ta' responsabbiltà u mhux ngħidu liż-żgħażagħ isolvu l-problema billi jużaw il-kontraċettivi. Din mhix kwistjoni morali biss iżda ta' responsabbiltà lejna nfusna u lejn l-oħrajn.**

*Il-Pedofilja*

Il-ħruġ fil-beraħ ta' każijiet ta' pedofilja madwar id-dinja għeżżeż lill-Knisja Kattolika avolja din il-pjaga mhux fil-Knisja Kattolika biss teżisti. Barra minhekk hija iktar komuni fil-familji stess għax **l-iktar ammont ta' pedofilja li ssir hija minn membri adulti fuq tfal ta' l-istess familja. Meta dan l-att moqżież isir minn saċerdot jew edukatur jidher iktar ikrah għax dawn ikunu kisru dik il-fiduċja li l-ġenituri jkunu urew fihom meta fdaw lil uliedhom taħt il-ħarsien tagħhom. Jagħmlu min jagħmlu dan, huwa att kriminali.** Fl-opinjoni tiegħi persuni li għandhom ir-responsabbiltà tat-tfal f'idejhom u li nafu li għandhom din it-tendenza, ma għandhomx jibqgħu jgawdu r-rispett u l-fiduċja ta' l-awtoritajiet inkluż ta' l-istess familji. Nafu li dawk involuti tħallew jokkupaw il-karigi li kellhom jew minn post bagħtuhom post ieħor! Dawn għandhom jingħataw kura u appoġġ xorta oħra. **Irridu nieħdu tagħlima minn dak li ġara barra u wasal iż-żmien li nkunu aktar onesti magħna nfusna filwaqt li l-Knisja f'Malta tkun aktar miftuħa u tneħħi dak kollu li jista' qiegħed jagħmlilha ħsara. Il-Knisja għandha tkun pro-attiva f'dan il-qasam u tieħu l-azzjonijiet li hemm bżonn biex il-ħafna tajjeb li qegħdin jagħmlu l-ħafna, ma jitħassarx bil-ftit ħażin tal-ftit. Wieħed fil-mija biss tal-każijiet kollha ta' pedofilja jitwettqu mill-kleru. Dan huwa każ ieħor ta' sensazzjonaliżżmu li spiss naraw fil-ġurnali u fil-*media*.**


LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 9.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



PLAY - FORUM (5)

# Ma' Mewġ il-Ħajja



***Din hi l-ħames kontribuzzjoni fis-sensiela ta' djalogi drammatiċi dwar problemi ta' żmienna, miktubin mill-mibki u qatt minsi MONS. SALV BORG. Dawn huma utli ħafna għal-laqgħat ta' diskussjoni, biex joħolqu kuxjenza nisranija dwar sitwazzjonijiet diffiċli fis-soċjetà tagħna.***

## ĦBIEB JEW GĦEDEWWA?

*Tonina* Nagħmillek ftit kafè, Ċikk?

*Ċikku* Nista' nieħu belgħa…

*Tonina* Tridx nagħmillek *toast*?

*Ċikku* Tonina, meta narak b'dawn il-ħafna kumplimenti nħoss ġismi jqum xewk xewk.

*Tonina* Iva ġismek iqum xewk xewk għaliex offrejtlek ftit kafè u biċċa *toast*.

*Ċikku* Da żgur ukoll! Huwa l-aħħar darba li offrejtli ftit kafè u biċċa *toast*, kelli niżborżja iktar minn mija u ħamsin lira biex nixtrilek dik il-mejda tal-intrata.

*Tonina* Imma kemm għandek ilsienek inigges! Għax bħal dak li qallu, il-mejda tal-intrata xtrajtha għalija u mhux għall-familja kollha.

*Ċikku* U tridx tħallina: xtrajtha għall-familja kollha!... Għalija żgur li le!

*Tonina* U għaliex għalik żgur li le?

*Ċikku* Mela insejt x'ħasla tajtni meta poġġejt fuqha daqsxejn dak il-pakkett li kelli, biex inkun nista' nagħlaq l-antiporta?

*Tonina* Mhux bilfors. Għax ma tgħidx x'kellek f'dak il-pakkett!

*Ċikku* X'seta' kellu fih? Nofs kilo vopi, imgeżwra tajjeb f'borża tal-*plastic*.

*Tonina* Iva allura inti kellek il-wiċċ tpoġġi dawk il-vopi fuq il-mejda tal-intrata! Mela billi mgeżwra fil-borża tal-plastik, kellek b'daqshekk xi garanzija li ma tħallix xi tebgħa warajha, jew?

*Ċikku* U iva… imbagħad sa fejn naf jien, mejda għalhekk qiegħda; kemm jekk tkun fil-kċina, kemm jekk tkun fis-salott, u anke meta tkun fl-intrata! Qiegħda hemm biex tpoġġi l-affarijiet fuqha.

*Tonina* Rajtx kemm hu ħelu…

*Ċikku* Inti dik il-biċċa *toast* għamiltha jew le?

*Tonina* Mela inti għedtli li ridtha!...

*Ċikku* Ihhhh, x'kont ser ngħid? Mela għalfejn staqsejtni?

*Tonina* Biex nara tridx.

*Ċikku* U ma tafx li rrid.

*Tonina* Iżda int ma għedtlix biex nagħmillek. Għedtli biss li kull meta noffrilek ftit kafè u biċċa *toast* ġismek iqum xewk xewk.

*Ċikku* Imma, kif bil-magħmul! Kull filgħodu tniżżilli belgħa kafè velenu… Nagħmel sew naqbad u nagħmel jien.

*Tonina* Iktar ħmara jien, noqgħod noffrilek u nseftirlek.

*Ċikku* Isseftirli xejn… Imma Tonin; aqtagħli kurżità. Dan x'tak dalgħodu. X'hemm wara l-biċċa *toast*?

*Tonina* U xejn…

*Ċikku* Xejn le!... Xi ħaġa f'moħħok għandek żgur.

*Tonina* U kieku għandi xi ħaġa li ilni nixtieq nakkwista…

*Ċikku* Tonina ta' qalbi tixtieq xejn! Keċċi minnek dawn ix-xewqat ħżiena tiegħek… Bħalissa l-baġit ma jippermettix…

*Tonina* Il-baġit ma jippermettix, meta għadek kif daħħalt il-bonus…

*Ċikku* Il-bonus insieh… Dak diġà għandi xi ħaġa fejn nonfqu…

*Tonina* Rajtux is-Sur Ċikk, kemm jirraġuna. Il-bonus għandu fejn jonfqu; imbagħad għax tlabtu nixtri xi ħaġa għad-dar, dik le…

*Ċikku* Tonina, diġà għedtlek. Qed inġemma sabiex sa Lulju jkolli kemxa ġmielha.

*Tonina* Lulju?... U ngħid jien Lulju għalfejn?

*Ċikku* Mela nsejt li f'Lulju ssir il-Fiera tan-Naxxar?!

*Tonina* U b'daqshekk… x'ser tagħmel bil-Fiera tan-Naxxar?

*Ċikku* Tonin… twebbilt nixtri dixx…

*Tonina* Dixx???... U ser toqgħod tistenna l-Fiera tan-Naxxar? Għax ma naslux wasla s'għand Ġanna tas-Supermarket. Dik insibulha kollox.

*Ċikku* U x'Ġanna Ġanna, min jisimgħek.

*Tonina* Imbagħad dan id-dixx x'tambih… Għandna daqshekk dixxijiet! Min jisimgħek jaħseb li qed issajjar int hawn ġew...

*Ċikku* Int min qallek li ser nixtri dixx biex insajjar…

*Tonina* Tajba din!... Isma' Ċikk, ma nagħmlux mod li sboxxlajt għal kollox, hux? Jekk mhux biex issajjar, x'tambih id-dixx? Biex toqgħod iddoqq il-banda bih, jew?

*Ċikku* Id-dixx li ser nixtri mhux dixx għall-ikel, iżda

dixx għal fuq il-bejt...

*Tonina* Ehh... Għall-bar-be-cue... Ta' l-anqas fl-aħħar ser taqtagħli xewqti.

*Ċikku* X'bar-be-cue ta' zitek! Kemm qal sew Napuljun... kemm qal sew Napuljun...

*Tonina* Mela x'qal Napuljun, Ċikk?

*Ċikku* Darba kien qal: Agħtini niġġieled kontra riġment sħiħ, imma ġġiblix quddiemi bniedem injorant...

*Tonina* Rajtx kemm hu għaref Napuljun...U dan min qalulek?... Haqqni taf, ħaqqni, jiena qatt ma jmissni nħallik toqgħod tgħaddi s-sigħat fil-ħanut ta' Kurun. Hemmhekk żgur li ltqajt ma' Napuljun...

*Ċikku* Imma kemm kelli xortija ħażina... Imma għaliex kelli nħabbat wiċċi ma' nies ta' din ix-xorta!... Ara Tonina: Halli nfissirlek ftit. Imma għal ruħ ommok, agħlaq ħalqek... titkellimx... ħallini nitkellem jien biss.

*Tonina* Biex tgħid li trid, hux?

*Ċikku* Tonina, jien irrid nixtri dixx tond biex inkunu nistgħu naqbdu l-istazzjonijiet kollha tat-*television* li jeżistu fid-dinja.

*Tonina* Ehhh... Issa qiegħda nifhem. Ja biċċa ta' xiħ żmagat. Biex toqgħod imbagħad tarali dawk il-ħafna qżiżijiet li jkun hemm bil-lejl, hux hekk?

*Ċikku* Bambin tal-ħniena ħenn għalija... Agħtini s-sabar. Jiena rrid nixtri dixx għaliex issa ġejja l-*World Cup*, u nkunu nistgħu naraw il-logħbiet kollha. Barra minn hekk, anke int tkun tista' tara aħjar *Beautiful*, u dawk il-qabda films bla sens li jurukom.

*Tonina* Rajtx kemm tifhem... Daqs kemm huma sbieħ... *Dallas, La Donna del Mistero, Milagros*... kemm nieħu gost jaħasra, u kemm innewwaħ!

*Ċikku* Imma int qed tara kemm inti belha. Tibki u tieħu gost. Affarijiet tal-ġenn.

*Tonina* Huwa li toqgħod sigħat sħaħ tara l-ballun, dak xi tgħidlu? Ċorma rġiel bil-qliezet ta' taħt jiġru f'għalqa wara biċċa ballun, u min jitfgħu 'l hawn u min jitfgħu 'l hemm.

*Ċikku* Dawk gosti...Jiena għalhekk irrid nixtrih id-dixx. Inti taf li jien qatt ma noqgħod nara dawk il-qabda programmi bla sens li jkun hemm. Xejn xejn nistħi minn Margaret tagħna.

*Tonina* Huwa kieku nqegħdek, jekk naqbdek tara dawk il-programmi moqżieża!

*Ċikku* Isma' jiena raġel ta' l-affari tiegħi; avolja xi kultant nistħi jkunu jitkellmu dwar xi programm li jkunu raw, u jien inċiċċi hemmhekk bla ma naf fuqhiex ikunu jitkellmu.

*Tonina* M'inti titlef xejn, Ċikk. Jiena, kif għedtlek, nara dawk l-istejjer li jkun hemm... ma jkun fihom xejn ħażin, tafx. U dawk djar, dawk ilbiesi, u l-għamara li jkun hemm xi tgħidli għaliha... u kieku jkun hemm stampa waħda ħażina...

*Ċikku* Stampi ħżiena ma jkunx hemm, imma velenu



rqieq, irqieq ma għandekx idea kemm ibellgħulek. Ara ftit kif jippreżentawh iż-żwieġ. Kemm irewħu għad-divorzju... u aħna nibilgħu, nibilgħu u tinħoloq mentalità dwar hekk.

*Tonina* U dan minn meta sirt kapaċi titkellem b'dan il-mod, Ċikku ta' qalbi?

*Ċikku* Dan mhux kliemi: Smajthom isemmu xi ħaġa ċ-Ċentru waqt laqgħa li kien hemm.

*Tonina* Hallihom jgħidu! It-*television* żgur li miniex ser inwarrbu jew inbiegħu.

*Ċikku* Hadd ma qed jgħidilna nbiegħuh, Tonin. It-*television* għandu ħafna affarijiet tajba; l-aħbarijiet, programmi sbieħ ta' divertiment, programmi li jwasslulek f'darek dak li jiġri f' pajjiżi 'l bogħod. Huwa meravilja. Iżda ma rridux insiru lsiera tiegħu.

*Tonina* Jiena ma jiena lsira ta' ħadd. Ngħid għalija, quddiem it-*television* biss inħossni nistrieħ ftit.

*Ċikku* Mhux ftit iżda ħafna, naħseb. *(Ċikku jqum biex joħroġ)*

*Tonina* Fejn sejjer?

*Ċikku* Sejjer nara l-*final* ta' *FA Cup*.

*Tonina* Fuq it-*television* jew?

*Ċikku* Mela fuqhiex?

*Tonina* Għid appa! Issa rrid nara *Sentieri*. Il-*final* tal-futbol mur arah il-każin! *(Mużika)... (Ċikku jitlaq il-barra jgerger u jeqred)*

****************

*Klara* Tonina, Ċikku hawn?

*Tonina* Le, mar il-każin jara l-futbol, qal.

*Klara* Imma kif inhuma mġienen fuq il-ballun, hux.

*Tonina* Hallih jara li jrid; l-aqwa li lili jħallini bi kwieti nara *Sentieri*.

*Klara* Tonina rridek tagħmilli pjaċir.

*Tonina* Għidli x'għandek bżonn!

*Klara* Għandi dan il-pakkett, xtaqt nistaqsik x'nista' nagħmel bih.

*Tonina* Dak x'pakkett hu?

*Klara* *Videos*... qabda *videos* ħżiena....

*Tonina* Klara!!! *(tistgħaġeb)* Dak x'fettillek tixtri dawk il-*videos* ta' l-infern?!

*Klara* Dawk ma xtrajthomx. Issellifhom in-neputi...

*Tonina* U tahomlok biex tarahom?

*Klara* Ma tarax! Lanqas biss jaf li sibthomlu. Għax żgur joqtolni.

*Tonina* Allura kif ġew f'idejk?

*Klara* Kif taf, Noel qed jiġi jorqod għandi, peress li filgħodu jkun eqreb għax-xogħol. Oħti kienet talbitni biex inżommu miegħi. Xejn xejn wens għalija u fl-istess ħin isserraħ moħħha li Noel jinġabar kmieni u tkun taf fejn hu.

*Tonina* Naqbel magħha. Jien emminni, ma nagħlaqx għajn m'għajn qabel ma jidħlu ż-żewġ uliedi.

*Klara* Illum b'kumbinazzjoni Noel ħalla l-kamra tiegħu miftuħa. X'aktarx nesa jsakkarha, peress li qam tard u kellu jitlaq jiġri lejn l-uffiċċju. Approfittajt ruħi u dħalt innaddaflu xi ftit. Soltu din il-biċċa xogħol nagħmilha nhar ta' Sibt, meta jkun hemm hu.

*Tonina* Żgur sibtlu dawk il-*videos* hemmhekk?

*Klara* B'kumbinazzjoni! Waqt li kont qed innaddaflu l-kamra xgħelt it-television, taf int ikun hemm *Una Mattina*... u nħobb nixegħlu dak il-ħin. Iktar bħala wens milli biex noqgħod nara.

*Tonina* Jien ġieli nagħmel hekk; iżda taf inti jien bit-Taljan ftit li xejn nifhem u allura nippreferi nixgħel l-RTK .

*Klara* Mela Tonin, nixgħel dak l-imbierek ta' *television*, u ma kienx *television* li xgħelt. Ajma nħoss ġismi jqum xewk xewk... Kien mitfugħ fuq il-*video*; jien ma tajtx kas. Iżda wara ftit dort... u ġibt għajnejja wara widnejja. Iġġennint. Rgħext minni nnifsi. Tfejtu u bdejt infittex mal-kamra kollha.

*Tonina* U sibt dawk?

*Klara* Mela! F'kaxxa taż-żraben fil-gwardarobba.

*Tonina* Minn fejn ġabhom?

*Klara* Mnejn ġabhom ma nafx... jista' jkun li krihom... jew inkella ssellifhom. Ħabiba tiegħi qaltli li ftit ilu fl-uffiċċju fejn taħdem hi, sikwit ikun hemm xi *video* jiġri fl-idejn.

*Tonina* Issa x'ser tagħmel Klara?

*Klara* Emminni ma nafx!.... Għidt forsi Ċikku....

*Tonina* Ara, Klara, lil Ċikku tafdalu f'idejh xejn dak il-pakkett. Billi mhux kurjuż. Dak ibqa' ċerta li tiġih it-tentazzjoni u jara xi wieħed minnhom.

*Klara* Int lil Ċikku xi ħsibtu?

*Tonina* Raġel bħal ħaddieħor! Ħsiebu fin-nisa!... Ara Klara isma' minni, żommhom int, u ara ftit x'ser jgħid Noel.

*Klara* Xi tridu jgħid. Dak illum daħal l-aħħar darba għandi. Illejla jkollu jmur jorqod għand ommu. Mela jien ser nerfa' r-responsabbiltà tiegħu wkoll! Hemm ommu u missieru, jaraw huma.

*Tonina* Jiena bħalek ngħid. U dawk il-*videos*, aqbad u aħraqhom. Jekk krihom ikollu jħallashom lura, u jekk iddubbahom ikollu jħabbat wiċċu ma' dawk it-taparsi ħbieb li kienu sellfuhomlu.

*Klara* Imma kif ma nistax noqgħod bi kwieti d-dar!

*Tonina* Storja waħda, Klara. Ftit ġimgħat ilu, Mary tal-Parrukkier qaltli li kienet imħabbta ħafna u biex isserraħ moħħha li t-tfal joqogħdu f'kamarthom jaraw xi film, kriet *DVD* tal-*cartoons*. Poġġietulhom u kompliet b' xogħolha. F'ħin minnhom daħlet fil-kamra tagħhom biex tara hux kollox sew... u riedet l-art tiblagħha. Kien *cartoon* pornografiku.

*Klara* Iva allura tal-ħanut tahulha xorta waħda?

*Tonina* Skuża ruħu. Imma ġmielu poġġa d-DVD fuq l-ixkaffa f'postu biex jinkera minn ħaddieħor.

*Klara* Insomma taf x'naf ingħid: aktar mal-bniedem jimxi 'l quddiem, u aktar ma jħaddem id-doni li tah Alla, aktar jara kif jagħmel biex jgħix ta' annimal.

*Tonina* U nafu x'jiġifieri, tgħix bogħod minn Alla.

*Klara* Se nħallik Tonina. U grazzi talli smajtni, għax kont għoddni ser niġġennen. u sellili għal Ċikku.

*Tonina* Inservik Klara! Lil Ċikku nsellilek għalih jekk jirbħu. Jekk le, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt. Imma aħjar il-futbol milli xi mara oħra!

Peter's Butcher Shop

*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo

Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR JEW ĦITAN BIL-MOFFA?

TKOMPLIX TONFOQ FLUS F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!

...ĦALLI F'IDEJN



**GREZZJU BONELLO**

**Jiġi jagħtik stima b'xejn**

"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

**MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX** *minn* **Joe Bajada**



# VIVA World Cup 2009
# L-Għawdxin jispiċċaw fil-ħames post

Is-Selezzjoni Għawdxija fl-ewwel parteċipazzjoni tagħha fil-VIVA World Cup 2009 organizzata mill-*NF Board*, irnexxielha tispiċċa fil-ħames post meta rebħu l-protest kontra Oċċitania fil-logħba għall-ħames u s-sitt post. L-Għawdxin matul il-logħbiet tagħhom ħolqu diversi ċansijiet ta' skor, iżda bejn minħabba l-eċitament, kif ukoll in-nuqqas tagħhom ta' esperjenza internazzjonali, sfaw fuq in-naħa telliefa. Fil-fatt li kienu l-Għawdxin ħadu mqar nofs iċ-ċansijiet li ħolqu, żgur li kienu javanzaw iktar fil-kompetizzjoni. Huma bdew din l-avventura tagħhom fl-logħba ta' Grupp 2 kontra Provence ta' Franza nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju 2009 fi *Stadio Silvio Piola* ta' Novara fejn ħarġu telliefa 1-3.

L-Għawdxin bdew b'diversi ċansijiet fl-ewwel fażi, madankollu kienu Provence li fetħu l-iskor fis-36 minuta b'xutt ta' HAMMOUD. Fit-tieni taqsima l-Għawdxin wettqu reazzjoni qawwija għad-*draw* li wasal fit-28 minuta meta minn pass ta' Mario Azzopardi lejn Mark Camilleri li kkrosja mill-lemin fejn is-sostitut Brian Meilaq żmarka lil JOHN CAMILLERI li b'xutt fil-baxx għeleb lil Ostacchini. L-Għawdxin komplew jistinkaw għall-vantaġġ fejn iżda fit-32 minuta l-istess HAMMOUD reġa' poġġa lil Provence minn fuq. Żewġ minuti wara, l-Għawdxin tkeċċielhom is-sostitut Rodney Buttigieg, u hawn it-tamiet tad-*draw* sfumaw, biex ħames minuti fuq u l-ħin regolamentari kien HAMMANI li għeleb lil Galea.

Anke fit-tieni partita l-Għawdxin tilfu diversi ċansijiet oħra ta' skor fosthom żewġ *penalties*, mentri l-avversarji, l-iSvediżi ta' Sapmi ħatfu kull okkażjoni li ġiethom biex ir-riżultat ta' telfa ta' 2-7 għall-Għawdxin ma tirriflettix l-andament tal-partita. Din il-logħba ntlagħbet nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2009 fi *Stadio Mario Rigamionti* ta' Brescia. Sapmi skurjaw tlieta permezz ta' THOMASSEN bejn it-12 u s-17 il-minuta. Fil-21 minuta l-Għawdxin ġew mogħtija *penalty* wara *foul* fuq Mario Azzopardi, iżda Milos Stojanovic xeħet għoli. Wara l-intervall Sapmi reġgħu bdew tajjeb meta l-ewwel kien is-sostitut EIRA li kabbar l-iskor fit-tielet minuta u ħames minuti wara REGINIUSSEN għamilhom ħamsa minn pożizzjoni dubjuża ta' *offside*. Fit-18 il-minuta wasal it-tieni *penalty* favur l-Għawdxin wara *foul* fuq Stojanovic, iżda din id-darba kien John Camilleri li ra lil Kjetil Thomassen jilqalu. Fil-33 minuta BRUER waħdu quddiem Grima għaqqad in-nofs tużżana. L-Għawdxin naqqsu l-iskor fl-34 minuta permezz tas-sostitut CHRISTIAN BUGEJA wara pass ta' Elton Vella. Pero erba' minuti wara REGINIUSSEN żied ieħor direttament minn frikik. Fl-40 minuta reġa' kien CHRISTIAN BUGEJA li sab ix-xibka opposta wara li kien rebaħ ballun lid-difiża avversarja.

L-aħħar logħba tal-Għawdxin kienet dik tal-Ġimgħa 26 ta' Ġunju wkoll fi Stadio Mario Rigamonti ta' Brescia kontra l-Franċiżi ta' Oċċitania, partita biex tiddetermina l-ħames u s-sitt post. Hawn ukoll l-Għawdxin kienu tajbin fl-attakk iżda ttraskurati fil-konklużjonijiet tagħhom. Fid-19 il-minuta Oċċitania fetħu l-iskor permezz ta' BALLUE. Fit-tieni taqsima l-Għawdxin ferm viċin id-*draw* b'kanonata mill-isbaħ ta' Mark Muscat li spiċċat ċentimetri għoli. Iżda fis-17 il-minuta CANTIER irdoppja b'xutt angulat. L-Għawdxin ma qatgħux qalbhom fejn is-sostitut Rodney Buttigieg falla l-mira bi ftit u rovexjata tas-sostitut l-ieħor John Camilleri spiċċat ftit għoli. Fil-35 minuta l-Għawdxin naqqsu l-iskor meta minn pass ta' Stojanovic, Rodney Buttigieg ħarab tajjeb fejn żmarka lil JOHN CAMILLERI li mill-viċin għeleb lil Veziat. Appena ntemmet il-partita, l-Għawdxin resqu protest fejn Oċċitania għamlu sostituzzjoni iktar milli stipulat fir-regolament, fejn il-protest tagħhom kien milqugħ u ngħataw rebħa ta' 2-0 biex ġew ikklassifikati fil-ħames post.

### *Joe Bajada jifforma parti mill-Grupp tar-Referis tal-VIVA World Cup*

Fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju 2009, l-Għawdxi Joe Bajada kien wieħed mit-tliet referis barranin li ngħaqqdu ma' oħrajn Taljani biex iffurmaw il-grupp li kkontrollaw dawn il-logħbiet tal-*VIVA World Cup 2009* mirbuħa minn Padania fil-finali bl-iskor ta' 2-0 fuq Kurdistan. Dawn il-logħbiet li kważi kollha kienu rrefjati minn referis Taljani għajr tnejn fil-gruppi tal-bidu li kienu rrefjati minn referis mill-Kurdistan u l-iSvezja. Joe Bajada ddebutta bħala r-raba' uffiċjal fil-logħba delikata u deċisiva għar-rebħ ta' Grupp 1 bejn l-aħjar żewġ timijiet, dik fejn Padania ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 2-1 kontra Kurdistan b'penalti diskutibbli. Din il-logħba ntlagħbet nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju fi *Stadio Mario Rigamonti* ta' Brescia.

L-għada l-Ħamis, Bajada kien impenjat bħala assistent referi numru 1 fis-Semi Finali bejn Padania u Sapmi li ntrebħet minn Padania bl-iskor ta' 4-0. Din il-partita saret fi Stadio Silvio Piola ta' Varese. Joe Bajada reġa kien magħżul bħala assistent referi numru 1 fil-logħba għat-tielet u r-raba' post bejn Provence u Sapmi li ntrebħet minn dawn tal-aħħar bl-iskor ta' 5-4 bl-għoti tal-*penalties* wara *draw* drammatiku ta' 4-4. Din il-partita ntlagħbet nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju fi Stadio Mario Rigamonti ta' Brescia.

Bħala riżultat tal-wirjiet tiegħu, Joe Bajada ġie mogħti l-unur li jirrefja l-logħba ta' benifiċjenza li saret nhar is-Sibt 27 ta' Ġunju 2009 fi Stadio Marcantonio Bentegodi ta' Verona qabel il-finali tal-*VIVA World Cup*. Din il-partita kienet bejn tim iffurmat minn ex-plajers professjonisti u formazzjoni rappreżentattiva mill-Komunità Shalom ta' Palazzolo sull'Oglio.

F'komunikat mibgħut minn Dott. Mario Mozzoleni li kien il-President tal-Kummissjoni tar-Referis waqt il-*VIVA World Cup 2009*, Joe Bajada ġie mfaħħar ħafna għall-integrazzjoni tiegħu fil-grupp arbitrali, kif ukoll għall-puntwalità tat-taħrig u l-laqgħat tekniċi li saru, kif ukoll għall-preparazzjoni teknika li wera. Il-vot li ngħata Joe Bajada kien dak ta' tajjeb ħafna. Fil-fatt Joe Bajada kien irrikkomandat lil *NF Board* biex jerġa' jkun magħżul għal edizzjoni oħra tal-*VIVA World Cup*.



# Għawdex max-Xhur

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti minn sorsi differenti*



## 8. AWWISSU

*Sliem għalik ja xahar regali*
*hekk ifisser ismek kbir*
*għax minn Ċesri ġejt imgħammed*
*mingħajr ismu kont tkun fqir.*

*Xahar is-sħana, kultant b'żiffa*
*bix-xemx taħraq tibda jiem*
*u kultant xi qtar tal-ilma*
*biex li jtir turina ż-żmien.*

*L-għeneb juri l-ħlewwa tiegħu*
*għax f'Awwissu lilu tmiss*
*u f'nofs jiemek nagħmlu festa*
*lil Omm Alla kif imiss.*

*San Lawrenz fl-għaxar jum tiegħek*
*demmu xerred għall-Mulej*
*lil Natanjel tah l-imfietaħ*
*għax appostlu tal-Feddej.*

*Fi tmiem jiemek il-għarixa*
*lix-xemx tgħajjeb għal ftit żmien*
*biex tal-inqas in-nifs nieħdu*
*għax id-dell iġib serħien.*





## 9. SETTEMBRU

*Fost ix-xhur l-iżjed bla grazzja*
*min iħobbok xejn mhu sew*
*għax l-irjieħ li ġġib bi sħabek*
*jherru s-saħħa barra u ġew'.*

*Inkun laqgħi jekk infaħħrek*
*fir-riħ isfel kollu dlik*
*aħjar minnek għommet Lulju*
*ma nafx jien min jifraħ bik!*

*Forsi jifraħ min bid-dgħajsa*
*għal-lampuki jmur jistad;*
*bħalma ferħet Malta tagħna*
*meta t-Tork ilebbet rat. . .*

*Darba għal dejjem minn pajjiżna*
*f'dak il-jum ta' glorja u ġieħ*
*meta intrebaħ in-Nofs Qamar*
*u s-Salib ħareġ rebbieħ.*

*Kien f'Settembru wkoll li ġensna*
*kiseb tiegħu il-ħelsien*
*rajh f'idejh ħa darba għal dejjem*
*biex ikun sid u ħakkiem.*

# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Richard Grech*

## ILJIELI SAJFIN FL-IRĦULA GĦAWDXIN





# Home Loans

We have you covered



**You can save up to a maximum of €1,200 in Bank Fees**

- Competitive rates
- No Bank processing fees
- No Bank legal fees
- No early repayment fees
- No Bank architect's fees

**Tel: 21226644**

**www.apsbank.com.mt**

APS bank
THE BANK YOU WANT US TO BE

*APS Bank Ltd is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority.*